



Werrej

#### II Atti mhux leġiżlattivi

##### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/2092 tas-17 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-bakkaljaw fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Iżvezja** ..... 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2093 tat-18 ta' Novembru 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 718/2007 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 li jistabbilixxi strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA)** ..... 3
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2094 tad-19 ta' Novembru 2015 dwar ir-rimborż, f'konformità mal-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja 2015** ..... 7
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2095 tad-19 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 11

##### DEĊIŻONIJET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2096 tas-16 ta' Novembru 2015 dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-Tmien Konferenza ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni u l-Ħażna ta' Armi Batterjoloġiċi (Bijoloġiċi) u ta' Tossina u dwar il-Qerda Tagħhom (BTWC)** ..... 13
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2097 tas-26 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment ta' Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka dwar Sistema Integrata għall-Osservazzjoni tal-Karbonju (ICOS ERIC) <sup>(1)</sup>** ..... 19

(<sup>1</sup>) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2098 tat-13 ta' Novembru 2015 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (notifikata bid-dokument C(2015) 7716) .....	35
★ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2099 tat-18 ta' Novembru 2015 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi biex tingħata l-Ekotikketta tal-UE għall-materjal tat- <i>tkabbir</i> , is-sustanzi li jtejbu l- <i>ħamrija</i> u l- <i>ħuxlief</i> (notifikata bid-dokument C(2015) 7891) <sup>(1)</sup> .....	75
★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2100 tat-18 ta' Novembru 2015 li tawtorizza metodi għall- <i>klassifikazzjoni</i> tal- <i>karkassi</i> tal- <i>majjal</i> fil- <i>Latvja</i> u li tħassar id-Deċiżjoni 2005/307/KE (notifikata bid-dokument C(2015) 7986) .....	101
★ Deċiżjoni (UE) 2015/2101 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta' Novembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/774 dwar programm ta' xiri ta' assi ta' swieq sekondarji mis-settur pubbliku (BĊE/2015/33) .....	106

---

## Rettifika

★ Rettifika tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/848/PESK tas-16 ta' Diċembru 2011 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r- <i>Repubblika Demokratika tal-Kongo</i> (ĠU L 335, 17.12.2011) .....	108
★ Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 683/2011 tas-17 ta' Ġunju 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 57/2011 fir-rigward tal- <i>opportunitajiet</i> tas- <i>sajd</i> għal ċerti <i>stokkijiet</i> tal- <i>ħut</i> (ĠU L 187, 16.7.2011) .....	108

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-*ŻEE*

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2092

tas-17 ta' Novembru 2015

li jstabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-bakkaljaw fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Iżvezja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 <sup>(2)</sup> jstabbilixxi l-kwoti għall-2015.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2015.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2015 għandha titqies eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi trażbordat, jiġi trasportat jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jaqbdaw il-bastimenti wara dik id-data.

<sup>(1)</sup> ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 tad-19 ta' Jannar 2015 li jiffissa għall-2015 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 43/2014 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 779/2014 (ĠUL 22, 28.1.2015, p. 1).

## Artikolu 3

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Novembru 2015.

Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
João AGUIAR MACHADO  
Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

## ANNEX

Nru	57/TQ104
Stat Membru	L-Iżvezja
Stokk	COD/04-N.
Speċi	Bakkaljaw ( <i>Gadus morhua</i> )
Żona	L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N
Data tal-għeluq	19.10.2015

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2093****tat-18 ta' Novembru 2015****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 718/2007 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 li jistabbilixxi strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' qabel l-Adeżjoni (IPA) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu;

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 ("ir-Regolament IPA") jistabbilixxi l-għanijiet u l-prinċipji ewlenin fir-rigward tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni għal pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali. Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-għanijiet ta' qabel l-adeżjoni huma stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 718/2007 <sup>(2)</sup>.
- (2) Għalkemm ir-Regolament IPA kien japplika biss sal-31 ta' Diċembru 2013, ir-Regolament IPA ikompli jirregola l-implimentazzjoni tal-impenji baġitarji li saru sal-31 ta' Diċembru 2013. Barra minn hekk, l-Artikolu 212 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup> jipprova li l-Artikolu 166(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(4)</sup> jibqa' japplika għal dawk l-impenji tal-baġit li jibqgħu disponibbli sal-31 ta' Diċembru 2018.
- (3) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 introduċa l-possibbiltà għall-Kummissjoni li toħloq u tamministra fondi fiduċjarji tal-Unjoni għal azzjoni esterna. Tali fondi fiduċjarji tal-Unjoni jistgħu jkunu mod xieraq sabiex jimplimentaw l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet tar-Regolament IPA, b'mod partikolari dawk segwiti taħt l-assistenza ta' tranżizzjoni u bini ta' istituzzjonijiet, il-komponenti tal-iżvilupp reġjonali u tar-riżorsi umani.
- (4) L-użu ta' fond fiduċjarju tal-Unjoni għal azzjoni esterna għalhekk jista' jkun mod xieraq għall-implimentazzjoni tal-assistenza fil-kuntest tal-kriżi fis-Sirja. Minn mindu bdiet il-kriżi fis-Sirja, it-Turkija għamlet sforzi notevoli biex tospita għadd dejjem jikber ta' refuġjati, li ammontaw għal aktar minn żewġ miljun ruħ f'Ottubru 2015. Bħala konsegwenza, il-pajjiż qed iħabbat wiċċu mal-isfida li jwieġeb għal ħtiġijiet umanitarji għal żmien qasir tar-refuġjati, inklużi minorenni u persuni vulnerabbli, iżda wkoll qed jiffaċċja aktar sfidi fuq perjodu medju u twil ta' żmien, b'mod partikolari, f'reġjuni li jospitaw il-biċċa l-kbira tar-refuġjati, marbuta mas-servizzi soċjali, il-kompetittività u l-infrastruttura kif ukoll aċċess għall-edukazzjoni, inkluż għar-refuġjati.
- (5) L-effiċjenza tal-assistenza mill-Unjoni mogħtija taħt il-komponent tal-iżvilupp reġjonali u taħt il-komponent tal-iżvilupp tar-riżorsi umani tal-IPA fit-Turkija tista' tiżdied f'termini li jiġu indirizzati l-isfidi deskritti hawn fuq jekk l-għanijiet kelliha tiġi implimentata permezz tal-Fond Fiduċjarju Reġjonali stabbilit b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana. Il-Fond Fiduċjarju Reġjonali ġie stabbilit bid-Deċiżjoni C(2014) 9615 <sup>(5)</sup> għal tul ta' żmien ta' 60 xahar. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji kollha tal-Unjoni għall-Fond Fiduċjarju Reġjonali għandhom jikkonformaw mal-istrumenti finanzjarji relevanti li jikkontribwixxu għalih, inkluż fir-rigward tal-ambitu ġeografiku.
- (6) Il-komponent ta' żvilupp reġjonali tal-IPA jista' jikkontribwixxi għall-finanzjament tat-tip ta' azzjonijiet ipprovduti taħt ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(6)</sup>. Dawn it-tip ta' azzjonijiet

<sup>(1)</sup> ĠUL 210, 31.7.2006, p. 82.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 718/2007 tat-12 ta' Ġunju 2007 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 li jistabbilixxi strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA) (ĠUL 170, 29.6.2007, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠUL 298, 26.10.2012, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠUL 248, 16.9.2002, p. 1).

<sup>(5)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 9615 tal-10 ta' Diċembru 2014 dwar l-istabbiliment tal-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-Unjoni Ewropea b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana, "il-Fond Madad".

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠUL 210, 31.7.2006, p. 1).

jinkludu l-promozzjoni ta': l-innovazzjoni u l-intraprenditorija; investimenti marbutin mal-provvisti tal-ilma, l-immaniġġar tal-ilma u l-iskart; it-trattament tal-ilma maħmuġ u l-kwalità tal-arja; investimenti fl-edukazzjoni, inkluż fit-taħriġ vokazzjonali; u investimenti fl-infrastruttura tas-saħħa u dik soċjali li jikkontribwixxu għal żvilupp reġjonali u lokali.

- (7) Il-komponent ta' riżorsi umani tal-IPA jista' jikkontribwixxi għall-finanzjament tat-tip ta' azzjonijiet ipprovduti taħt ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>. Dawn it-tip ta' azzjonijiet jinkludu miżuri mmirati lejn iż-żieda fil-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u fit-taħriġ matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja, anke b'azzjonijiet immirati biex jinkiseb tnaqqis fin-numru ta' tfal li jħallu l-iskola kmieni u aċċess akbar tal-edukazzjoni tal-bidu, vokazzjonali u terzjarja u t-taħriġ.
- (8) Meta wieħed iqis dan kollu, huwa xieraq li tkun ipprovduta l-possibilità tal-użu ta' fondi fiduċjarji tal-Unjoni, stabbilit skont l-Artikolu 187 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, għall-implimentazzjoni tal-ghajjnuna ta' qabel l-adeżjoni.
- (9) B'mod partikolari, jeħtieġ li jiġu pprovduti regoli dwar l-ippjanar, l-iprogrammar, ir-rappurtar, il-monitoraġġ u t-tfassil ta' applikazzjonijiet għall-ħlas, kif ukoll għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni minn fond fiduċjarju tal-Unjoni meta jkun qad jiġu segwiti l-oġġettivi tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni fi ħdan iż-żoni ta' programm rispettivi, b'mod partikolari rigward l-implimentazzjoni tal-baġit, ta' pubbliċità u ta' eliġibbiltà.
- (10) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni immedjata tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat IPA II stabbilit permezz tal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>.
- (12) Ir-Regolament (KE) Nru 718/2007 għalhekk għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 718/2007 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 65, il-paragrafu ġdid nru 4 jiddaħħal kif ġej:

“4. Taħt dan il-komponent, l-assistenza tista' tiġi implimentata wkoll b'kontribuzzjoni għal fond fiduċjarju tal-Unjoni għall-azzjoni esterna (kontribuzzjoni għall-fond fiduċjarju), maħluq skont l-Artikolu 187 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(\*)</sup>, sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-programmi rilevanti skont il-programm fiż-żona rispettiva tagħhom.

<sup>(\*)</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).”

- (2) L-Artikolu 147(1), il-punt (c) għandu jiġi emendat kif ġej:

- (a) Il-punt (vii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(vii) investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż għat-taħriġ vokazzjonali”;

- (b) Jizzied il-punt (viii) li ġej:

“(viii) investimenti fl-infrastruttura tas-saħħa u dik soċjali li jikkontribwixxu għall-iżvilupp reġjonali u lokali.”;

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

(3) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 159a li ġej:

“Artikolu 159a

**Kontribuzzjoni għal fond fiduċjarju tal-Unjoni għall-azzjoni esterna**

1. Taħt il-komponenti tal-iżvilupp reġjonali u tar-riżorsi umani, sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti għall-programm operazzjonali rilevanti fiż-żona tal-programm rispettiva, l-azzjonijiet jistgħu jiġu implimentati permezz ta' kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-UE.

2. Fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-fond fiduċjarju, il-programm operazzjonali rilevanti għandu jkun fih biss l-informazzjoni li ġejja:

(a) valutazzjoni sommarja tal-koerenza ta' dik il-kontribuzzjoni mal-oġġettivi tal-fond fiduċjarju;

(b) għall-komponent tal-iżvilupp reġjonali, informazzjoni dwar operazzjoni unika ta' assi prijoritarju, li tirreferi wkoll għall-assi prijoritarji l-oħra fir-rigward tan-nefqa eliġibbli li tista' tkopri wkoll sehem tal-ispejjeż ta' tmexxija tal-fond fiduċjarju, kif previst fl-Artikolu 187(7) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012;

(c) għall-komponent tal-iżvilupp tar-riżorsi umani, informazzjoni dwar miżura ta' operazzjoni unika taħt assi prijoritarju partikolari, li tirreferi wkoll għall-miżuri ta' dak l-assi prijoritarju fir-rigward tan-nefqa eliġibbli li tista' tkopri wkoll sehem tal-ispejjeż ta' tmexxija tal-fond fiduċjarju, kif previst fl-Artikolu 187(7) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012;

(d) l-identifikazzjoni tal-fond fiduċjarju bħala benefiċjarju finali;

(e) l-ammont tal-kontribuzzjoni.

3. L-Artikoli 150 u 157 ma għandhomx japplikaw għal kontribuzzjonijiet għall-fond fiduċjarju.

4. Il-kontribuzzjoni għall-fond fiduċjarju ma għandhiex tkun soġġetta għal kontrolli *ex ante* skont l-Artikolu 14; għall-monitoraġġ mill-kumitat settorjali ta' monitoraġġ skont l-Artikoli 59, 167 u 169; il-proċedura biex jintgħażlu l-operazzjonijiet previsti fl-Artikolu 158; u għal evalwazzjonijiet skont l-Artikolu 166.

5. Il-ftehim ta' finanzjament bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż benefiċjarju għandhom jistabbilixxu regoli dettaljati ta' implimentazzjoni rigward il-kontribuzzjoni għall-fond fiduċjarju. Fejn ikun xieraq, programm operazzjonali rilevanti jista' wkoll jistabbilixxi dawk ir-regoli.

Ir-regoli ta' implimentazzjoni dettaljati għandhom jikkonċernaw b'mod partikolari:

(a) l-obbligi tal-awtoritajiet fil-pajjiż benefiċjarju;

(b) rappurtar, evalwazzjoni u monitoraġġ;

(c) dispożizzjonijiet li jirrikjedu li l-ammont tal-kontribuzzjoni jew parti minnha li għandha tingħata lura, skont il-każ, lill-programm rilevanti f'każ ta' likwidazzjoni tal-fond fiduċjarju, f'konformità mal-Artikolu 187(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

6. Nefqa fir-rigward ta' kontribuzzjoni għall-fond fiduċjarju għandha tkun eliġibbli mid-data li jiġi stabbilit dak il-fond fiduċjarju.

Fl-għeluq, id-dikjarazzjoni ċċertifikata tan-nefqa għandha tippreżenta l-ammont totali tal-kontribuzzjoni li deċiżjoni dwar l-allokazzjoni ta' fondi għal azzjonijiet individwali tkun ittieħdet minn bord operazzjonali tal-fond fiduċjarju sal-31 ta' Diċembru 2017 fit-twettiq tal-għanijiet stabbiliti fil-programm rilevanti u fl-ambitu tal-programm fiż-żona rispettiva tagħhom.

7. Għal applikazzjoni ta' pagament għal pagament interim dwar kontribuzzjoni tal-fond fiduċjarju mill-impenji tal-baġit li saru sal-31 ta' Diċembru 2012, l-aħħar sentenza tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 161(1) ma għandhiex tapplika.

L-uffiċjal nazzjonali tal-awtorizzazzjoni għandu jiċċertifika fid-dikjarazzjoni ċċertifikata tal-infiq li għandha tiġi ppreżentata sal-31 ta' Diċembru 2015, li l-kontribuzzjoni kienet tħallset lill-fond fiduċjarju identifikat fil-programm rilevanti.”

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

---



**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2094****tad-19 ta' Novembru 2015****dwar ir-rimborż, f'konformità mal-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja 2015**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(6) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 169(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, appropriazzjonijiet mhux impenjati li jirrigwardaw l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) kif imsemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jistgħu jiġu ttrasferiti għas-sena finanzjarja ta' wara. Dan ir-riport huwa limitat għal 2 % tal-appropriazzjonijiet inizjali u għall-ammont tal-aġġustament ta' pagamenti diretti msemmijin fl-Artikolu 8 tar-Regolament(UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup> li kien applikat matul is-sena finanzjarja ta' qabel. Dan jista' jwassal għal pagament addizzjonali lill-benefiċjarji finali li kienu soġġetti għal dan l-aġġustament.
- (2) Skont l-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, b'deroga mill-Artikolu 169(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-Istati Membri għandhom jirrimborżaw dak it-trasferiment 'il quddiem imsemmi fl-Artikolu 169(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 lid-destinatarji finali li huma soġġetti, fis-sena finanzjarja li għaliha l-appropriazzjonijiet jiġu ttrasferiti, għar-rata ta' aġġustament. Dan ir-rimborż japplika biss għall-benefiċjarji finali f'dawk l-Istati Membri fejn id-dixxiplina finanzjarja kienet tapplika <sup>(4)</sup> fis-sena finanzjarja preċedenti.
- (3) Meta jiġi stabbilit l-ammont ta' riport li għandu jiġi rimborżat, skont l-Artikolu 26(7) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, għandhom jiġu kkunsidrati l-ammonti tar-riżerva għal kriżijiet fis-settur agrikolu msemmija fl-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament, li ma jkunux intużaw għal miżuri għal kriżijiet sa tmiem is-sena finanzjarja.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 1(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1227/2014 <sup>(5)</sup>, id-dixxiplina finanzjarja tiġi applikata għal pagamenti diretti fir-rigward tas-sena kalendarja 2014 biex tistabbilixxi riżerva ta' kriżi ta' EUR 433 miljun. Ir-riżerva tal-kriżi ma kinitx intalbet fis-sena finanzjarja 2015.
- (5) Skont id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa tal-Istati Membri għall-perjodu mis-16 ta' Ottubru 2014 sal-15 ta' Ottubru 2015, it-tnaqqis tad-dixxiplina finanzjarja applikata attwalment mill-Istati Membri fis-sena finanzjarja 2015 jammonta għal EUR 409,8 miljun.

<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 347.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠUL 298, 26.10.2012, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠUL 347, 20.12.2013, p. 608).

<sup>(4)</sup> Id-dixxiplina finanzjarja ma għandhiex tapplika fis-sena finanzjarja 2015 fil-Bulgarija, fil-Kroazja u fir-Rumanija skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1227/2014 tas-17 ta' Novembru 2014 dwar l-iffissar ta' rata ta' aġġustament għall-pagamenti diretti previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tas-sena kalendarja 2014 u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 879/2014 (ĠUL 331, 18.11.2014, p. 6).

- (6) Konsegwentement, approprjazzjonijiet mhux użati li jikkorrispondu għall-ammont tad-dixxiplina finanzjarja applikata fis-sena finanzjarja 2015 ta' EUR 409,8 miljun li jibqa' taħt il-limitu ta' 2 % tal-appropriazzjoniet inizjali jistgħu jiġu ttrasferiti għas-sena finanzjarja 2016 wara deċiżjoni tal-Kummissjoni skont il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 169(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.
- (7) Sabiex ikun żgurat li r-rimborż ta' dawk l-appropriazzjonijiet lid-destinatarij finali jibqa' proporzjonat għall-ammont tal-aġġustament tad-dixxiplina finanzjarja, huwa xieraq li l-Kummissjoni tiddetermina l-ammonti disponibbli lill-Istati Membri għar-rimborż.
- (8) Sabiex jiġi evitat li l-Istati Membri jagħmlu pagament addizzjonali għal dan il-rimborż, dan ir-Regolament irid japplika mill-1 ta' Diċembru 2015. Konsegwentement, l-ammonti stabbiliti minn dan ir-Regolament huma definittivi u japplikaw mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' tnaqqis skont l-Artikolu 41(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, għal kwalunkwe korrezzjonijiet oħra kkunsidrati fid-deċiżjoni dwar il-pagament ta' kull xahar li tikkonċerna n-nefqa magħmula mill-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri għal Ottubru 2015, f'konformità mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, u għal kwalunkwe tnaqqis u pagamenti supplementari li għandhom isiru skont l-Artikolu 18(4) ta' dak ir-Regolament, jew għal kwalunkwe deċiżjonijiet li se jittieħdu fil-qafas tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet.
- (9) F'konformità mal-Artikolu 169(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-appropriazzjonijiet mhux impenjati jistgħu jiġu ttrasferiti għas-sena finanzjarja segwenti biss. Huwa għalhekk xieraq li l-Kummissjoni tistabbilixxi dati ta' eliġibiltà għan-nefqa tal-Istati Membri b'rabta mar-rimborż skont l-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, b'kunsiderazzjoni għas-sena finanzjarja agrikola kif definit fl-Artikolu 39 ta' dak ir-Regolament.
- (10) Sabiex jitqies il-perjodu ta' żmien qasir bejn il-komunikazzjoni tal-eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet tal-FAEG għall-2015 taħt ġestjoni konġunta għall-perjodu mis-16 ta' Ottubru 2014 sal-15 ta' Ottubru 2015 mill-Istati Membri u l-ħtieġa li jiġi applikat dan ir-Regolament mill-1 ta' Diċembru 2015, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

L-ammonti tal-appropriazzjonijiet li se jiġu ttrasferiti mis-sena finanzjarja 2015 f'konformità mal-Artikolu 169(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, u li skont l-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 isiru disponibbli għall-Istati Membri għar-rimborż lid-destinatarij finali li huma soġġetti għar-rata ta' aġġustament fis-sena finanzjarja 2016, huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

L-ammonti li se jiġu ttrasferiti huma soġġetti għad-deċiżjoni dwar it-trasferiment tal-Kummissjoni skont il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 169(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

#### Artikolu 2

In-nefqa tal-Istati Membri b'rabta mar-rimborż tal-appropriazzjonijiet trasferiti għandha tkun eliġibbli biss għall-finanzjament tal-Unjoni, jekk l-ammonti rilevanti jkunu tħallsu lill-benefiċjarji qabel is-16 ta' Ottubru 2016.

#### Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Diċembru 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Jerzy PLEWA  
Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

## ANNEX

**Ammonti disponibbli għar-rimborż ta' approprjazzjonijiet trasferiti***(ammonti f'EUR)*

Il-Belġju	6 288 982
Ir-Repubblika Ċeka	10 759 194
Id-Danimarka	10 873 619
Il-Ġermanja	58 750 752
L-Estonja	1 169 016
L-Irlanda	12 903 416
Il-Greċja	16 705 610
Spanja	53 390 829
Franza	88 569 550
L-Italja	31 012 148
Ċipru	10 358 950
Il-Latvja	1 312 744
Il-Litwanja	3 277 932
Il-Lussemburgu	10 383 255
L-Ungerija	13 724 881
Malta	34 561
In-Netherlands	9 323 434
L-Awstrija	6 729 968
Il-Polonja	22 604 718
Il-Portugall	6 448 884
Is-Slovenja	876 855
Is-Slovakkja	5 282 221
Il-Finlandja	5 438 416
L-Iżvezja	7 499 878
Ir-Renju Unit	36 083 758

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2095****tad-19 ta' Novembru 2015****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati <sup>(2)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Novembru 2015.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.<sup>(2)</sup> ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

## ANNEX

## Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)		
Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	AL	50,7
	MA	75,7
	MK	43,3
	ZZ	56,6
0707 00 05	AL	73,2
	TR	142,8
	ZZ	108,0
0709 93 10	MA	52,9
	TR	165,7
	ZZ	109,3
0805 20 10	CL	185,6
	MA	92,5
	TR	83,5
	ZZ	120,5
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	TR	66,7
	ZZ	66,7
0805 50 10	TR	97,0
	ZZ	97,0
0806 10 10	BR	288,7
	EG	234,4
	PE	283,2
	TR	177,6
	ZZ	246,0
	ZZ	246,0
0808 10 80	CA	158,0
	CL	84,3
	MK	29,8
	NZ	161,0
	ZA	158,6
	ZZ	118,3
	ZZ	118,3
0808 30 90	BA	92,6
	CN	74,3
	TR	123,7
	ZZ	96,9

<sup>(1)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/2096

tas-16 ta' Novembru 2015

**dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-Tmien Konferenza ta' Revizzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni u l-Ħażna ta' Armi Batterjoloġiċi (Bijoloġiċi) u ta' Tossina u dwar il-Qerda Tagħhom (BTWC)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta Strateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva li għandha l-għan, fost l-oħrajn, li ssaħħaħ il-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni u l-Ħażna ta' Armi Batterjoloġiċi (Bijoloġiċi) u ta' Tossina u dwar il-Qerda Tagħhom ("BTWC"), filwaqt li tkompli r-riflessjoni dwar il-verifika tal-BTWC, tappoġġa l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni nazzjonali tal-BTWC, inkluż permezz tal-mezzi ta' leġislazzjoni kriminali, u ssaħħaħ l-osservanza tagħha.
- (2) Fit-28 ta' April 2004, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU") adotta b'mod unanimu r-Riżoluzzjoni 1540 (2004), li tiddekrivi l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' forniment tagħhom bħala theddida għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dik ir-Riżoluzzjoni tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-BTWC.
- (3) Fis-26 ta' Awwissu 1988, il-KSNU adotta r-Riżoluzzjoni 620 (1988) li, fost l-oħrajn, tħeġġeġ lis-Segretarju Ġenerali jwettaq minnufih investigazzjonijiet b'reazzjoni għal allegazzjonijiet dwar l-użu possibbli ta' armi kimiċi, batterjoloġiċi (bijoloġiċi) jew ta' tossina li jista' jikkostitwixxi ksur tal-Protokoll għall-Projbizzjoni tal-Użu fil-Gwerra ta' Gassijiet Asfissjanti, Velenużi jew Gassijiet Oħra, u ta' Mezzi Batterjoloġiċi ("il-Protokoll ta' Ġinevra tal-1925"). Fl-20 ta' Settembru 2006, l-Assemblea Ġenerali adottat l-Istrateġija Globali tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Terroriżmu, annessa mar-Riżoluzzjoni 60/288 tagħha tat-8 ta' Settembru 2006, li fiha l-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti ("NU") iħeġġu lis-Segretarju Ġenerali biex jaġġorna r-roster tal-esperti u l-laboratorji, kif ukoll il-linji gwida u l-proċeduri tekniċi, għad-dispożizzjoni tiegħu għall-investigazzjoni f'waqtha u effiċjenti tal-użu allegat.
- (4) Fis-27 ta' Frar 2006, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/184/PESK <sup>(1)</sup> fir-rigward tal-BTWC bl-oġġettivi tal-promozzjoni tal-universalità tal-BTWC u l-appoġġ għall-implimentazzjoni tagħha mill-Istati Partijiet sabiex ikun żgurat li l-Istati Partijiet jitrasonu l-obbligi internazzjonali tal-BTWC fil-leġislazzjoni nazzjonali u l-miżuri amministrattivi tagħhom.
- (5) B'mod parallel mal-Azzjoni Konġunta 2006/184/PESK, l-Unjoni Ewropea adottat Pjan ta' Azzjoni dwar l-armi bioloġiċi u ta' tossina <sup>(2)</sup> ("CBMs") li fih l-Istati Membri impenjaw ruħhom li f'April ta' kull sena jippreżentaw ir-riżultati tal-miżuri għall-bini tal-fiduċja lin-NU u listi ta' esperti u laboratorji rilevanti lis-Segretarju Ġenerali tan-NU biex tkun faċilitata kwalunkwe investigazzjoni ta' użu allegat ta' armi kimiċi u bijoloġiċi.
- (6) Fl-20 ta' Marzu 2006, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2006/242/PESK <sup>(3)</sup> dwar is-Sitt Konferenza ta' Revizzjoni tal-BTWC.

<sup>(1)</sup> Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/184/PESK tas-27 ta' Frar 2006 b'appoġġ għall-Konvenzjoni tal-Armi Bioloġiċi u Tossiċi, fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda tal-Massa (ĠU L 65, 7.3.2006, p. 51; 270M, 29.9.2006, p. 311 (MT)).

<sup>(2)</sup> ĠU C 57, 9.3.2006, p. 1.

<sup>(3)</sup> Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2006/242/PESK tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-Konferenza ta' Revizzjoni tal-2006 tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bioloġiċi u Tossiċi (BTWC) (ĠU L 88, 25.3.2006, p. 65; ĠU L 270 M, 29.9.2006, p. 359 (MT)).

- (7) Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/858/PESK <sup>(1)</sup> fir-rigward tal-BTWC bl-objettivi tal-promozzjoni tal-universalità tal-BTWC, il-forniment ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-BTWC mill-Istati Partijiet, il-promozzjoni tal-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet dwar is-CBMs mill-Istati Partijiet, u l-għoti ta' appoġġ għall-Proċess Intersessjonali tal-BTWC.
- (8) Fit-18 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/429/PESK <sup>(2)</sup> dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni għas-Seba' Konferenza ta' Reviżjoni tal-BTWC.
- (9) Is-Seba' Konferenza ta' Reviżjoni tal-BTWC iddeċidiet li ġġedded il-mandat tal-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni ("ISU") b'perijodu ieħor ta' ħames snin (2012-2016) u ddeċidiet li tespandi l-kompiti tagħha sabiex jinkludu l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni għall-istabbiliment u l-amministrazzjoni tad-database għal talbiet għal, u offerti ta', assistenza, u l-faċilitazzjoni tal-iskambju assoċjat ta' informazzjoni fost l-Istati Partijiet, kif ukoll l-appoġġ, kif xieraq, għall-implimentazzjoni mill-Istati Partijiet tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tas-Seba' Konferenza ta' Reviżjoni.
- (10) Is-Seba' Konferenza ta' Reviżjoni ddeċidiet li t-Tmien Konferenza ta' Reviżjoni ser issir f'Ġinevra mhux aktar tard mill-2016 u għandha tirrevedi l-operazzjoni tal-BTWC, u, fost l-oħrajn, tqis:
- (i) żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi ġodda rilevanti għall-BTWC;
  - (ii) il-progress li sar mill-Istati Partijiet fl-implimentazzjoni tal-obbligi taħt il-BTWC;
  - (iii) il-progress lejn l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet maqbula fis-Seba' Konferenza ta' Reviżjoni.
- (11) Fit-23 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/421/PESK <sup>(3)</sup> fir-rigward tal-BTWC bl-objettivi tal-promozzjoni tal-universalità tal-BTWC, l-għoti ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-BTWC mill-Istati Partijiet, il-promozzjoni tal-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet dwar is- CBMs mill-Istati Partijiet, u l-għoti ta' appoġġ għall-Proċess Intersessjonali tal-BTWC.
- (12) Fid-dawl tal-Konferenza ta' Reviżjoni tal-BTWC li ser issir minn Novembru sa Diċembru 2016, huwa xieraq li l-pożizzjoni tal-Unjoni tiġi aġġornata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

Matul it-tħejjija għal u matul it-Tmien Konferenza ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produttjoni u l-Ħażna ta' Armi Batterjoloġiċi (Bijoloġiċi) u ta' Tossina u dwar il-Qerda Tagħhom ("BTWC"), l-Unjoni għandha taħdem, b'mod partikolari, biex tiżgura li l-Istati Partijiet jindirizzaw il-prijoritajiet li ġejjin:

- (a) il-bini u s-sostenn tal-fiducia fl-osservanza, permezz ta' firxa ta' miżuri speċifiċi deskritti f'din id-Deċiżjoni;
- (b) l-appoġġ għall-implimentazzjoni nazzjonali, inkluż b'aktar involviment ma' partijiet ikkonċernati mhux governattivi;
- (c) l-appoġġ għall-Mekkaniżmu tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-investigazzjoni tal-użu allegat ta' armi u aġenti bioloġiċi permezz ta' aktar żvilupp tal-kapaċitajiet operattivi tiegħu bħala mezz biex jissaħħu l-Artikoli VI u VIII tal-BTWC; u,
- (d) il-promozzjoni tal-universalità tal-BTWC.

<sup>(1)</sup> Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/858/PESK tal- 10 ta' Novembru 2008 b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (BTWC), fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Distruzzjoni Massiva (ĠU L 302, 13.11.2008, p. 29).

<sup>(2)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/429/PESK tat- 18 ta' Lulju 2011 dwar il-Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għas-Seba' Konferenza ta' Reviżjoni tal-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produttjoni u l-Ħażna ta' Armi Batterjoloġiċi (Bijoloġiċi) u ta' Tossina u dwar il-Qerda Tagħhom (BTWC) (ĠU L 188, 19.7.2011, p. 42).

<sup>(3)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/421/PESK tat-23 ta' Lulju 2012 b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (BTWC), fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 196, 24.7.2012, p. 61).



L-objettiv tal-Unjoni hu li tirrevedi l-operazzjoni tal-BTWC u tal-Proċess Intersessjonali 2012-2015, tippromwovi azzjonijiet konkreti u tesplora għażliet biex tkompli ssaħħaħ il-BTWC. F'dan ir-rigward, l-Unjoni għandha tressaq proposti konkreti lit-Tmien Konferenza ta' Reviżjoni fl-2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tagħhom minn dik il-Konferenza.

## Artikolu 2

Għall-finijiet tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1, l-Unjoni għandha:

- (a) tikkontribwixxi għal reviżjoni sħiħa tal-operazzjoni tal-BTWC fit-Tmien Konferenza ta' Reviżjoni, inkluż l-implimentazzjoni tal-impenji meħuda mill-Istati Partijiet taħt il-BTWC, u t-tmexxija u r-riżultati mill-programm intersessjonali tal-2012-2015;
- (b) tappoġġa programm ta' ħidma sostantiv ġdid matul il-perijodu bejn it-Tmien u d-Disa' Konferenza ta' Reviżjoni li jindirizza l-limitazzjonijiet tal-programmi intersessjonali preċedenti permezz tal-adozzjoni ta' arranġamenti msaħħa għal aktar progress taħt dak il-programm ta' ħidma, bil-ħsieb li tissaħħaħ l-effikaċja tal-BTWC;
- (c) tappoġġa d-Disa' Konferenza ta' Reviżjoni tal-BTWC, li għandha ssir mhux aktar tard mill-2021;
- (d) tibni kunsens biex it-Tmien Konferenza ta' Reviżjoni tkun suċċess, abbażi tal-qafas stabbilit mill-Konferenzi preċedenti, u tippromwovi, fost l-oħrajn, il-kwistjonijiet ewlenin li ġejjin:
  - (i) filwaqt li tirrikonoxxi li f'dan l-istadju m'hemmx kunsens dwar il-verifika, li jibqa' element ċentrali għal reġim ta' diżarm u nonproliferazzjoni komplet u effettiv, l-Unjoni qed taħdem biex tidentifika l-għażliet li jistgħu jikkontribwixxu fi programm intersessjonali ġdid u warajh għal żieda fil-fiduċja fl-osservanza u għall-implimentazzjoni effikaċi tal-għan u l-iskop tal-BTWC; L-Istati Partijiet għandhom jkunu jistgħu juru l-osservanza permezz, fost oħrajn, ta' skambji interattivi ta' informazzjoni (bħal stqarrijiet obligatorji jew fuq bażi volontarja) u trasparenza akbar dwar il-kapaċitajiet, l-attivitatijiet u l-azzjonijiet tagħhom, inklużi miżuri fil-post b'mod volontarju jew le kif maqbul; il-proposti li saru matul il-programm intersessjonali mill-2012 sal-2015 u r-riżultati tal-programm jipprovdu bażi għal dik il-ħidma;
  - (ii) l-appoġġ u t-tisħiħ, fejn meħtieġ, ta' miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni, inkluż il-leġislazzjoni amministrattiva, ġudizzjarja, u kriminali, u l-kontroll fuq mikroorganiżmi u tossini patoġeni fil-qafas tal-BTWC; tista' tkun ikkunsidrata azzjoni ulterjuri u jistgħu jittieħdu aktar deċiżjonijiet dwar modi u mezzi għat-titjib tal-implimentazzjoni nazzjonali; il-komunikazzjoni ma' partijiet mhux governattivi kkonċernati u l-involvement tagħhom fuq livell nazzjonali, reġjonali jew globali u r-rwol tagħhom fil-promozzjoni tal-objettivi tal-BTWC u l-implimentazzjoni tagħha; l-appoġġ kontinwu għall-adozzjoni ta' standards xierqa dwar miżuri ta' bijosikurezza u bijosigurtà; iż-żieda ta' għarfien fost professjonisti rilevanti mis-settur privat u s-settur pubbliku; il-programmi ta' taħriġ u edukazzjoni għal dawk li nġhatalhom aċċess għal aġenti u tossini bijoloġiċi rilevanti għall-BTWC; il-promozzjoni ta' kultura ta' responsabbiltà fost professjonisti nazzjonali rilevanti u l-iżvilupp, l-adozzjoni u t-tixrid ta' kodiċijiet ta' mgħiba fuq bażi volontarja; il-promozzjoni tal-osservanza tal-obbligi taħt ir-Riżoluzzjonijiet 1540 (2004) u 1673 (2006) tal-KSNU, fejn hi rilevanti għall-eliminazzjoni tar-riskju li armi bijoloġiċi u ta' tossina jinkisbu jew jiġu użati għal skopijiet terroristiċi, inkluż ir-riskju ta' aċċess minn atturi mhux statali għal materjal, tagħmir, u għarfien li jistgħu jintużaw fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' armi bijoloġiċi u ta' tossina;
  - (iii) l-adeżjoni universali tal-Istati kollha għall-BTWC, inkluż b'appell lill-Istati kollha mhux parti għall-BTWC biex jaderixxu għall-Konvenzjoni mingħajr aktar dewmien u biex jintrabtu legalment għad-diżarm fir-rigward ta', u n-nonproliferazzjoni ta', armi bijoloġiċi u ta' tossina; u, sakemm ikun hemm l-adeżjoni ta' Stati bħal dawn għall-BTWC, billi jiġu mħeġġa jieħdu sehem bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Istati Partijiet għall-BTWC u jimplementaw, fuq bażi volontarja, id-dispożizzjonijiet tal-BTWC; u billi tiġi rakkomandata l-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni dwar l-universalizzazzjoni, ikkoordinat mill-ISU u evalwat matul sessjonijiet dedikati, fil-laqgħat intersessjonali;
  - (iv) ħidma biex il-projbizzjoni fuq l-armi bijoloġiċi u ta' tossina tiġi ddikjarata regola ta' dritt internazzjonali globalment vinkolanti, inkluż permezz tal-universalizzazzjoni tal-BTWC;
  - (v) sforzi biex tissaħħaħ it-trasparenza u tinbena l-fiduċja fl-osservanza inkluż permezz ta' reviżjonijiet meħtieġa u li jistgħu jintlaħqu tas-CBMs attwali; l-Unjoni lesta taħdem fuq it-tisħiħ tas-CBMs billi tidentifika miżuri li jżidu r-rilevanza diretta tagħhom għall-objettivi ewlenin ta' trasparenza u l-evitar suspetti u tħassib; jikkompla l-appoġġ għall-proċess ta' evalwazzjoni bejn il-pari fuq bażi volontarja bħala għodda siewja għaż-żieda

fit-trasparenza bejn l-Istati Partijiet u b'hekk titkabbar il-fiduċja fl-osservanza tal-BTWC u tissaħħaħ l-implimentazzjoni nazzjonali permezz tal-iskambju tal-aħjar Prattiki, aktar għarfien fost il-partijiet ikkonċernati dwar ir-rekwiżiti għall-implimentazzjoni u ż-żieda ta' kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam;

- (vi) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet operattivi tal-Mekkaniżmu tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-investigazzjoni tal-użu allegat ta' armi kimiċi u bijoloġiċi, inkluż permezz tal-espansjoni tan-nukleu ta' esperti mħarrġa, taħriġ, u eżerċizzji ta' simulazzjoni u fuq il-post; ħidma li ssir separatament tista' tgħin biex l-Artikolu VI u indirettament l-Artikolu VII tal-BTWC jissaħħu aktar.
- (vii) it-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-għoti ta' assistenza u koordinazzjoni fil-kuntest tal-Artikolu VII tal-BTWC ma' organizzazzjonijiet rilevanti fuq it-talba ta' kwalunkwe Stat Parti fil-każ tal-użu allegat ta' armi bijoloġiċi jew ta' tossina, inkluż it-titjib tal-kapaċitajiet nazzjonali għas-sorveljanza, l-iskoperta u dijanjosi tal-mard u sistemi tas-saħħa pubblika bħala l-ewwel linja ta' difiża;
- (viii) iż-żieda fit-trasparenza dwar il-kooperazzjoni u l-assistenza relatati mal-Artikolu X tal-BTWC u b'kont meħud tal-mandat, il-ħidma u l-għarfien espert ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn; l-Unjoni ser tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni konkreta tal-Artikolu X tal-BTWC permezz tad-diversi programmi ta' assistenza tagħha u hija lesta tkompli telabora l-intendimenti komuni, li jiffurmaw il-bażi għal azzjoni effikaċi fir-rigward tal-kooperazzjoni għal skopijiet paċifiċi fil-qafas tal-BTWC; tista' tkun ikkunsidrata azzjoni ulterjuri u jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet dwar it-titjib tal-kooperazzjoni, l-assistenza u l-iskambju internazzjonali fix-xjenzi u t-teknoloġija bijoloġiċi għal skopijiet paċifiċi, dwar il-promozzjoni tal-bini tal-kapaċità fl-oqsma tas-sorveljanza, l-iskoperta u d-dijanjosi tal-mard, u l-kontroll ta' mard li jittieħed; l-Unjoni ser tkompli tappoġġa l-operazzjoni tad-Database ta' Kooperazzjoni u Assistenza attwali, u fejn xieraq, tara kif ittejjeb l-utilità tiegħu; l-appoġġ, fost l-oħrajn, għall-programmi ta' Sħubija Globali tal-G7, programmi rilevanti tal-Unjoni u l-għanijiet tal-Aġenda għas-Sigurtà tas-Saħħa Globali mmirati lejn l-appoġġ għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa u d-diżarm, il-kontroll u s-sigurtà ta' materjali, faċilitajiet u kompetenzi sensitivi, kif xieraq;
- (ix) l-appoġġ għal proċess ta' evalwazzjonijiet aktar frekwenti u mmirati ta' żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi rilevanti, li jista' jkollhom implikazzjonijiet għall-BTWC; tali proċess jista' jinvolvi l-inkorporazzjoni ta' funzjoni konsultattiva permanenti dwar ix-xjenza u t-teknoloġija fl-ISU u proċess ta' reviżjoni aktar sostantiv bħala element ċentrali fi programm ta' ħidma intersessjonali ġdid, biex ikopri l-avvenimenti u x-xogħol rilevanti mmexxija minn akkademji internazzjonali u l-Istati Partijiet b'mod aktar integrat u kkoordinat.

### Artikolu 3

Sabiex issaħħaħ l-osservanza, l-Unjoni għandha tippromwovi żieda fir-rilevanza u l-komprensività tal-formoli tas-CBM billi:

- (a) tanalizza l-formoli tas-CBMs annwali bħala l-għodda ta' dikjarazzjoni nazzjonali regolari dwar l-implimentazzjoni u l-osservanza u tkompli tiżviluppahom b'dan l-objettiv;
- (b) tnaqqas sal-aktar punt possibbli l-kumplessitajiet li fadal fil-formoli tas-CBM u tneħħi ambigwitajiet potenzjali;
- (c) tappoġġa lill-ISU biex taqdi aktar r-rwol ta' appoġġ għall-punti ta' kuntatt nazzjonali waqt il-kumpilazzjoni tas-CBMs tagħhom; permezz ta' seminars u taħriġ reġjonali għall-preżentazzjoni elettronika tal-formoli tas-CBMs;
- (d) taħdem biex iżżid il-parteċipazzjoni fis-CBMs, u l-kwalità u l-komprensività tagħhom, billi tespandi l-funzjonalità tal-faċilità ta' CBM elettronika u, flimkien mal-gwida għas-CBM, tagħmilha disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-BTWC fil-lingwi uffiċjali kollha tan-NU.

### Artikolu 4

Minbarra l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1, l-Unjoni għandha tappoġġa t-tisħiħ tar-rwol tal-ISU. B'mod partikolari, l-Unjoni għandha tappoġġa:

- (a) l-estensjoni tal-mandat tal-ISU għal ħames snin oħra;
- (b) l-inklużjoni ta' aktar attivitajiet fil-mandat tal-ISU biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programm ta' ħidma intersessjonali rivedut u msaħħaħ, kif propost fl-Artikolu 5 hawn taħt;

- (c) l-iżvilupp ta' sistema aktar effikaċi biex teżamina żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi u l-impatt tagħhom fuq il-BTWC billi tistabbilixxi fost l-oħrajn funzjoni konsultattiva u ta' kollegament permanenti dwar ix-xjenza u t-teknoloġija fl-ISU;
- (d) l-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni dwar l-universalizzazzjoni li jkun ikkoordinat mill-ISU;
- (e) rwol għall-ISU biex ikun ta' appoġġ għall-punti ta' kuntatt tal-Istati Partijiet fil-kumpilazzjoni u l-preżentazzjoni tal-formoli tas-CBMs kif innutat fl-Artikolu 3;
- (f) żieda adegwata tal-persunal attwali tal-ISU biex jintlaħqu l-oġettivi l-ġodda u jitwettqu l-attivitajiet imsemmija f'dan l-Artikolu.

#### Artikolu 5

Sabiex tappoġġa r-reviżjoni u t-tiżiħ tal-programm intersessjonali, l-Unjoni għandha b'mod partikolari:

- (a) tappoġġa s-suġġetti li ġejjin għal Programm Intersessjonali ġdid, bħala suġġetti intersessjonali jew inkella permezz ta' gruppi ta' ħidma dedikati għalhekk, jew permezz taż-żewġ mezz:
  - (i) implimentazzjoni nazzjonali u osservanza;
  - (ii) ħidma ulterjuri dwar is-CBMs wara t-Tmien Konferenza ta' Reviżjoni;
  - (iii) assistenza u kooperazzjoni taħt l-Artikolu VII tal-BTWC;
  - (iv) żviluppi fix-xjenza u t-teknoloġija;
  - (v) reviżjoni tal-proċedura tal-Kumitat Konsultattiv;
  - (vi) universalizzazzjoni kif proposta fl-Artikolu 6.
- (b) tappoġġa l-iżvilupp ta' oqfsa regolatorji nazzjonali dwar il-bijosigurtà u l-bijosikurezza; għalkemm standards adatti għall-bijosigurtà u l-bijosikurezza għal-laboratorji bl-ebda mod ma jieħdu post sistema ta' osservanza, l-adozzjoni u l-promozzjoni ta' tali standards, jistgħu jgħinu lill-Istati Partijiet fil-perijodu fit-tul bl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom taħt il-BTWC; flimkien ma' miżuri oħra, jistgħu wkoll ikunu għodda utli biex jgħinu fit-turija tal-osservanza; id-diskussjoni dwar dan is-suġġett, inkluż mal-laboratorji rilevanti, l-għaqdiet għall-bijosigurtà u l-industrija, tista' tkun parti minn programm ta' ħidma intersessjonali ġdid;
- (c) tappoġġa eżerċizzji ta' reviżjoni volontarja bejn il-pari li jinvolvu Stati Partijiet fil-kuntest tal-BTWC; l-oġettiv tal-eżerċizzju ta' reviżjoni bejn il-pari huwa li jtejjeb l-implimentazzjoni nazzjonali u jipprovi assigurazzjoni dwar l-osservanza permezz ta' skambji ta' informazzjoni u trasparenza akbar rigward, pereżempju, il-kapaċitajiet, l-attivitajiet u l-azzjonijiet għall-implimentazzjoni u l-intenzjonijiet għall-osservanza;
- (d) tappoġġa t-tiżiħ tas-setgħa deċiżjonali tal-Proċess Intersessjonali billi tesplora firxa ta' għażliet bħal setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet definiti b'mod ċar għal oqfsa ta' ħidma speċifiċi.

#### Artikolu 6

Sabiex tappoġġa l-universalità tal-BTWC, l-Unjoni għandha:

- (a) tappoġġa l-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni dwar l-universalizzazzjoni, koordinat mill-ISU, b'passi u attivitajiet konkreti; il-pjan ta' azzjoni jista' jinkludi attivitajiet bħal avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni, démarches konġunti, it-traduzzjoni ta' dokumenti rilevanti, u inċentivi bħall-iskambju ta' informazzjoni dwar offerti ta' għajjnuna; dan il-pjan ta' azzjoni jkun evalwat u, jekk neċessarju, modifikat f'kull Laqgħa tal-Istati Partijiet;
- (b) tappoġġa l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet jew laqgħat tal-gruppi ta' ħidma dedikati għall-universalizzazzjoni matul il-Proċess Intersessjonali sabiex tikkordina attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni fost diversi atturi u tippjana inizjattivi reġjonali.

*Artikolu 7*

L-Unjoni għandha tappoġġa sforzi li jsaħħu l-Mekkaniżmu tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-investigazzjoni tal-użu allegat ta' armi kimiċi u bijoloġiċi; b'mod partikolari, billi tiġi żgurata l-effikaċja tad-dispożizzjonijiet tal-Mekkaniżmu u billi jittieħdu passi prattiċi lejn dan il-fini, bħall-forniment ta' appoġġ għal programmi ta' taħriġ, inkluż l-ospitar ta' eżerċizzji, u l-iżvilupp ta' sistema ta' laboratorju analitiku.

*Artikolu 8*

L-Unjoni għandha tappoġġa sforzi biex jissaħħaħ l-Artikolu VII tal-BTWC fit-Tmien Konferenza ta' Reviżjoni, b'kont meħud tal-isforzi li jsiru bnadi oħra fil-bini ta' kapaċitajiet internazzjonali fir-rispons għat-tifqigħ ta' mard infettiv.

*Artikolu 9*

L-azzjoni meħuda mill-Unjoni għall-finijiet imsemmijin f'din id-Deċiżjoni għandha tinkludi:

- (a) il-preżentazzjoni mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, abbażi tal-pożizzjoni stabbilita f'din id-Deċiżjoni, ta' proposti għal arranġamenti speċifiċi, prattiċi u fattibbli għat-titjib effettiv tal-implimentazzjoni tal-BTWC, għall-konsiderazzjoni mill-Istati Partijiet għall-BTWC fit-Tmien Konferenza ta' Reviżjoni;
- (b) fejn xieraq, inizjattivi mir-Rappreżentant Għoli jew id-Delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- (c) dikjarazzjonijiet ippreżentati mir-Rappreżentant Għoli jew id-Delegazzjoni tal-Unjoni lin-Nazzjonijiet Uniti fit-tħejjija għat-Tmien Konferenza ta' Reviżjoni u matulha

*Artikolu 10*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
F. MOGHERINI

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2097****tas-26 ta' Ottubru 2015****dwar l-istabbiliment ta' Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka dwar Sistema Integrata għall-Osservazzjoni tal-Karbonju (ICOS ERIC)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar il-qafas ġuridiku Komunitarju applikabbli għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Olanda, ir-Renju tan-Norveġja u r-Renju tal-Iżvezja, talbu lill-Kummissjoni tistabbilixxi Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka dwar Sistema Integrata għall-Osservazzjoni tal-Karbonju (ICOS ERIC). Il-Konfederazzjoni Żvizzera se tipparteċipa fl-ICOS ERIC bħala Osservatur.
- (2) Ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Renju tan-Norveġja u r-Renju tal-Iżvezja, talbu lill-Kummissjoni tistabbilixxi Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka dwar Sistema Integrata għall-Osservazzjoni tal-Karbonju (ICOS ERIC).
- (3) Il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 723/2009, ivvalutat l-applikazzjoni u kkonkludiet li din tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament.
- (4) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 723/2009,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka dwar Sistema Integrata għall-Osservazzjoni tal-Karbonju msemmi ICOS ERIC huwa b'dan stabbilit.
2. L-Istatuti ta' ICOS ERIC huma stabbiliti fl-Anness. L-Istatuti għandhom jinżammu aġġornati u għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit elettroniku ta' ICOS ERIC u fis-sede statutorja tiegħu.
3. L-elementi essenzjali tal-Istatuti li l-emendi għalihom għandhom jeħtieġu l-approvazzjoni mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 723/2009 huma stipulati fl-Artikoli 1, 2, 16, 18, 19, 22, 23, u 24.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 206, 8.8.2009, p. 1.

## ANNEX

**STATUTI TAL-KONSORZJU GĦAL INFRASTRUTTURA EWROPEA TA' RIĊERKA DWAR SISTEMA INTEGRATA GĦALL-OSSERVAZZJONI TAL-KARBONJU (ICOS ERIC)**

IR-RENJU TAL-BELĠJU

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA

IR-REPUBBLIKA TA' FRANZA

IR-REPUBBLIKA TAL-ITALJA

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS

IR-RENJU TAN-NORVEĠJA

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA

Minn hawn 'il quddiem "Il-Membri"

kif ukoll

IL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA

Minn hawn 'il quddiem "L-Osservatur"

BILLI l-Membri huma konvinti li l-indirizzar tat-tibdil fil-klima li ġej minħabba emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra (GHG) huwa sfida globali u li hemm il-ħtieġa ta' riċerka u ta' osservazzjonijiet kontinwi u fit-tul biex jitjeb l-għarfien dwar l-emissjonijiet (GHG), il-bjar tal-karbonju, l-impatti tagħhom fuq is-sistemi dinjija u l-għażliet ta' ġestjoni;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li l-osservazzjoni ta' Parametri Essenzjali tal-Klima, fosthom tal-GHG, hija meħtieġa sabiex tiġi appoġġjata l-ħidma tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC);

FILWAQT LI JENFASIZZAW li l-UNFCCC qiegħed isejjaħ lill-Partijiet tiegħu biex jippromwvu u jikkooperaw f'osservazzjoni sistematika ta' GHGs permezz tal-kooperazzjoni mas-Sistema Globali ta' Osservazzjoni tal-Klima (GCOS), il-komponent tas-Sistema tas-Sistemi għall-Osservazzjoni Globali tad-Dinja (GEOSS) għall-osservazzjoni tal-klima;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-importanza tar-riċerka nazzjonali dwar il-GHG u l-kapaċitajiet ta' osservazzjoni tagħha, u l-ħtieġa li tiġi stabbilita koordinazzjoni fil-livell Ewropew, bħala Infrastruttura tar-Riċerka dwar Sistema Integrata għall-Osservazzjoni tal-Karbonju (ICOS);

BILLI l-Membri jixtiequ li ssir riċerka biex jitjeb il-fehim tal-baġits reġjonali ta' sorsi ta' GHGs u ta' bjar, il-fatturi umani u naturali tagħhom u l-mekkaniżmi ta' kontroll, billi jiġu żviluppati osservazzjonijiet bi preċiżjoni għolja u fit-tul ta' GHGs;

BILLI l-Membri jixtiequ li komunitajiet wiesgħa ta' utenti jingħataw aċċess għad-dejta tal-ICOS, biex tinholq rabta bejn ir-riċerka, l-educazzjoni u l-iżviluppi teknoloġiċi li jippromwvu l-innovazzjoni u biex tiġi provduta dejta indipendenti biex tikkontribwixxi għall-analiżi tal-inventarji tal-emissjonijiet;

FILWAQT LI JITOLBU lill-Kummissjoni Ewropea twaqqaf l-infrastruttura tal-ICOS bħala Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ICOS ERIC),

FTIEHMU KIF ĠEJ:

## KAPITOLU 1

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

#### Artikolu 1

#### Isem, sede statutorja u lingwa operattiva

1. Ġie stabbilit Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka dwar Sistema Integrata għall-Osservazzjoni tal-Karbonju "ICOS ERIC".
2. L-ICOS ERIC sejjer ikollha s-sede statutorja tagħha f'Helsinki, il-Finlandja (l-"Istat ospitanti").
3. Il-lingwa operattiva tal-ICOS ERIC sejra tkun l-Ingliż.

#### Artikolu 2

#### Kompiti u attivitajiet

1. Il-kompitu prinċipali tal-ICOS ERIC huwa li twaqqaf Infrastruttura distribwita tar-Riċerka dwar Sistema Integrata għall-Osservazzjoni tal-Karbonju (ICOS RI) u li tikkordina l-operat tal-ICOS RI, tqassam l-informazzjoni mill-ICOS RI lil komunitajiet ta' utenti u li twaqqaf dejta u analiżi integrata minn sistemi ta' osservazzjoni ta' GHGs.
2. L-ICOS ERIC għandha ttiprovdi aċċess effettiv għal dejta koerenti u preċiża biex tiġi faċilitata r-riċerka dwar analiżi fuq diversi skali tal-emissjonijiet ta' GHGs, il-bjar u l-proċessi determinanti tagħhom billi tagħmel disponibbli protokoll tal-kejl, dejta fit-tul u prodotti tad-dejta. L-iżviluppi teknoloġiċi u ta' dimostrazzjoni, relatati mal-GHGs, sejrini jiġu promossi permezz tar-rabta bejn ir-riċerka, l-edukazzjoni u l-innovazzjoni. Għal dan il-għan l-ICOS ERIC sejra twettaq u tikkordina attivitajiet, inklużi iżda mhux limitati għal:
  - (a) kwantifikazzjoni tal-konċentrazzjonijiet atmosferiċi ta' GHGs u l-flussi terrestri u oċeaniċi fuq l-Ewropa u fuq ir-reġjuni ewlenin ta' interess Ewropew, inkluż l-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana;
  - (b) faċilitazzjoni ta' programmi u ta' proġetti ta' riċerka Ewropej;
  - (c) kontribuzzjoni għall-mobilità tal-għarfien u/jew tar-riċerkaturi fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA) u żieda fl-użu tal-potenzjal intellettuali madwar l-Ewropa;
  - (d) koordinazzjoni u appoġġ għall-iżvilupp tat-teknoloġija u tal-protokoll għal kejl effiċjenti u ta' kwalità għolja tal-konċentrazzjonijiet u tal-flussi tal-GHGs li għandu jiġi promoss ukoll lil hinn mill-Ewropa;
  - (e) kontribuzzjoni ta' informazzjoni f'waqtha rilevanti għall-politika u għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-GHGs;
  - (f) faċilitazzjoni tal-analiżi tas-sekwestrar tal-karbonju u/jew tal-attivitajiet ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-GHG fil-livelli globali tal-kompożizzjoni atmosferika, inkluż l-attribuzzjoni ta' sorsi u ta' bjar skont ir-reġjuni ġeografiċi u s-setturi ta' attività;
  - (g) faċilitazzjoni tal-għanijiet tal-ICOS RI biex jiġi stabbilit mudell għall-iżvilupp futur ta' netwerks simili integrati u operattivi ta' osservazzjoni tal-GHGs lil hinn mill-Ewropa;
  - (h) valutazzjoni xjentifika u tal-ġestjoni tal-attivitajiet, tal-orjentazzjoni strateġika u tal-operat tal-komponenti kollha tal-ICOS RI minn evalwaturi esterni.
3. L-ICOS ERIC għandha tiġi operata fuq bażi mhux ekonomika. Sabiex tkompli tiġi promossa l-innovazzjoni kif ukoll it-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija, jistgħu jitwettqu attivitajiet ekonomiċi limitati sakemm dawn ikunu relatati mill-qrib mal-kompitu prinċipali tagħha u li ma jipperikolawx il-kisba tiegħu.

## KAPITOLU 2

## MEMBRI U OSSERVATORI

## Artikolu 3

**Sħubija, Osservatur u Entità Rappreżentanti**

1. L-entitajiet li ġejjin jistgħu jsiru Membri jew Osservaturi tal-ICOS ERIC:
  - (a) l-Istati Membri tal-Unjoni;
  - (b) il-pajjiżi assoċjati;
  - (c) pajjiżi terzi oħra li mhumiex pajjiżi assoċjati;
  - (d) organizzazzjonijiet intergovernattivi.
2. L-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jsiru Membri tal-ICOS ERIC jekk jikkontribwixxu għall-operat tal-ICOS ERIC u/jew jospitaw Faċilità Ċentrali tal-ICOS u/jew Netwerks Nazzjonali tal-ICOS.
3. Il-membri tal-ICOS ERIC għandhom tal-inqas jinkludu Stat Membru u żewġ pajjiżi oħra li jew ikunu Stati Membri jew pajjiżi assoċjati.
4. L-Istati Membri jew il-pajjiżi assoċjati għandu jkollhom il-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot b'mod konġunt fl-Assemblea Ġenerali. L-Assemblea Ġenerali għandha tiddetermina kwalunkwe modifika għad-drittijiet tal-vot li huma meħtieġa biex jiġi żgurat li f'kull ħin l-ICOS ERIC tkun konformi ma' dak ir-reqwiżit.
5. Membru jew Osservatur jista' jkun rappreżentat minn entità pubblika waħda jew iktar, inklużi reġjuni jew entitajiet privati b'missjoni ta' servizz pubbliku, tal-għażla tiegħu u maħtura skont ir-regoli u l-proċeduri tiegħu stess. Membru jew Osservatur għandu jinforma lill-President tal-Assemblea Ġenerali bil-miktub bi kwalunkwe bidla fir-rigward tal-entità rappreżentanti.
6. Il-Membri u l-Osservaturi kif ukoll l-entitajiet rappreżentanti tagħhom huma elenkati fl-Anness 1. L-Anness 1 għandu jinżamm aġġornat mill-President tal-Assemblea Ġenerali jew minn kwalunkwe persuna awtorizzata minnu/ minnha.

## Artikolu 4

**Dħul ta' Membri u ta' Osservaturi**

1. Id-dħul tal-Membri għandu jkun konformi mal-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) entità msemmija fl-Artikolu 3(2) għandha tippreżenta applikazzjoni bil-miktub lill-President tal-Assemblea Ġenerali;
  - (b) l-applikazzjoni għandha tiddeskrivi l-mod kif l-applikant se jkun involut fl-ICOS RI u kif se jkun jipparteċipa fit-tweqqif tal-kompiti u tal-attivitajiet tal-ICOS ERIC deskritti fl-Artikolu 2 u kif se jkun jissodisfa l-obbligi msemmija fl-Artikolu 6(2);
  - (c) id-dħul ta' Membri ġodda għandu jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Assemblea Ġenerali.
2. Id-dħul ta' Osservaturi għandu jkun konformi mal-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) entità msemmija fl-Artikolu 3(3) għandha tippreżenta applikazzjoni bil-miktub lill-President tal-Assemblea Ġenerali;
  - (b) l-applikazzjoni għandha tiddeskrivi l-mod kif l-applikant se jkun involut fl-ICOS RI, jekk hux se jkun qiegħed jipparteċipa fit-tweqqif tal-objettivi u tal-kompiti tal-ICOS ERIC deskritti fl-Artikolu 2 u kif se jkun jissodisfa l-obbligi ta' Osservatur imsemmija fl-Artikolu 6(4);
  - (c) id-dħul ta' Osservatur għandu jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Assemblea Ġenerali;
3. Osservatur jista' jiġi ammess għal massimu ta' tliet snin. Fuq talba tal-Osservatur, l-Assemblea Ġenerali tista' testendi l-perjodu inizzjali darba għall-istess tul ta' żmien. F'każijiet eċċezzjonali l-Assemblea Ġenerali tista' taċċetta iktar minn estensjoni waħda ta' status ta' Osservatur.



*Artikolu 5***Irtirar ta' Membru jew ta' Osservatur/Terminazzjoni ta' Sħubija jew ta' status ta' Osservatur**

1. Fl-ewwel ħames snin mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li twaqqaf l-ICOS ERIC, l-ebda Membru ma jista' jirtira, sakemm l-Assemblea Ġenerali ma taċċettax it-talba tal-Membru li jirtira qabel iż-żmien.
2. Wara l-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 Membru jista' jirtira fl-aħħar ta' sena finanzjarja sakemm dan jinnotifika l-intenzjoni tiegħu li jirtira billi jibgħat talba uffiċjali tna-x-il xahar bil-quddiem lill-President tal-Assemblea Ġenerali.
3. Osservatur jista' jirtira fl-aħħar ta' sena finanzjarja sakemm dan jinnotifika l-intenzjoni tiegħu li jirtira billi jibgħat talba uffiċjali sitt xhur bil-quddiem lill-President tal-Assemblea Ġenerali.
4. Membru jew Osservatur li jkun sejjer jirtira għandu jissodisfa l-obbligi kollha, inklużi l-obbligi finanzjarji, li jkun daħal għalihom qabel ma rtira.
5. L-Assemblea Ġenerali tista' ttemm is-Sħubija jew l-status ta' Osservatur jekk ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:
  - (a) il-Membru jew l-Osservatur jinsab li jkun wettaq ksur serju ta' obbligu wieħed jew iktar tiegħu taħt dawn l-Istatuti;
  - (b) il-Membru jew l-Osservatur ikun naqas milli jirrettifika dan il-ksur fi żmien perjodu ta' sitt xhur wara li jkun irċieva notifika bil-miktub tal-ksur; u
  - (c) il-Membru jew l-Osservatur ikun ingħata l-opportunità li jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward ta' deċiżjoni pendenti ta' terminazzjoni lill-Assemblea Ġenerali.

*Artikolu 6***Drittijiet u Obbligi tal-Membri u tal-Osservaturi**

1. Id-drittijiet tal-Membri għandhom jinkludu:
  - (a) id-dritt li jaħtru entitajiet rappreżentanti;
  - (b) id-dritt li jattendu u jivvotaw fl-Assemblea Ġenerali;
  - (c) id-dritt għall-aċċess għas-servizzi u għall-attivitajiet koordinati mill-ICOS ERIC għall-komunità tar-riċerka tagħha.
2. Kull Membru għandu:
  - (a) iħallas il-kontribuzzjoni annwali tas-sħubija speċifikata fl-Anness 2;
  - (b) jagħti awtorità sħiħa lir-rappreżentanti tiegħu li jkunu qegħdin jattendu għall-Assemblea Ġenerali biex jirrappreżentaw lill-Membru;
  - (c) jiżgura l-adozzjoni ta' standards u ta' għodod rilevanti fl-operazzjonijiet tan-Netwerk Nazzjonali tal-ICOS;
  - (d) jipprovdi l-infrastruttura u r-riżorsi meħtieġa għall-operazzjonijiet tan-Netwerk Nazzjonali tal-ICOS u tal-Faċilitajiet Ċentrali tal-ICOS li jkun qiegħed jospita;
  - (e) jippromwovi l-użu ta' dejta u ta' servizzi koordinati tal-ICOS ERIC bejn ir-riċerkaturi f'pajjiżhom, u jiġbor rispons mingħand l-utenti kif ukoll il-ħtiġijiet tagħhom.

3. Id-drittijiet tal-Osservaturi għandhom jinkludu:
  - (a) id-dritt li jaħtru entitajiet rappreżentanti;
  - (b) id-dritt li jattendu għall-Assemblea Ġenerali mingħajr dritt tal-vot.

Osservatur jista' jingħata drittijiet oħra mill-Assemblea Ġenerali skont il-proċedura stabbilita fir-regoli interni.

4. Kull Osservatur għandu:
  - (a) iħallas il-kontribuzzjoni annwali ta' Osservatur speċifikata fl-Anness 2;
  - (b) iwettaq kull obbligu ieħor negoziat bejn l-Osservatur rispettiv u l-ICOS ERIC, u bi qbil mal-Assemblea Ġenerali.

### KAPITOLU 3

## GOVERNANZA U ĠESTJONI TAL-ICOS ERIC

### Artikolu 7

#### **Governanza**

1. L-ICOS ERIC għandha tinkludi l-korpi li ġejjin: l-Assemblea Ġenerali, il-Bord Xjentifiku Konsultattiv, il-Bord Konsultattiv dwar l-Etika, u d-Direttur Ġenerali appoġġjat mill-Kumitat dwar l-Infrastruttura tar-Riċerka tal-ICOS. L-Assemblea Ġenerali tista' twaqqaf korpi konsultattivi oħra li tqis xierqa.
2. Għandhom jiġu konklużi ftehimiet speċifiċi li jiddeskrivu r-rwoli u r-responsabbiltajiet, inklużi l-obbligi finanzjarji bejn l-ICOS ERIC u l-entitajiet responsabbli għall-ġestjoni tal-Faċilitajiet Ċentrali tal-ICOS u tan-Netwerks Nazzjonali tal-ICOS.

### Artikolu 8

#### **Assemblea Ġenerali: Kompożizzjoni, Laqgħat u Proċeduri**

1. L-Assemblea Ġenerali għandha tkun il-korp governattiv tal-ICOS ERIC u għandha tkun magħmula minn rappreżentanti tal-Membri u tal-Osservaturi tal-ICOS ERIC. Kull Membru jista' jkollu sa tliet rappreżentanti. Osservatur jista' jkollu rappreżentant wieħed fl-Assemblea Ġenerali.
2. L-Assemblea Ġenerali għandha teleġġi President u Viċi President minn bejn ir-rappreżentanti għal terminu ta' sentejn, li jista' jiġġedded darbtejn.
3. L-Assemblea Ġenerali għandha titlaqqa' u tiġi preseduta mill-President. Fin-nuqqas tiegħu jew tagħha, l-Assemblea Ġenerali għandha tiġi preseduta mill-Viċi President.
4. L-Assemblea Ġenerali għandha tiltaqqa' tal-inqas darba fis-sena u tkun responsabbli għat-tmexxija ġenerali u s-supervizzjoni tal-ICOS ERIC u tiddeċiedi dwar l-orjentazzjoni strateġika u l-istruttura tal-ICOS RI.
5. Laqgħa straordinarja tal-Assemblea Ġenerali tista' tintalab minn tal-inqas terz tal-Membri.
6. Membru jista' jkun rappreżentat minn Membru ieħor wara notifika bil-miktub lill-President tal-Assemblea Ġenerali. Membru ma jistax jirrappreżenta iktar minn Membru wieħed ieħor.
7. Id-deċiżjonijiet tal-Assemblea Ġenerali jistgħu jittieħdu wkoll permezz ta' proċedura bil-miktub.
8. L-Assemblea Ġenerali għandha tadotta r-regoli ta' proċedura tagħha.

*Artikolu 9***Drittijiet tal-Vot**

1. Kull Membru għandu tal-inqas ikollu vot wieħed li għandu jiġi supplimentat b'vot addizzjonali għal Membru li jkun qiegħed jospita Faċilità Ċentrali tal-ICOS, il-Portal tal-Karbonju (*Carbon Portal*) jew l-Uffiċċju Prinċipali, u vot addizzjonali għal Membru li jkun qiegħed jospita erba' stazzjonijiet tal-Klassi-1 tal-ICOS ta' mill-inqas żewġ tipi differenti (stazzjon atmosferiku, tal-ekosistemi, oċeaniku). Kull Membru għandu jkollu massimu ta' tliet voti.
2. Membri li jkollhom iktar minn vot wieħed ma jistgħux jaqsmu l-voti tagħhom.
3. Il-President jew fin-nuqqas tiegħu/tagħha l-Viċi President, ma għandu jkollu ebda dritt tal-vot. Il-Membru minn fejn ikun oriġina l-President/Viċi President jista' jinnomina Membru rappreżentant ieħor.

*Artikolu 10***Deċiżjonijiet**

1. Biex jintlaħaq kworum, għandu jkun hemm rappreżentanza ta' żewġ terzi tal-Membri kollha.
2. L-Assemblea Ġenerali għandha tiddeċiedi b'unanimità tal-Membri rappreżentati fir-rigward tal-kwistjonijiet li ġejjin:
  - (a) proposti għal emenda tal-Istatuti tal-ICOS ERIC;
  - (b) likwidazzjoni u stralċ tal-ICOS ERIC.
3. L-Assemblea Ġenerali għandha tiddeċiedi b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti tal-Membri rappreżentati dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:
  - (a) approvazzjoni tal-kontijiet annwali tal-ICOS ERIC;
  - (b) aċċettazzjoni tar-rapport annwali ta' attività tal-ICOS RI;
  - (c) approvazzjoni tal-pjanijiet annwali ta' ħidma u tiegħu inkunsiderazzjoni l-baġits u l-pjanijiet finanzjarji indikattivi fuq ħames snin tal-Faċilitajiet Ċentrali tal-ICOS;
  - (d) approvazzjoni tal-baġit annwali;
  - (e) approvazzjoni tal-istrategġija tal-ICOS ERIC;
  - (f) adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tagħha stess;
  - (g) adozzjoni tar-regoli interni;
  - (h) il-ħatra u t-tkeċċija tad-Direttur Ġenerali, u l-ħatra u t-tkeċċija tal-Membri tal-Kumitat dwar l-Infrastruttura tar-Riċerka tal-ICOS;
  - (i) il-ħatra u t-tkeċċija tal-Bord Xjentifiku Konsultattiv tal-ICOS ERIC;
  - (j) approvazzjoni tal-Membri u tal-Osservaturi ġodda;
  - (k) terminazzjoni ta' Sħubija jew ta' status ta' Osservatur;
  - (l) approvazzjoni ta' kwalunkwe ftehim ewlieni li jkun ta' importanza sinifikanti għall-operazzjonijiet tal-ICOS RI;
  - (m) twaqqif ta' korpi konsultattivi;
  - (n) estensjoni tat-terminu tal-ICOS ERIC.
4. Deċiżjonijiet tal-Assemblea Ġenerali dwar il-kwistjonijiet li ġejjin għandhom jeħtieġu (a) maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti tal-Membri rappreżentati u (b) maġġoranza ta' żewġ terzi tal-kontribuzzjonijiet annwali tas-sħubija mħallsa għall-iktar sena finanzjarja sħiħa reċenti:
  - (a) il-livell tal-kontribuzzjonijiet annwali tas-sħubija. Kwalunkwe tibdil fl-istruttura tal-kontribuzzjonijiet li twassal għal kontribuzzjoni akbar b'appoġġ ta' xi wieħed mill-komponenti tal-ICOS RI (Uffiċċju Prinċipali, Portal tal-Karbonju jew Faċilità Ċentrali tal-ICOS) għandu jiġi approvat mill-Membru(i) li jkun/u qegħdin jospita/w il-faċilità affettwata;

- (b) id-deċiżjoni biex il-Faċilitajiet Ċentrali tal-ICOS jiġu rikonoxxuti bħala kruċjali għall-operazzjonijiet tal-ICOS RI;
  - (c) l-approvazzjoni ta' rtirar bikri ta' Membru previst fl-Artikolu 5(1).
5. Kwalunkwe deċiżjoni oħra mill-Assemblea Ġenerali għandha ssir b'maġġoranza sempliċi tal-voti tal-Membri rappreżentati.

#### Artikolu 11

##### **Direttur Ġenerali**

1. Id-Direttur Ġenerali tal-ICOS ERIC għandu jinħatar mill-Assemblea Ġenerali skont proċedura stabbilita mill-Assemblea Ġenerali. It-terminu għad-Direttur Ġenerali għandu jkun ta' ħames snin, li jista' jiġġedded darbtejn.
2. Id-Direttur Ġenerali għandu jkun ir-rappreżentant legali tal-ICOS ERIC.
3. Id-Direttur Ġenerali għandu jwettaq il-ġestjoni ta' kuljum tal-ICOS ERIC u jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet mill-Assemblea Ġenerali, inkluż il-pjan annwali ta' ħidma u l-baġit annwali kif ukoll jissorvelja u jikkoordina l-attivitajiet tal-ICOS RI.
4. Id-Direttur Ġenerali għandu jkun ibbażat fis-sede statutorja tal-ICOS ERIC u għandu jkun responsabbli għall-ġestjoni tal-persunal u tal-attivitajiet tal-Uffiċċju Prinċipali u tal-Portal tal-Karbonju skont il-baġit tal-ICOS ERIC.

#### Artikolu 12

##### **Bord Xjentifiku Konsultattiv**

1. L-Assemblea Ġenerali għandha twaqqaf Bord Xjentifiku Konsultattiv indipendenti.
2. Is-sħubija u r-regoli ta' proċedura tal-Bord Xjentifiku Konsultattiv għandhom jiġu deċiżi mill-Assemblea Ġenerali u jiġu inklużi fir-regoli interni.
3. Il-Bord Xjentifiku Konsultattiv għandu:
  - (a) jissorvelja l-kwalità xjentifika tal-attivitajiet tal-ICOS RI;
  - (b) jagħti rispons u jagħmel rakkomandazzjonijiet għall-iżvilupp tal-attivitajiet tal-ICOS RI;
  - (c) kull sena jippreżenta rakkomandazzjonijiet lill-Assemblea Ġenerali.

#### Artikolu 13

##### **Bord Konsultattiv dwar l-Etika**

1. L-Assemblea Ġenerali għandha twaqqaf Bord Konsultattiv indipendenti dwar l-Etika biex jagħti pariri u jipprovdi rapporti perjodiċi dwar kwistjonijiet etiċi. Il-Bord Konsultattiv dwar l-Etika għandu jkun magħmul minn tlieta sa ħames persuni indipendenti.
2. Is-sħubija u r-regoli ta' proċedura tal-Bord Konsultattiv dwar l-Etika għandhom jiġu deċiżi mill-Assemblea Ġenerali u jiġu inklużi fir-regoli interni.

#### Artikolu 14

##### **Kumitat dwar l-Infrastruttura tar-Riċerka tal-ICOS**

1. Għandu jkun hemm Kumitat dwar l-Infrastruttura tar-Riċerka tal-ICOS (Kumitat tal-ICOS RI) għall-ICOS ERIC. Il-Kumitat tal-ICOS RI għandu jinkludi rappreżentant wieħed mill-Uffiċċju Prinċipali, mill-Portal tal-Karbonju, minn kull Faċilità Ċentrali tal-ICOS u minn kull assemblea tal-istazzjonijiet ta' monitoraġġ, li din tal-aħħar hija magħmula minn esperti xjentifiċi u tekniċi min-Netwerks Nazzjonali tal-ICOS.
2. Il-Kumitat tal-ICOS RI għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

3. Id-Direttur Ġenerali għandu jikkonsulta mal-Kumitat tal-ICOS RI dwar il-kwistjonijiet ġenerali kollha inkluż it-tfassil ta' proposti għall-Assemblea Ġenerali għat-twaqqif u għall-modifika ta' pjanijiet annwali ta' ħidma marbuta mal-ICOS RI biex tiġi żgurata konsistenza, koerenza u stabbiltà tas-servizzi tal-infrastruttura ta' riċerka.
4. Il-laqgħat tal-Kumitat tal-ICOS RI għandhom jissejħu mid-Direttur Ġenerali.

#### KAPITOLU 4

### KONTRIBUZZJONIJIET, RESPONSABILITÀ, ASSIGURAZZJONI U RAPPORTAR

#### Artikolu 15

#### Kontribuzzjonijiet u Prinċipji tal-Finanzi

1. Il-Membri u l-Osservaturi għandhom iħallsu kontribuzzjonijiet annwali kif deskritt fl-Anness 2.
2. Il-kontribuzzjonijiet annwali tal-Membri u tal-Osservaturi huma kontribuzzjonijiet fi flus. Il-prinċipji għall-kontribuzzjonijiet huma stabbiliti fl-Anness 2 u sejrin ikomplu jiġu definiti fir-regoli interni.
3. Kontribuzzjonijiet li mhumiex il-kontribuzzjoni annwali lill-ICOS ERIC jistgħu jingħataw minn Membri u minn Osservaturi b'mod individwali jew f'koperazzjoni ma' Membri, Osservaturi jew ma' partijiet terzi oħra.
4. L-ICOS ERIC tista' wkoll tirċievi donazzjonijiet, għotjiet u kontribuzzjonijiet oħra bl-approvazzjoni tal-Assemblea Ġenerali.
5. Ir-riżorsi tal-ICOS ERIC għandhom jintużaw għall-għanijiet kif stabbiliti f'dawn l-Istatuti.
6. Is-sena finanzjarja tal-ICOS ERIC għandha tibda fl-1 ta' Jannar u tintemm fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena.
7. Il-kontijiet tal-ICOS ERIC għandhom ikunu akkumpanjati minn rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tas-sena finanzjarja.
8. L-ICOS ERIC għandha tkun soġġetta għar-rekwiżiti legali tal-liġi applikabbli dwar it-tnejn, il-preżentata, il-verifika u l-pubblikazzjoni tal-kontijiet.

#### Artikolu 16

#### Responsabbiltà u Assigurazzjoni

1. L-ICOS ERIC għandha tkun responsabbli għad-dejn tagħha.
2. Ir-responsabbiltà finanzjarja tal-Membri lejn id-dejn tal-ICOS ERIC għandha tkun limitata għall-kontribuzzjoni finanzjarja annwali rispettiva tagħhom.
3. L-ICOS ERIC għandha toħroġ assigurazzjoni adattata biex tkopri r-riskji tal-attivitajiet tagħha.

#### Artikolu 17

#### Rapportar

1. L-ICOS ERIC għandha tipproduċi rapport annwali ta' attività, li b'mod partikolari għandu jinkludi l-aspetti xjentifiċi, operattivi u finanzjarji tal-attivitajiet tagħha. Ir-rapport għandu jiġi approvat mill-Assemblea Ġenerali u jiġi preżentat lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti fi żmien sitt xhur mit-tmien tas-sena finanzjarja korrispondenti. Ir-rapport għandu jkun disponibbli għall-pubbliku.
2. L-ICOS ERIC għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe ċirkostanza li thedded li tipperikola serjament il-kisba tal-kompiti tal-ICOS ERIC jew li tfixkel lill-ICOS ERIC milli tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 723/2009.

## KAPITOLU 5

**POLITIKI***Artikolu 18***Politika dwar id-dejta u Politika dwar id-Drittijiet ta' Propjetà Intellettuali**

1. Id-dejta tal-ICOS RI kif ukoll id-drittijiet ta' propjetà intellettuali u għarfien ieħor relatat mad-dejta tal-ICOS RI li jiġi prodott u żviluppat fl-ICOS RI, għandu jappartjeni għall-entità jew għall-persuna li tkun iġġeneratu. Il-fornituri tad-dejta għandhom jagħtu lill-ICOS ERIC id-dritt li tuża d-dejta tal-ICOS RI skont il-kundizzjonijiet definiti fid-dokument ta' politika dwar id-dejta tal-ICOS.
2. L-ICOS ERIC għandha tadotta prinċipji u regoli komuni sabiex jiġi żgurat aċċess għall-għarfien xjentifiku tal-ICOS RI. Il-fornituri tad-dejta u l-awturi għandhom jiġu rikonxxuti b'mod xieraq.

*Artikolu 19***Politika ta' aċċess għall-utenti u Politika ta' Disseminazzjoni**

1. L-ICOS ERIC għandha twaqqaf proċeduri siguri, ġusti u trasparenti sabiex l-utenti kollha tad-dejta jingħataw aċċess għad-dejta tal-ICOS.
2. Jekk għal raġunijiet ta' kapaċità l-aċċess għar-riċerka għall-faċilitajiet u għas-servizzi tal-ICOS RI jkollu jiġi ristrett il-kriterji tal-għażla għandhom ikunu bbażati fuq l-eċċellenza xjentifika tal-proposti skont il-proċedura stabbilita fir-regoli interni.
3. Il-fornituri tad-dejta u l-ICOS ERIC għandhom jinkoraġġixxu lir-riċerkaturi biex jagħmlu r-riżultati tar-riċerka tagħhom disponibbli għall-pubbliku u għandhom jitolbu lir-riċerkaturi tal-pajjiżi membri biex jagħmlu r-riżultati disponibbli permezz tal-ICOS ERIC.
4. Sabiex tilħaq diversi udjenzi fil-mira l-ICOS ERIC għandha tuża diversi mezzi, bħal pereżempju portal tal-Internet, bulettni, sessjonijiet ta' ħidma, preżenza fil-konferenzi, artikli f'rivisti u f'gazzetti ta' kuljum.

*Artikolu 20***Evalwazzjoni**

1. Kull 5 snin bord indipendenti ta' evalwaturi esterni internazzjonali tal-ogħla kwalità, maħtur mill-Assemblea Ġenerali, għandu jwettaq:
  - (a) valutazzjonijiet xjentifiċi u tal-ġestjoni tal-attivitajiet tal-ICOS ERIC;
  - (b) valutazzjoni tal-attivitajiet tal-ICOS RI, tal-orjentazzjoni xjentifika u strateġika u tal-operat tal-komponenti kollha tal-ICOS RI.

Il-bord għandu jagħti attenzjoni speċjali sabiex jiġu sodisfatti r-reqwiziti tal-utenti.

2. Ir-riżultati tal-valutazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu rapportati lill-Assemblea Ġenerali.

*Artikolu 21***Impjiegi**

L-ICOS ERIC għandha tħaddan politika ta' opportunitajiet indaqs. Il-pożizzjonijiet vakanti kollha fl-ICOS ERIC għandhom jitħabbu pubblikament.

*Artikolu 22***Politika dwar l-Akkwist u l-Eżenzjoni mit-Taxxa**

1. L-ICOS ERIC għandha tittratta l-kandidati u l-offerenti għall-akkwist pubbliku b'mod ugwali u b'mod mhux diskriminatorju, indipendentement minn jekk ikunux ibbażati fl-Unjoni Ewropea jew le. Il-politika dwar l-akkwist tal-ICOS ERIC għandha ssegwi l-prinċipji ta' trasparenza, nuqqas ta' diskriminazzjoni u kompetizzjoni.
2. Id-Direttur Ġenerali għandu jkun responsabbli għall-akkwisti kollha tal-ICOS ERIC. L-offerti għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-ICOS ERIC u fit-territorji tal-Membri u tal-Osservaturi. Id-deċiżjoni li jingħata l-akkwist għandha tiġi mgħarrfa lill-pubbliku u tinkludi ġustifikazzjoni sħiħa. L-ICOS ERIC għandha twaqqaf il-politika tal-akkwist tagħha stess.
3. L-akkwisti minn Membri u minn Osservaturi li jittrattaw l-attivitajiet tal-ICOS ERIC għandhom isiru b'tali mod li tingħata konsiderazzjoni dovuta lill-ħtiġijiet, lir-reqwiżiti u lill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-ICOS ERIC maħruġa mill-korpi rilevanti.
4. Il-politika dwar l-akkwist tal-ICOS ERIC għandha tintuża għall-ICOS RI kollha kull meta dan ikun fattibbli.
5. L-eżenzjonijiet mit-taxxa bbażati fuq l-Artikolu 143(1)(g) u l-Artikolu 151(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE <sup>(1)</sup> u skont l-Artikoli 50 u 51 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 <sup>(2)</sup> għandhom ikunu limitati għat-taxxa fuq il-valur miżjud għal tali oġġetti u servizzi li huma għall-użu uffiċjali tal-ICOS ERIC, li jaqbuż l-valur ta' EUR 250, u li jkunu totalment imħallsa u akkwistati mill-ICOS ERIC. L-eżenzjonijiet mit-taxxa għandhom japplikaw għal attivitajiet mhux ekonomiċi. Ma għandhomx japplikaw għal attivitajiet ekonomiċi. L-akkwist li jsir mill-membri individwali ma għandux jibbenefika minn dawn l-eżenzjonijiet. Ma għandhomx japplikaw iktar limiti.

## KAPITOLU 6

**TERMINU, STRALĊ, TILWIM, U DISPOŻIZZJONIJIET DWAR L-ISTABILIMENT***Artikolu 23***Terminu**

L-ICOS ERIC għandha tiġi stabbilita għal perjodu inizjali ta' għoxrin sena li jista' jiġġedded permezz ta' deċiżjoni tal-Assemblea Ġenerali.

*Artikolu 24***Stralċ u insolvenza**

1. L-istralċ tal-ICOS ERIC għandu jeħtieġ deċiżjoni tal-Assemblea Ġenerali skont l-Artikolu 10(2)(b) u l-Kummissjoni Ewropea għandha tiġi notifikata b'dan fi żmien għaxart ijiem mill-adozzjoni tiegħu.
2. L-assi li jibqgħu wara l-ħlas tad-dejn tal-ICOS ERIC għandhom jitqassmu bejn il-Membri skont il-kontribuzzjoni kumulattiva tagħhom lill-ICOS ERIC li tkun saret matul il-ħames snin konsekuttivi qabel l-istralċ.
3. Mingħajr dewmien bla bżonn u fi kwalunkwe każ fi żmien għaxart ijiem mill-għeluq tal-proċedura ta' stralċ, l-ICOS ERIC għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar dan.
4. L-ICOS ERIC għandha tieqaf teżisti fil-jum li fih il-Kummissjoni Ewropea tippubblika l-avviż xieraq f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
5. Fi kwalunkwe ħin, fil-każ li l-ICOS ERIC ma tkunx tista' tħallas id-dejn tagħha, għandha tinnotifika minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 77, 23.3.2011, p. 1).

*Artikolu 25***Regoli Interni**

Dawn l-Istatuti għandhom jiġu implimentati permezz ta' regoli interni li għandhom jiġu adottati mill-Assemblea Ġenerali.

*Artikolu 26***Emendi għall-Istatuti**

1. L-emendi jistgħu jiġu proposti lill-Assemblea Ġenerali minn kwalunkwe Membru jew mid-Direttur Ġenerali.
2. Proposti għal emendi għal dawn l-Istatuti jistgħu jiġu adottati mill-Assemblea Ġenerali u jiġu preżentati lill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 723/2009.

*Artikolu 27***Liġi Applikabbli**

It-twaqqif u l-funzjonament intern tal-ICOS ERIC għandu jkun regolat:

- (a) mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari bir-Regolament (KE) Nru 723/2009;
- (b) mil-liġi tal-istat ospitanti fil-każ ta' materja li ma tkunx koperta (jew tkun parzjalment koperta biss) mid-dritt tal-Unjoni;
- (c) minn dawn l-Istatuti u r-regoli implimentattivi tagħhom.

*Artikolu 28***Tilwim**

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha l-ġurisdizzjoni fuq il-litigazzjoni bejn il-Membri fir-rigward tal-ICOS ERIC, bejn il-Membri u l-ICOS ERIC u fuq kwalunkwe litigazzjoni li l-Unjoni hija parti tagħha.
2. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-ġurisdizzjoni għandha tapplika għal tilwim bejn l-ICOS ERIC u partijiet terzi. Fil-każijiet li ma jkunux koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-liġi tal-istat ospitanti għandha tiddetermina l-ġurisdizzjoni kompetenti għar-riżoluzzjoni ta' dan it-tilwim.

*Artikolu 29***Disponibbiltà tal-Istatuti**

L-Istatuti għandhom jinżammu aġġornati u jkunu disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-ICOS ERIC u fis-sede statutorja.

*Artikolu 30***Dispożizzjonijiet dwar l-Istabiliment**

1. Il-pajjiż ospitanti għandu jsejjaħ laqgħa kostituzzjonali tal-Assemblea Ġenerali kemm jista' jkun malajr wara d-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li twaqqaf l-ICOS ERIC.
2. Il-pajjiż ospitanti għandu jinnotifika lill-Membri fundaturi u lill-Osservaturi bi kwalunkwe azzjoni legali urġenti speċifika li teħtieġ li tittieħed għan-nom tal-ICOS ERIC qabel ma ssir il-laqgħa kostituzzjonali u mhux iktar tard minn ħamsa u erbgħin jum kalendarju minn meta tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li twaqqaf l-ICOS ERIC, kif elenkat fl-Anness 1. Sakemm Membru ma joġġezzjonax fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol wara li jiġi notifikat, l-azzjoni legali għandha ssir minn persuna awtorizzata mill-istat ospitanti.



## ANNEX 1

**IL-MEMBRI U L-OSSERVATORI U L-ENTITAJIET RAPPREŻENTANTI ATTWALI TAGĦHOM**

Dan l-Anness jelenka l-Membri u l-Osservaturi, u l-entitajiet li jirrappreżentawhom.

## IL-MEMBRI

Pajjiż jew Organizzazzjoni intergovernattiva	Entità rappreżentanti
IR-RENJU TAL-BELĠJU	L-UFFIĊĠJU TAL-POLITIKA XJENTIFIKA BELĠJANA (BELSPO)
IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA	MINISTERU TAL-EDUKAZZJONI U TAL-KULTURA; MINISTERU TAT-TRASPORT U L-KOMUNIKAZZJONI
IR-REPUBBLIKA TA' FRANZA	IL-KUMMISSJONI FRANĊIŻA DWAR L-ENERĠIJI ALTERNATTIVI U L-ENERĠIJA ATOMIKA (CEA); IĊ-ĊENTRU NAZZJONALI GĦAR-RIĊERKA XJENTIFIKA (CNRS); L-ISTITUT NAZZJONALI FRANĊIŻ GĦAR-RIĊERKA DWAR L-AGRIKOLTURA (INRA)
IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA	MINISTERU FEDERALI TAT-TRASPORT (BMVI)
IR-REPUBBLIKA TAL-ITALJA	CONSIGLIO NAZIONALE DELLE RICERCHE — DIPARTIMENTO DI SCIENZE DEL SISTEMA TERRA E TECNOLOGIE AMBIENTALI (CNR-DTA); CENTRO EURO-MEDITERRANEO SUI CAMBIAMENTI CLIMATICI (CMCC); ICOS-IT, UNITÀ KONĠUNTA TAR-RIĊERKA
IR-RENJU TAN-NETHERLANDS	NEDERLANDSE ORGANISATIE VOOR WETENSCHAPPELIJK ONDERZOEK (NWO)
IR-RENJU TAN-NORVEĠJA	IL-KUNSILL TAR-RIĊERKA TAN-NORVEĠJA
IR-RENJU TAL-IŻVEZJA	KUNSILL ŻVEDIŻ TAR-RIĊERKA

## L-OSSERVATORI

Pajjiż jew Organizzazzjoni intergovernattiva	Entità rappreżentanti
IL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA	ETH ZURICH

## ANNEX 2

**KONTRIBUZZJONIJET ANNWALI**

## DAĦLA

L-iffinanzjar tan-Netwerks Nazzjonali tal-ICOS jiġi organizzat fuq livell nazzjonali, u l-finanzjament mhuwiex inkluż fil-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi ospitanti. Il-Faċilitajiet Ċentrali tal-ICOS, li jiġu operati barra mill-ICOS ERIC jew bħala konsorzji nazzjonali jew multi-nazzjonali, fil-parti kbira jiġu ffinanzjati mill-pajjiżi ospitanti u f'livell inqas mill-ICOS ERIC permezz ta' riallokazzjoni tal-kontribuzzjonijiet annwali. L-attivitajiet integrati tal-ICOS ERIC jiġu ffinanzjati permezz ta' kontribuzzjonijiet annwali u minn kontribuzzjonijiet primjum tal-pajjiżi ospitanti.

## PRINĊIPJI

Il-kontribuzzjoni annwali tas-sħubija għall-ICOS ERIC hija bbażata fuq il-fatturi varjabbli li ġejjin:

- Kontribuzzjoni komuni bażika (50 % tal-kontribuzzjonijiet komuni)
- Kontribuzzjoni komuni abbażi tal-ING (50 % tal-kontribuzzjonijiet komuni)
- Kontribuzzjonijiet abbażi tal-istazzjon

Il-pajjiżi ospitanti huma impenjati li jħallsu l-kontribuzzjoni primjum tal-pajjiż ospitanti lill-ICOS ERIC (HO, CP).

L-Osservatur sejjer iħallas kontribuzzjoni annwali tal-osservaturi bbażata fuq l-istess metodu ta' kalkolu tal-Membri.

Membri jew Osservatur li jissieħeb mal-ICOS ERIC sejjer iħallas il-kontribuzzjoni annwali sħiħa għas-sena tad-dħul.

Il-kontribuzzjonijiet annwali ta' Organizzazzjonijiet Intergovernattivi għandhom jiġu deċiżi mill-Assemblea Ġenerali.

Il-baġit u l-attivitajiet tal-ICOS ERIC sejin jiġu aġġustati skont id-dħul.

**Impenji inizjali**

Qabel jintemm il-perjodu inizjali ta' 5 snin l-Assemblea Ġenerali sejra tiddeċiedi dwar il-metodu ta' kalkolu għall-perjodi sussegwenti.

- (a) L-impenn inizjali għall-Membri huwa ta' 5 snin (sakemm l-AĠ ma tiddeċidix mod ieħor). Ma hemm l-ebda impenn inizjali għall-Osservaturi;
- (b) L-istruttura indikattiva tad-dħul tal-ICOS ERIC għal ħames hija indikata hawn taħt (Tabella 1) u hija bbażata fuq parteċipazzjoni stmata tal-pajjiżi li ffirmaw l-Ittra ta' Intenzjoni;
- (c) Il-kontribuzzjoni primjum massima relattiva tal-pajjiż ospitanti għall-ewwel baġit ta' 5 snin tal-Uffiċċju Prinċipali jew tal-Portal tal-Karbonju ma tistax taqbeż it-80 % tal-baġit annwali ta' kull komponent;
- (d) Il-baġit totali inizjali ta' 5 snin tal-ICOS RI huwa deskritt fid-dettall fil-pjan finanzjarju (il-post għad irid jiġi speċifikat);
- (e) Il-kontribuzzjonijiet annwali huma elenkati fit-Tabella 2; Nota: il-baġit huwa stima bbażata fuq l-intenzjoni tal-pajjiżi li jsiru ICOS ERIC fl-2013. L-ewwel AĠ għandu jirrevedih abbażi tas-sħubija finali.

Tabella 1

**Il-pjan għall-istruttura tad-dħul u tal-infiq għall-ICOS ERIC għall-ewwel ħames snin, ikkalkolat abbażi tal-istimi fit-Tabella 2**

Dħul, kEUR	2015	2016	2017	2018	2019
Kontribuzzjoni komuni bażika	166	154	154	154	154
Kontribuzzjoni komuni abbażi tal-ING	176	171	171	171	171
Kontribuzzjoni abbażi tal-istazzjon	616	859	859	859	859

Dħul, kEUR	2015	2016	2017	2018	2019
Kontribuzzjoni primjum tal-pajjiż ospitanti (HO)	950	950	950	950	950
Kontribuzzjoni primjum tal-pajjiż ospitanti (CP)	859	859	859	859	859
<b>Total</b>	<b>2 767</b>	<b>2 993</b>	<b>2 993</b>	<b>2 993</b>	<b>2 993</b>

Nefqa, kEUR	2015	2016	2017	2018	2019
Uffiċċju Prinċipali u attivitajiet komuni	1 135	1 126	1 126	1 126	1 126
Attivitajiet tal-Portal tal-Karbonju	1 016	1 008	1 008	1 008	1 008
Attivitajiet tal-Faċilitajiet Ċentrali	616	859	859	859	859
<b>Total</b>	<b>2 767</b>	<b>2 993</b>	<b>2 993</b>	<b>2 993</b>	<b>2 993</b>

Tabella 2

**Stima tal-kontribuzzjonijiet annwali u tal-kontribuzzjonijiet primjum tal-pajjiż ospitanti lill-ICOS ERIC għall-ewwel ħames snin ta' operat**

Pajjiż Membru/Osservatur*	Kontribuzzjoni annwali	2015	2016	2017	2018	2019
Il-Belġju	— TOTAL	57 836	95 199	95 199	95 199	95 199
	— Kontr. komuni bażika	18 462	17 143	17 143	17 143	17 143
	— Kontr. komuni abbażi tal-ING	7 625	7 407	7 407	7 407	7 407
	— Kontribuzzjoni abbażi tal-istazzjon	31 750	70 650	70 650	70 650	70 650
Il-Finlandja	— TOTAL	112 938	133 009	133 009	133 009	133 009
	— Kontr. komuni bażika	18 462	17 143	17 143	17 143	17 143
	— Kontr. komuni abbażi tal-ING	3 877	3 766	3 766	3 766	3 766
	— Kontribuzzjoni abbażi tal-istazzjon	90 600	112 100	112 100	112 100	112 100
	— Kontribuzzjoni primjum tal-pajjiż ospitanti	900 000	900 000	900 000	900 000	900 000
Franza	— TOTAL	163 087	182 067	182 067	182 067	182 067
	— Kontr. komuni bażika	18 462	17 143	17 143	17 143	17 143
	— Kontr. komuni abbażi tal-ING	42 026	40 825	40 825	40 825	40 825
	— Kontribuzzjoni abbażi tal-istazzjon	102 600	124 100	124 100	124 100	124 100
	— Kontribuzzjoni primjum tal-pajjiż ospitanti	50 000	50 000	50 000	50 000	50 000

Pajjiż Membru/ Osservatur*	Kontribuzzjoni annwali	2015	2016	2017	2018	2019
Il-Ġermanja	— TOTAL	205 424	288 461	288 461	288 461	288 461
	— Kontr. komuni bażika	18 462	17 143	17 143	17 143	17 143
	— Kontr. komuni abbażi tal- ING	54 012	52 468	52 468	52 468	52 468
	— Kontribuzzjoni abbażi tal- istazzjon	132 950	218 850	218 850	218 850	218 850
L-Italja	— TOTAL	95 052	92 796	92 796	92 796	92 796
	— Kontr. komuni bażika	18 462	17 143	17 143	17 143	17 143
	— Kontr. komuni abbażi tal- ING	32 790	31 853	31 853	31 853	31 853
	— Kontribuzzjoni abbażi tal- istazzjon	43 800	43 800	43 800	43 800	43 800
In-Nether- lands	— TOTAL	57 237	66 314	66 314	66 314	66 314
	— Kontr. komuni bażika	18 462	17 143	17 143	17 143	17 143
	— Kontr. komuni abbażi tal- ING	12 375	12 021	12 021	12 021	12 021
	— Kontribuzzjoni abbażi tal- istazzjon	26 400	37 150	37 150	37 150	37 150
	— <i>Kontribuzzjoni primjum tal-paj- jiż ospitanti</i>	139 338	139 338	139 338	139 338	139 338
In-Norveġja	— TOTAL	89 285	109 272	109 272	109 272	109 272
	— Kontr. komuni bażika	18 462	17 143	17 143	17 143	17 143
	— Kontr. komuni abbażi tal- ING	6 773	6 579	6 579	6 579	6 579
	— Kontribuzzjoni abbażi tal- istazzjon	64 050	85 550	85 550	85 550	85 550
L-Iżvezja (1)	— TOTAL	123 133	153 851	153 851	153 851	153 851
	— Kontr. komuni bażika	18 462	17 143	17 143	17 143	17 143
	— Kontr. komuni abbażi tal- ING	7 472	7 258	7 258	7 258	7 258
	— Kontribuzzjoni abbażi tal- istazzjon	97 200	129 450	129 450	129 450	129 450
	— <i>Kontribuzzjoni primjum tal-paj- jiż ospitanti</i>	719 259	719 259	719 259	719 259	719 259
L-Iżvizzera*	— TOTAL	54 114	63 281	63 281	63 281	63 281
	— Kontr. komuni bażika	18 462	17 143	17 143	17 143	17 143
	— Kontr. komuni abbażi tal- ING	9 253	8 988	8 988	8 988	8 988
	— Kontribuzzjoni abbażi tal- istazzjon	26 400	37 150	37 150	37 150	37 150
<b>TOTAL FINALI</b>		<b>2 766 703</b>	<b>2 992 848</b>	<b>2 992 848</b>	<b>2 992 848</b>	<b>2 992 848</b>

(1) Il-kontribuzzjoni annwali totali għall-Iżvezja ma għandhiex taqbeż 7 750 000 SEK.

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2098****tat-13 ta' Novembru 2015****li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)***(notifikata bid-dokument C(2015) 7716)***(It-testi bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż bil-Latvjan, bil-Litwan, bl-Olandiż, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven u bit-Taljan biss huma awtentiċi)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 52 tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 <sup>(2)</sup> u mill-1 ta' Jannar 2015 skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, il-Kummissjoni għandha twettaq il-verifiki meħtieġa, tikkomunika lill-Istati Membri r-riżultati ta' dawk il-verifiki, tiegħu nota tal-kummenti tal-Istati Membri, tibda diskussjoni bilaterali sabiex ikun jista' jintlaħaq ftehim mal-Istati Membri kkonċernati, u tikkomunikalhom formalment il-konklużjonijiet tagħha.
- (2) L-Istati Membri kellhom l-opportunità li jitolbu l-bidu ta' proċedura ta' konċiljazzjoni. Dik l-opportunità ntużat f'xi każijiet u r-rapporti li nħarġu dwar ir-riżultati ġew eżaminati mill-Kummissjoni.
- (3) B'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, tista' tiġi ffinanzjata biss in-nefqa agrikola li tkun iġġarrbet b'tali mod li ma tkunx inkisret il-liġi tal-Unjoni.
- (4) Fid-dawl tal-verifiki mwettqa, tar-riżultati li ħarġu mid-diskussjonijiet bilaterali u mill-proċeduri ta' konċiljazzjoni, parti min-nefqa ddikjarata mill-Istati Membri ma tissodisfax dan ir-rekwiżit, u għaldaqstant, ma tistax tiġi ffinanzjata taħt il-FAEG u l-FAEŻR.
- (5) Għandhom jiġu indikati l-ammonti li mhumiex meqjusa li jistgħu jitħallsu mill-FAEG u mill-FAEŻR. Dawk l-ammonti mhumiex marbutin ma' nefqa mġarrba aktar minn 24 xahar qabel in-notifika bil-miktub tal-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-verifiki lill-Istati Membri.
- (6) Rigward il-każijiet koperti b'din id-Deċiżjoni, il-valutazzjoni tal-ammonti li jridu jiġu esklużi minħabba n-nuqqas ta' konformità tagħhom mal-liġi tal-Unjoni għet ikkomunikata lill-Istati Membri f'rapport sommarju li ħarġet il-Kummissjoni dwar is-suġġett.
- (7) Din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax il-konklużjonijiet finanzjarji li tista' tasal għalihom il-Kummissjoni abbażi tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'kawżi pendenti fl-1 ta' Settembru 2015,

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-ammonti mogħtija fl-Anness u marbuta man-nefqa mġarrba mill-aġenziji tal-pagamenti akkreditati tal-Istati Membri u ddikjarati skont il-FAEG jew il-FAEŻR għandhom jiġu esklużi mill-finanzjament tal-Unjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Renju tal-Iżvezja, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kummissjoni*  
Phil HOGAN  
*Membri tal-Kummissjoni*

\_\_\_\_\_

## ANNEX

## Linja baġitarja: 05070107

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Munita	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
					<b>Total NL:</b>	<b>EUR</b>	<b>- 901 211,40</b>	<b>- 17 079,40</b>	<b>- 884 132,00</b>
Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Munita	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
<b>PT</b>	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1+3 tal-FAEŻR — Miżuri orjentati lejn l-investiment (2007-2013)	2012	Nuqqas fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku	TA' DARBA	0,00 %	EUR	- 755 474,00	0,00	- 755 474,00
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1 tal-FAEŻR — Miżuri ta' appoġġ b'rata fissa (2007-2013)	2011	L-ebda analiżi xierqa tar-riskji	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 591 526,25	0,00	- 591 526,25
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1 tal-FAEŻR — Miżuri ta' appoġġ b'rata fissa (2007-2013)	2012	L-ebda analiżi xierqa tar-riskji	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 222 147,37	0,00	- 222 147,37
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 4 LEADER tal-FAEŻR (2007-2013)	2011	Proġett mhux implimentat.	TA' DARBA		EUR	- 2 836,62	0,00	- 2 836,62
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 4 LEADER tal-FAEŻR (2007-2013)	2011	Proġett mhux implimentat sew.	TA' DARBA		EUR	- 48 188,16	0,00	- 48 188,16



Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Munita	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1+3 tal-FAEŻR — Miżuri orjentati lejn l-investiment (2007-2013)	2011	Kampjunar ta' verifiki fuq il-post — popolazzjoni inadegwata	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 600 000,00	- 600 000,00	0,00
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1+3 tal-FAEŻR — Miżuri orjentati lejn l-investiment (2007-2013)	2012	Kampjunar ta' verifiki fuq il-post — popolazzjoni inadegwata	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 399 652,45	- 399 652,45	0,00
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1+3 tal-FAEŻR — Miżuri orjentati lejn l-investiment (2007-2013)	2011	Kampjunar ta' verifiki fuq il-post — popolazzjoni inadegwata	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 1 339 403,96	0,00	- 1 339 403,96
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1+3 tal-FAEŻR — Miżuri orjentati lejn l-investiment (2007-2013)	2012	Kampjunar ta' verifiki fuq il-post — popolazzjoni inadegwata	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 700 538,13	0,00	- 700 538,13
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1+3 tal-FAEŻR — Miżuri orjentati lejn l-investiment (2007-2013)	2010	Kriterji tal-SME mhux ivverifikati	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 300 370,16	0,00	- 300 370,16
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1+3 tal-FAEŻR — Miżuri orjentati lejn l-investiment (2007-2013)	2011	Kriterji tal-SME mhux ivverifikati	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 916 906,93	0,00	- 916 906,93
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1+3 tal-FAEŻR — Miżuri orjentati lejn l-investiment (2007-2013)	2012	Kriterji tal-SME mhux ivverifikati	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 914 418,58	0,00	- 914 418,58

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Munita	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1+3 tal-FAEŻR — Miżuri orjentati lejn l-investiment (2007-2013)	2013	Kriterji tal-SME mhux ivverifikati	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 1 014 498,08	0,00	- 1 014 498,08
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-investiment tal-FAEŻR — beneficijarji privati	2014	Kriterji tal-SME mhux ivverifikati	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 286 087,86	0,00	- 286 087,86
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona)	2010	Dgħufijiet fl-LPIS, RD CY 2009	RATA FISSA	5,00 %	EUR	72 795,61	0,00	72 795,61
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona)	2010	Dgħufijiet fl-LPIS, RD CY 2010	RATA FISSA	5,00 %	EUR	166 439,32	0,00	166 439,32
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona)	2011	Dgħufijiet fl-LPIS, RD CY 2010	RATA FISSA	5,00 %	EUR	72 077,07	0,00	72 077,07
					<b>Total PT:</b>	<b>EUR</b>	<b>- 7 780 736,55</b>	<b>- 999 652,45</b>	<b>- 6 781 084,10</b>
Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Munita	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
<b>SE</b>	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona)	2010	nuqqas ta' verifika tal-konformità mal-limitazzjonijiet tad-demel (Skema ta' żvantaġġ naturali)	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 354 006,62	0,00	- 354 006,62

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Munita	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona)	2011	nuqqas ta' verifika tal-konformità mal-limitazzjonijiet tad-demel (Skema ta' żvantaġġ naturali)	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 827 791,97	0,00	- 827 791,97
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona)	2012	nuqqas ta' verifika tal-konformità mal-limitazzjonijiet tad-demel (Skema ta' żvantaġġ naturali)	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 721 063,75	0,00	- 721 063,75
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona)	2013	nuqqas ta' verifika tal-konformità mal-limitazzjonijiet tad-demel (Skema ta' żvantaġġ naturali)	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 209 252,91	0,00	- 209 252,91
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona)	2010	il-verifiki fuq il-post naqsu milli jgħoddu l-bovini skont l-iskema ta' żvantaġġ naturali u żewġ sottomiżuri agroambjentali	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 238 730,60	- 85 805,23	- 152 925,37
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona)	2011	il-verifiki fuq il-post naqsu milli jgħoddu l-bovini skont l-iskema ta' żvantaġġ naturali u żewġ sottomiżuri agroambjentali	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 594 957,98	- 66 052,41	- 528 905,57
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona)	2012	il-verifiki fuq il-post naqsu milli jgħoddu l-bovini skont l-iskema ta' żvantaġġ naturali u żewġ sottomiżuri agroambjentali	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 559 641,69	- 93 237,95	- 466 403,74

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Munita	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
	Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona)	2013	il-verifiki fuq il-post naqsu milli jgħoddu l-bovini skont l-iskema ta' żvantaġġ naturali u żewġ sottomiżuri agroambjentali	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 189 317,63	- 9,76	- 189 307,87
					<b>Total SE:</b>	<b>EUR</b>	<b>- 3 694 763,15</b>	<b>- 245 105,35</b>	<b>- 3 449 657,80</b>

Munita	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
<b>EUR</b>	- 38 677 944,57	- 1 396 299,35	- 37 281 645,22

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2099****tat-18 ta' Novembru 2015****li tistabilixxi l-kriterji ekoloġiċi biex tingħata l-Ekotikketta tal-UE għall-materjal tat-tkabbir, is-sustanzi li jtejbju l-ħamrija u l-ħuxlief***(notifikata bid-dokument C(2015) 7891)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Bord tal-Unjoni Ewropea għat-Tikkettar Ekoloġiku,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010, l-Ekotikketta tal-UE tista' tingħata lil dawk il-prodotti b'impatt ambjentali mnaqqas matul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 jipprovdi li kriterji speċifiċi tal-Ekotikketta tal-UE għandhom jiġu stabbiliti skont il-gruppi tal-prodotti.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/799/KE <sup>(2)</sup> u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/64/KE <sup>(3)</sup> stabbilew il-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati għas-sustanzi li jtejbju l-ħamrija u għall-materjal tat-tkabbir, rispettivament, li jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2015.
- (4) Sabiex ikun rifless aħjar l-avvanz li għamel is-suq ta' dawn il-gruppi ta' prodotti u sabiex jitqiesu l-innovazzjonijiet li saru dan l-aħħar, jixraq li ż-żewġ gruppi ta' prodotti jingħaqdu fi grupp wieħed ta' prodotti u li fl-istess kamp ta' applikazzjoni jiżded il-ħuxlief, peress li dan hu distint bħala tip ta' sustanza li ttejjeb il-ħamrija b'karatteristiċi u funzjonijiet partikolari.
- (5) Il-kriterji riveduti, kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, għandhom ikunu validi għal erba' snin minn meta tiġi adottata din id-Deċiżjoni, filwaqt li jitqies iċ-ċiklu ta' innovazzjoni għal dan il-grupp ta' prodotti. Dawn il-kriterji għandhom l-għan li jippromwovu r-riċiklaġġ tal-materjali, l-użu ta' materjali rinnovabbli u riċiklati ħalli tonqos id-degradazzjoni ambjentali, u li jonqos it-tniġġis fil-ħamrija u fl-ilma billi jiġu stabbiliti limiti stretti għall-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġġiesa fil-prodott finali.
- (6) Għalhekk id-Deċiżjonijiet 2006/799/KE u 2007/64/KE toħdilhom posthom din id-Deċiżjoni.
- (7) Lill-produtturi li l-prodotti tagħhom tkun ingħatatilhom l-Ekotikketta tal-UE għall-materjal tat-tkabbir u għas-sustanzi li jtejbju l-ħamrija skont il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjonijiet 2006/799/KE u 2007/64/KE rispettivament, għandu jingħatalhom perjodu ta' tranżizzjoni ħalli jkollhom żmien biżżejjed biex jadattaw il-prodotti tagħhom u jiġibuhom konformi mal-kriterji u r-rekwiżiti riveduti.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010.

<sup>(1)</sup> ĠUL 27, 30.1.2010, p. 1.<sup>(2)</sup> Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/799/KE tat-3 ta' Novembru 2006 li tistabilixxi l-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti tal-istima u l-verifikazzjoni relatati mal-għoti ta' eko-tikketta tal-Komunità għall-materjali li jtejbju l-ħamrija (ĠU L 325, 24.11.2006, p. 28).<sup>(3)</sup> Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/64/KE tal-15 ta' Diċembru 2006 li tistabilixxi kriterji ekoloġiċi riveduti u r-rekwiżiti ta' stima u verifikazzjoni relatati għall-għoti ta' ekotikketta tal-Komunità għall-midja tat-tkabbir (ĠU L 32, 6.2.2007, p. 137).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

Il-grupp ta' prodotti "materjal tat-tkabbir, sustanzi li jtejbu l-ħamrija u ħuxlief" għandu jinkludi materjal tat-tkabbir, sustanzi organiċi li jtejbu l-ħamrija u ħuxlief organiku.

#### Artikolu 2

Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

- (1) "materjal tat-tkabbir" tfisser materjal fejn jtkabbru l-pjanti li jintuża bħala substrat għall-iżvilupp tal-għeruq;
- (2) "materjal minerali tat-tkabbir" tfisser materjal tat-tkabbir li jkun magħmul għalkollox minn kostitwenti minerali;
- (3) "sustanzi li jtejbu l-ħamrija" tfisser materjal, ħliet materjal tal-gir, li jiżdied mal-ħamrija *in situ* bil-għan ewlieni li jżomm jew itejjeb il-karatteristiċi fiżiċi u/jew kimiċi u/jew bijoloġiċi tagħha;
- (4) "sustanzi organiċi li jtejbu l-ħamrija" tfisser sustanzi li jtejbu l-ħamrija u li jkun fihom materjali karbonjużi bil-għan ewlieni li jiżdied il-kontenut ta' materja organika fil-ħamrija;
- (5) "ħuxlief" tfisser tip ta' sustanza li ttejjeb il-ħamrija u li tintuża bħala għata protettiva mqiegħda madwar il-pjanti, fuq wiċċ il-ħamrija, bil-għan ewlieni li tevita t-telf tal-umdità, tilqa' lill-ħaxix ħażin milli jikber, u tnaqqas l-erożjoni tal-ħamrija;
- (6) "ħuxlief organiku" tfisser ħuxlief li jkun fih materjali karbonjużi mnislin mill-bijomassa;
- (7) "kostitwent" tfisser materjal użat li jista' jkun ingredjent tal-prodott;
- (8) "kostitwent organiku" tfisser kostitwent li jkun fih materjali karbonjużi.
- (9) "familja tal-prodott" tfisser il-firxa ta' prodotti magħmulin mill-istess kostitwenti;
- (10) "produzzjoni annwali" tfisser il-produzzjoni annwali ta' familja tal-prodott;
- (11) "kontribut annwali" tfisser l-ammont annwali ta' materjali trattati f'impjant għat-trattament tal-iskart jew ta' prodotti sekondarji tal-annimali;
- (12) "lott" tfisser kwantità ta' prodotti manifatturati mill-istess proċess fl-istess kundizzjonijiet u tikkettati bl-istess mod, u bi preżunzjoni li għandhom l-istess karatteristiċi;
- (13) "bijoskart" tfisser skart bijodegradabbli mill-ġardina jew mill-ġonna, skart tal-ikel u tal-kċina mid-djar, mir-ristoranti, mingħand il-fornituri tal-ikel u mill-postijiet tal-bejgħ, u skart tal-istess xeħta minn impjanti għall-ipproċessar tal-ikel;
- (14) "bijomassa" tfisser il-frazzjoni bijodegradabbli tal-prodotti, l-iskart u r-residwi ta' oriġini bijoloġika mill-agrikoltura (fosthom is-sustanzi veġetali u tal-annimali), mill-forestrija u minn industriji oħrajn relatati, fosthom mis-sajd u mill-akkwakultura, kif ukoll il-frazzjoni bijodegradabbli tal-iskart industrijali u municijali.

#### Artikolu 3

Sabiex prodott jingħata l-Ekotikketta tal-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010, dan għandu jkun jiffirma parti mill-grupp ta' prodotti "materjal tat-tkabbir, sustanzi li jtejbu l-ħamrija u ħuxlief" kif jiddefinixxi l-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni u għandu jikkonforma mal-kriterji u mar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati li jistabbilixxi l-Anness.

#### Artikolu 4

Il-kriterji għall-grupp ta' prodotti "materjal tat-tkabbir, sustanzi li jtejbu l-ħamrija u ħuxlief", kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom jibqgħu validi għal erba' snin min meta tiġi adottata din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 5*

Għal finijiet amministrattivi, in-numru tal-kodiċi assenjat lill-grupp ta' prodotti "materjal tat-tkabbir, sustanzi li jtejbu l-ħamrija u huxliet" għandu jkun 048.

*Artikolu 6*

Jitħassru d-Deċiżjonijiet 2006/799/KE u 2007/64/EKE.

*Artikolu 7*

1. B'deroga mill-Artikolu 6, l-applikazzjonijiet għall-Ekotikketta tal-UE li jittressqu għal prodotti fil-grupp ta' prodotti "materjal tat-tkabbir" jew "sustanzi li jtejbu l-ħamrija" qabel id-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu evalwati skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjonijiet 2006/799/KE u 2007/64/KE rispettivament.

2. Madankollu, l-applikazzjonijiet għall-Ekotikketta tal-UE li jittressqu għal prodotti fil-grupp ta' prodotti "materjal tat-tkabbir" jew "sustanzi li jtejbu l-ħamrija" fi żmien xahrejn minn meta tiġi adottata din id-Deċiżjoni, jistgħu jissejsu fuq il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjonijiet 2006/799/KE u 2007/64/KE jew inkella fuq il-kriterji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Dawk l-applikazzjonijiet jiġu evalwati skont il-kriterji li jibbażaw fuqhom.

3. Il-liċenzji għall-Ekotikketta tal-UE mogħtija skont il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjonijiet 2006/799/KE u 2007/64/KE jistgħu jintużaw għal 12-il xahar minn meta tiġi adottata din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2015.

Għall-Kummissjoni  
Karmenu VELLA  
Membru tal-Kummissjoni

## ANNEX

## QAFAS

## IL-KRITERJI TAL-EKOTIKKETTA TAL-UE

Il-kriterji biex tingħata l-Ekotikketta tal-UE għall-materjal tat-tkabbir, is-sustanzi li jtejbju l-ħamrija u l-ħuxlief:

- Il-kriterju 1 — Il-kostitwenti
- Il-kriterju 2 — Il-kostitwenti organiċi
- Il-kriterju 3 — Il-materjal minerali tat-tkabbir u l-kostitwenti minerali
- Il-kriterju 3.1 — Il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>
- Il-kriterju 3.2 — Sorsi ta' estrazzjoni tal-minerali
- Il-kriterju 3.3 — L-użu u wara l-użu tal-materjal minerali tat-tkabbir
- Il-kriterju 4 — Materjali riċiklati/rkuprati u organiċi fil-materjal tat-tkabbir
- Il-kriterju 5 — Il-limitazzjoni tas-sustanzi perikolużi
- Il-kriterju 5.1 — Metalli tqal
- Il-kriterju 5.2 — Idrokarburi aromatiċi poliċikliċi
- Il-kriterju 5.3 — Sustanzi u taħlitiet perikolużi
- Il-kriterju 5.4 — Sustanzi elenkati skont l-Artikolu 59(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>
- Il-kriterju 5.5 — Limiti għall-E. coli u għas-Salmonella spp
- Il-kriterju 6 — L-istabbiltà
- Il-kriterju 7 — Il-kontaminanti fiżiċi
- Il-kriterju 8 — Il-materja organika u l-materja niexfa
- Il-kriterju 9 — Żerriegħa tal-ħaxix ħażin u materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti li jkunu vijabbli
- Il-kriterju 10 — Ir-rispons tal-pjanti
- Il-kriterju 11 — Il-karatteristiċi tal-materjal tat-tkabbir
- Il-kriterju 12 — L-għoti tal-informazzjoni
- Il-kriterju 13 — L-informazzjoni li turi l-Ekotikketta tal-UE

Tabella 1

**L-applikabbiltà tal-kriterji differenti għal kull tip ta' prodott li jkopri l-kamp ta' applikazzjoni**

Kriterju	Materjal tat-tkabbir	Sustanzi li jtejbju l-ħamrija	Ħuxlief
Il-kriterju 1 — Il-kostitwenti	x	x	x
Il-kriterju 2 — Il-kostitwenti organiċi	x	x	x
Il-kriterju 3.1. — Il-materjal minerali tat-tkabbir u l-kostitwenti minerali: Il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tas-CO <sub>2</sub>	x		

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).



Kriterju	Materjal tat-tkabbir	Sustanzi li jtejbju l-ħamrija	Ħuxlief
Il-kriterju 3.2 — Il-materjal minerali tat-tkabbir u l-kositwenti minerali: Sorsi ta' estrazzjoni tal-minerali	x	x	x
Il-kriterju 3.3 — Il-materjal minerali tat-tkabbir u l-kositwenti minerali: L-użu u wara l-użu tal-materjal minerali tat-tkabbir	x		
Il-kriterju 4 — Materjali riċiklati/rkuprati u organiċi fil-materjal tat-tkabbir	x		
Il-kriterju 5 — Il-limitazzjoni tas-sustanzi perikolużi			
Il-kriterju 5.1 — Metalli tqal	x	x	x
Il-kriterju 5.2 — Idrokarburi aromatiċi poliċikliċi	x	x	x
Il-kriterju 5.3 — Sustanzi u taħlitiet perikolużi	x	x	x
Il-kriterju 5.4 — Sustanzi elenkati skont l-Artikolu 59(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006	x	x	x
Il-kriterju 5.5 — Limiti għall-E. coli u għas-Salmonella spp	x	x	x
Il-kriterju 6 — L-istabbiltà	x	x	x
Il-kriterju 7 — Il-kontaminanti fiżiċi	x	x	x
Il-kriterju 8 — Il-materja organika u l-materja niexfa		x	x
Il-kriterju 9 — Żerriegħa tal-ħaxix ħażin u materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti li jkunu vijabbli	x	x	
Il-kriterju 10 — Ir-rispons tal-pjanti	x	x	
Il-kriterju 11 — Il-karatteristiċi tal-materjal tat-tkabbir	x		
Il-kriterju 12 — L-għoti tal-informazzjoni	x	x	x
Il-kriterju 13 — L-informazzjoni li turi l-Ekotikketta tal-UE	x	x	x

#### IR-REKWIŻITI TA' VALUTAZZJONI U TA' VERIFIKA

Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-valutazzjoni u tal-verifika huma indikati f'kull kriterju.

Meta l-applikant jeħtieġlu jagħti dikjarazzjonijiet, dokumentazzjoni, analiżi, rapporti tat-testijiet, jew evidenza oħra sabiex juri li hemm konformità mal-kriterji, dawn jistgħu jiġu mingħand l-applikant u/jew mingħand il-fornituri tiegħu, kif ikun xieraq.

Il-Korpi Kompetenti għandhom jirrikonoxxu preferenzjalment iċ-ċertifikazzjonijiet li joħorġu korpi akkreditati skont l-istandard armonizzat rilevanti għal-laboratorji tal-ittejtjar u tal-ikkalibrar, u l-verifiki li jagħmlu korpi akkreditati skont l-istandard armonizzat rilevanti għall-korpi li jiċċertifikaw il-prodotti, il-proċessi u s-servizzi.

Meta xieraq jistgħu jintużaw metodi tal-ittejtjar oħrajn li mhumiex indikati għal kull kriterju, diment li l-Korpi Kompetenti li jkun qed jeżamina l-applikazzjoni jaċċetta l-ekwivalenza tagħhom.

Meta xieraq, l-Entitajiet Kompetenti jistgħu jitolbu dokumentazzjoni ta' appoġġ u jistgħu jagħmlu verifiki indipendenti.

Bħala prerekwiżit, il-prodott irid jilħaq ir-rekwiżiti legali rispettivi kollha tal-pajjiżi fejn il-prodott huwa maħsub li jittqiegħed fis-suq. L-applikant għandu jiddikjara l-konformità tal-prodott ma' dan ir-rekwiżit.

Il-kampjuni għandhom jittieħdu skont EN 12579 (Materjali tat-tkabbir u sustanzi li jtejbju l-ħamrija. It-teħid tal-kampjuni). Il-kampjuni għandhom jittejjew skont EN 13040 (Materjali tat-tkabbir u sustanzi li jtejbju l-ħamrija. It-tejjija tal-kampjuni għal testijiet kimiċi u fiżiċi, id-determinazzjoni tal-kontenut ta' materja niexfa, il-kontenut ta' umdià u d-densità tal-massa kompatta tal-laboratorju).

Għas-sena tal-applikazzjoni, il-frekwenza tat-teħid tal-kampjuni u tal-ittejtjar trid tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċi 1. Għas-snin ta' wara, il-frekwenza tat-teħid tal-kampjuni u tal-ittejtjar trid tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċi 2. Ġew stabbiliti frekwenzi differenti għat-teħid tal-kampjuni u għall-ittejtjar ta' dawn it-tipi ta' pjanti:

- It-tip 1: Impjanti għat-trattament tal-iskart jew ta' prodotti sekondarji tal-annimali
- It-tip 2: Impjanti għall-manifattura ta' prodotti li jużaw materjali minn impjanti tat-Tip 1.
- It-tip 3: Impjanti għall-manifattura ta' prodotti li ma jużawx materjali dderivati minn skart jew minn prodotti sekondarji tal-annimali

Għall-impjanti tat-Tip 2, il-frekwenzi tat-teħid tal-kampjuni u tal-ittejtjar għas-sena tal-applikazzjoni u fis-snin ta' wara se jkunu l-istess bħall-frekwenzi stabbiliti għat-Tip 3, diment li l-fornituri tagħhom tal-materjali dderivati minn skart jew minn prodotti sekondarji tal-annimali jkunu konformi mal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għas-sustanzi li jtejbju l-ħamrija. Lill-Korp Kompetenti, l-applikant għandu jagħtih ir-rapporti tat-testijiet mingħand il-fornituri u d-dokumentazzjoni li tiżgura li l-fornituri jikkonformaw mal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE. Il-Korp Kompetenti jista' jqis il-frekwenzi tat-teħid tal-kampjuni u tal-ittejtjar skont il-leġiżlazzjoni u l-istandards nazzjonali jew reġjonali bħala validi biex jiżguraw li l-fornituri tal-materjali dderivati minn skart jew minn prodotti sekondarji jkunu konformi mal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE. Jekk prodott ikun magħmul minn materjal ġej mill-annimali jew ikun fih dan il-materjal, għandha ssir referenza għall-istandards mikrobijoloġiċi u għall-kontrolli tas-saħħa pubblika u tal-annimali stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 <sup>(1)</sup>.

## **Il-kriterju 1 — Il-kostitwenti**

Dan il-kriterju japplika għall-materjal tat-tkabbir, għas-sustanzi li jtejbju l-ħamrija u għall-huxlif.

Il-kostitwenti ammessi għandhom ikunu kostitwenti organiċi u/jew minerali.

*Valutazzjoni u verifika:*

Lill-Korp Kompetenti, l-applikant għandu jipprovdilu lista tal-kostitwenti tal-prodott.

## **Il-kriterju 2 — Il-kostitwenti organiċi**

Dan il-kriterju japplika għall-materjal tat-tkabbir, għas-sustanzi li jtejbju l-ħamrija u għall-huxlif.

### **Il-kriterju 2.1**

Il-prodott finali m'għandux ikun fih pit.

### **Il-kriterju 2.2**

1. Dawn il-materjali jistgħu jkunu l-kostitwenti organiċi ta' prodott finali:

- Materjali dderivati mir-riċiklaġġ tal-bijoskart minn ġbir separat, kif definit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>;

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplementa d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

- Materjali dderivati minn prodotti sekondarji tal-annimali tal-Kategoriji 2 u 3 kif jistabbilixxi l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> u l-istandards tekniċi li jistabbilixxi r-Regolament (UE) Nru 142/2011;
  - Materjali dderivati minn materjal tal-ħmieġ tal-imsaren, tiben u materjal naturali ieħor jew tal-forestrija li mhux perikoluż kif jiddefinixxi l-Artikolu 2(1)(f) tad-Direttiva 2008/98/KE;
  - Materjali dderivati minn xi prodotti sekondarji oħra tal-bijomassa, kif jiddefinixxi l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/98/KE, li ma jissemewx hawn fuq, soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' 2) u tas-subkriterju 2.3;
  - Materjali derivati mir-riċiklaġġ jew mill-irkupru ta' xi skart tal-bijomassa ieħor li ma jissemewx hawn fuq, soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' 2) u tas-subkriterju 2.3;
2. Dawn il-materjali ma jistgħux ikunu l-kostitwenti organiċi ta' prodott finali:
- Materjali dderivati għalkollox jew parzjalment mill-frazzjoni organika ta' skart domestiku municipli mħallat li jiġi separat bi trattament mekkaniku, fiżikokimiku, bijoloġiku, u/jew manwali;
  - Materjali dderivati għalkollox jew parzjalment mill-ħama li jinġema' bit-trattament tad-drenaġġ municipli u mill-ħama li jinġema' mill-industrija tal-karta;
  - Materjali dderivati għalkollox jew parzjalment mill-ħama ħlief dawk li jippermetti l-Kriterju 2.3;
  - Materjali dderivati għalkollox jew parzjalment mill-prodotti sekondarji tal-annimali tal-Kategorija 1 skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009.

### Il-kriterju 2.3

Materjali dderivati mir-riċiklaġġ jew mill-irkupru tat-tajn huma permessi biss jekk il-ħama jkun jikkonforma ma' dawn ir-rekwiżiti:

- (a) Dawn huma identifikati bħala wieħed minn dawn it-tipi ta' skart skont il-Lista Ewropea tal-Iskart, kif tiddefinixxi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE <sup>(2)</sup> ippreżentata fit-Tabella 2:

Tabella 2

#### Il-ħama permess u l-kodiċijiet tiegħu skont il-Lista Ewropea tal-Iskart

0203 05	Hama mit-trattament ta' effluwenti fuq il-post fil-preparazzjoni u l-ipproċessar ta' frott, ħxejjex, ċereali, żjut li jittieklu, kawkaw, kafè, te u tabakk, produzzjoni ta' prodotti ppreżervati, il-produzzjoni ta' ħmira u estratt ta' ħmira, preparazzjoni u fermentazzjoni ta' ġulepp magħqud;
0204 03	ħama mit-trattament ta' effluwenti fuq il-post fl-ipproċessar taz-zokkor;
0205 02	ħama mit-trattament ta' effluwenti fuq il-post fl-industrija tal-prodotti tal-ħalib;
0206 03	ħama mit-trattament ta' effluwenti fuq il-post fl-industrija tal-ħami u tal-ħelu;
0207 05	ħama mit-trattament ta' effluwenti fuq il-post fil-produzzjoni tax-xorb alkoħoliku u mhux alkoħoliku (minbarra kafè, tè u kawkaw).

- (b) Il-ħama jiġi separat minn sors wieħed, jiġifieri ma jkunx ġie mħallat ma' effluwenti jew ħama ieħor 'il barra minn proċess tal-produzzjoni speċifiku.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (notifikat bid-dokument numru K(2000) 1147) (ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3).

Valutazzjoni u verifika:

Lill-Korp Kompetenti, l-applikant għandu jipprovdi l-informazzjoni dwar l-oriġini ta' kull kostitwent organiku tal-prodott u dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżit imsemmi hawn fuq.

### Il-kriterju 3 — Il-materjal minerali tat-tkabbir u l-kostitwenti minerali

#### Il-kriterju 3.1 — Il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>

Dan il-kriterju japplika biss għall-materjal minerali tat-tkabbir.

Il-manifattura tal-minerali espanduti u tas-suf minerali għandha tissodisfa dawn il-livelli limitu tal-konsum tal-enerġija u tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>:

- Il-konsum tal-enerġija/prodott ≤ 11 GJ/t tal-prodott
- l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>/prodott ≤ 0,8 t CO<sub>2</sub>/t tal-prodott

Il-proporzjon tal-konsum tal-enerġija għall-prodott jiġi kkalkulat bħala medja annwali kif ġej:

$$\text{ratio} \frac{\text{Energy}}{\text{Product}} = \frac{1}{\sum_{i=1}^n \text{Production}_i} \cdot \sum_{i=1}^n \left( F + 2,5 \cdot E_{\text{grid}} + \left( \frac{H_{\text{cog}}}{\text{Ref } H\eta} + \frac{E_{\text{cog}}}{\text{Ref } E\eta} \right) \cdot (1 - \text{PES}_{\text{cog}}) \right)_i$$

Fejn:

- $n$  hu l-għadd ta' snin tal-perjodu użat biex tinstab il-medja
- $i$  hi s-sena tal-perjodu użat biex tinstab il-medja
- *Produzzjoni* hi l-produzzjoni tas-suf minerali jew tal-minerali espanduti ftunnellati fis-sena  $i$
- $F$  hu l-konsum annwali tal-fjuwils fil-proċess tal-produzzjoni fis-sena  $i$
- $E_{\text{grid}}$  hu l-konsum annwali tal-elettriku mill-grilja fis-sena  $i$
- $H_{\text{kog}}$  hu l-konsum annwali tas-sħana utli mill-koġenerazzjoni fis-sena  $i$
- $E_{\text{kog}}$  hu l-konsum annwali tal-elettriku mill-koġenerazzjoni fis-sena  $i$
- $\text{Ref } H\eta$  u  $\text{Ref } E\eta$  huma l-valuri ta' referenza tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata tas-sħana u tal-elettriku kif tiddefinixxi d-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> u mkejla skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/877/UE <sup>(2)</sup>
- $\text{PES}_{\text{kog}}$  hu l-iffrankar tal-enerġija primarja tal-impjant tal-koġenerazzjoni kif tiddefinixxi d-Direttiva 2012/27/UE, fis-sena  $i$

Il-proporzjon tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>/prodott jiġi kkalkulat bħala medja annwali kif ġej:

$$\text{ratio} \frac{\text{CO}_2 \text{ emissions}}{\text{Product}} = \frac{1}{\sum_{i=1}^n \text{Production}_i} \cdot \sum_{i=1}^n (\text{Direct CO}_2 + \text{Indirect CO}_2)_i$$

Fejn:

- $n$  hu l-għadd ta' snin tal-perjodu użat biex tinstab il-medja
- $i$  hi s-sena tal-perjodu użat biex tinstab il-medja

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/877/UE tad-19 ta' Diċembru 2011 li tistabbilixxi valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza għal produzzjoni separata taż elettriku u sħana bl-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/74/KE (notifikata bid-dokument numru C(2011) 9523) (ĠU L 343, 23.12.2011, p. 91).

- *Produzzjoni* hi l-produzzjoni tas-suf minerali f'tunnellati fis-sena *i*
- *CO<sub>2</sub> diretti* huma l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> kif jiddefinixxi r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 <sup>(1)</sup>, fis-sena *i*
- *CO<sub>2</sub> indiretti* huma l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> indiretti li ħoloq il-konsum finali tal-enerġija fis-sena *i*, u għandu jitkejjel kif ġej:

$$\text{Indirect CO}_2 \text{ emission} = FE_{\text{grid}} \cdot EI_{\text{grid}} + FE_{\text{fuel cog}} \cdot \left( \frac{H_{\text{cog}}}{\text{Ref } H_{\eta}} + \frac{EI_{\text{cog}}}{\text{Ref } E_{\eta}} \right) \cdot (1 - \text{PES}_{\text{cog}})$$

Fejn:

- $FE_{\text{grilja}}$  hu l-intensità medja tal-karbonju fl-UE tal-grilja tal-elettriku, skont il-metodoloġija MEErP <sup>(2)</sup> (0,384 tCO<sub>2</sub>/MWh = 0,107 tCO<sub>2</sub>/GJe)
- $FE_{\text{fjuwil kog}}$  hi l-fattur tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-fjuwil ikkunsmat fl-impjant tal-koġenerazzjoni

L-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> diretti għandu jiġi monitorjat skont ir-Regolament (UE) Nru 601/2012.

Il-perjodu biex jitkejlu l-proporzjonijiet tal-konsum tal-enerġija/prodott u tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>/prodott għandu jkun l-aħħar 5 snin qabel l-applikazzjoni. Jekk fid-data tal-applikazzjoni l-perjodu tal-operat tal-impjant ikun inqas minn 5 snin, il-proporzjon għandu jitkejjel bħala l-medja annwali ta' dak il-perjodu ta' operat, li għandu jkun mill-inqas sena.

*Valutazzjoni u verifika:*

Lill-Korp Kompetenti, l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni b'din l-informazzjoni:

- Il-proporzjon tal-konsum tal-enerġija (GJ)/prodott (tunnellata)
- Il-proporzjon tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> (tunnellata)/prodott (tunnellata)
- L-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> diretti (tunnellati) għal kull sena tal-perjodu biex tiġi kkalkulata l-medja
- L-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> indiretti (tunnellati) għal kull sena tal-perjodu biex tinstab il-medja
- Il-fjuwils ikkunsmati, il-konsum ta' kull fjuwil (GJ), is-subproċessi tal-proċess ta' manifattura meta dawn jiġu kkunsmati għal kull sena tal-perjodu biex tinstab il-medja
- Il-konsum tal-elettriku mill-grilja (GJ enerġija finali) għal kull sena tal-perjodu biex tinstab il-medja
- Il-konsum tas-sħana utli mill-koġenerazzjoni (GJ enerġija finali) għal kull sena tal-perjodu biex tinstab il-medja
- Il-konsum tal-elettriku mill-koġenerazzjoni (GJ enerġija finali) għal kull sena tal-perjodu biex tinstab il-medja
- Il-valuri ta' referenza tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata tas-sħana u tal-elettriku
- L-iffrankar tal-enerġija primarja (PES) (%) tal-koġenerazzjoni għal kull sena tal-perjodu biex tinstab il-medja
- L-identifikazzjoni tal-fjuwils użati fil-koġenerazzjoni u s-sehem tagħhom fit-taħlita tal-fjuwils, għal kull sena tal-perjodu biex tinstab il-medja

Mad-dikjarazzjonijiet għandhom jingħataw ukoll dawn id-dokumenti:

- Rapport annwali dwar l-emissjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 601/2012, għal kull sena tal-perjodu biex tinstab il-medja
- Rapport ta' verifika li lir-rapport annwali dwar l-emissjonijiet iqisu sodisfaċenti skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 600/2012 <sup>(3)</sup>, għal kull sena tal-perjodu biex tinstab il-medja

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 181, 12.7.2012, p. 30).

<sup>(2)</sup> Il-Metodoloġija għall-Ekodiżinn ta' Prodotti Relatati mal-Enerġija (<http://www.meerp.eu/>).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 600/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 dwar il-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u r-rapporti dwar it-tunnellati kilometri u l-akkreditazzjoni tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 181, 12.7.2012, p. 1).

- Ir-rekords tal-konsum tal-elettriku mill-grilja mogħtija mill-fornitur, għal kull sena tal-perjodu biex tiġi kkalkulata l-medja
- Ir-rekords tal-konsum tas-sħana utli u tal-elettriku mill-koġenerazzjoni, kemm fuq il-post kif ukoll mixtrija, għal kull sena tal-perjodu biex tiġi kkalkulata l-medja

### **Il-kriterju 3.2 — Sorsi ta' estrazzjoni tal-minerali**

Dan il-kriterju japplika għall-materjal tat-tkabbir, għas-sustanzi li jtejbu l-ħamrija u għall-ħuxlief.

Il-minerali estratti jistgħu jintużaw bħala kostitwenti tal-prodott finali diment li:

1. (Fl-UE): Jekk ikunu ġew estratti minn żoni tan-network ta' Natura 2000, komposti minn Żoni ta' Protezzjoni Speċjali skont id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, u minn Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE <sup>(2)</sup> dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, l-attivitajiet ta' estrazzjoni ikunu ġew evalwati u awtorizzati f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE u jkun tqies id-Dokument gwida tal-UE dwar l-estraxxjoni ta' minerali mhux għall-enerġija u Natura 2000 <sup>(3)</sup>.
2. (Barra mill-UE): Jekk ikunu ġew estratti minn żoni protetti u meqjusa hekk fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiżi tax-xiri/esportaturi, l-attivitajiet ta' estraxxjoni jkun ġew evalwati u awtorizzati skont dispożizzjonijiet li jipprovdu garanziji ekwivalenti għal dawk f'punt (1).

#### *Valutazzjoni u verifika*

Jekk fiż-żoni tan-network ta' Natura 2000 (fl-UE) jew fiż-żoni protetti u meqjusa hekk fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiżi tax-xiri/esportaturi, ikunu twettqu attivitajiet tal-estraxxjoni ta' minerali, l-applikant għandu jipprovdi d-dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan ir-rekwiżit li jkun hargħulu l-awtoritajiet kompetenti jew kopja tal-awtorizzazzjoni tagħhom maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti.

### **Il-kriterju 3.3 — L-użu u wara l-użu tal-materjal minerali tat-tkabbir**

Dan il-kriterju japplika biss għall-materjal minerali tat-tkabbir.

Il-materjali minerali tat-tkabbir għandhom jiġu offruti biss biex jintużaw għal applikazzjonijiet ortikulturali professjonali.

Lill-klijenti, l-applikant għandu joffrilhom servizz strutturat ta' ġbir u riċiklaġġ, u jista' juża s-servizz ta' fornituri ta' parti terza. Mill-anqas, is-servizz ta' ġbir u riċiklaġġ għandu jkopri 70 % v/v tal-bejgħ mill-applikant tal-prodott madwar l-Unjoni Ewropea.

#### *Valutazzjoni u verifika:*

Lill-Korp Kompetenti, l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni li l-materjal minerali tat-tkabbir hu offrut biss biex jintuża għal applikazzjonijiet ortikulturali professjonali. L-informazzjoni mogħtija lill-utent aħħari għandha tinkludi dikjarazzjoni dwar l-applikazzjoni ortikulturali professjonali tal-prodott.

Lill-Korp Kompetenti, l-applikant għandu jinformat bl-alternattiva/i offruti ta' servizz strutturat ta' ġbir u riċiklaġġ u bir-riżultati tal-alternattivi implimentati. B'mod partikolari, l-applikant għandu jipprovdi din id-dokumentazzjoni u din l-informazzjoni:

- Id-dokumentazzjoni kuntrattwali bejn il-manifattur u l-fornituri tas-servizz;
- Deskrizzjoni tal-ġbir, tal-ipproċessar u tad-destinazzjonijiet;

<sup>(1)</sup> Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

<sup>(3)</sup> Dokument gwida tal-KE dwar it-tweġiq ta' attivitajiet tal-estraxxjoni ta' minerali mhux għall-enerġija li jimxu mar-rekwiżiti Natura 2000 ([http://ec.europa.eu/environment/nature/natura2000/management/docs/nee\\_n2000\\_guidance.pdf](http://ec.europa.eu/environment/nature/natura2000/management/docs/nee_n2000_guidance.pdf)).

- Ħarsa ġenerali annwali lejn il-volum totali tal-bejgħ tal-materjal tat-tkabbir fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u ħarsa ġenerali annwali lejn il-volumi tal-bejgħ fiż-żoni ta' dawk l-Istati Membri fejn qed jiġu offruti l-ġbir u l-ipproċessar;
- F'każ li jidħlu parteċipanti ġodda, għandhom jingħataw stima tal-ħarsa ġenerali annwali lejn il-volum totali tal-bejgħ tal-materjal tat-tkabbir fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u stima tal-ħarsa ġenerali annwali tal-volumi tal-bejgħ fiż-żoni ta' dawk l-Istati Membri fejn qed jiġu offruti l-ġbir u l-ipproċessar. Id-dejta reali għandha tingħata sena wara li tingħata l-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE.

#### **Il-kriterju 4 — Materjali riċiklati/rkuprati u organiċi fil-materjal tat-tkabbir**

Dan il-kriterju japplika biss għall-materjal tat-tkabbir.

Il-prodotti tal-materjali tat-tkabbir għandu jkun fihom persentaġġ minimu ta' materjal riċiklat/rkuprat jew ta' materjal organiku, kif ġej:

- (a) Il-materjal tat-tkabbir għandu jkun fih minimu ta' 30 % ta' kostitwenti organiċi (espressi bħala volum ta' kostitwenti organiċi għal kull volum totali tal-prodott finali), jew
- (b) Il-materjal minerali tat-tkabbir għandu jkun fih kostitwenti minerali manifatturati minn proċess li juża mill-inqas 30 % ta' materjali riċiklati (espressi bħala l-piż niexef ta' materjali riċiklati/rkuprati għal kull piż niexef totali tal-materjali użati)

*Valutazzjoni u verifika:*

L-applikant għandu jagħti din l-informazzjoni:

- Fil-każ (a): il-volum tal-kostitwenti organiċi dikjarati fil-Kriterju 1 għal kull volum totali tal-prodott finali, jew;
- Fil-każ (b): il-piż niexef tal-materjali riċiklati/rkuprati għal kull piż niexef totali tal-materjali użati.

Fil-każ (b), l-applikant għandu jagħti wkoll din l-informazzjoni dwar il-kostitwenti minerali:

- L-identifikazzjoni tal-materja prima użata, il-piż niexef tal-materja prima użata għal kull piż niexef totali tal-materjali użati, u l-orijini, għal kull materja prima użata, u
- L-identifikazzjoni tal-materjal użat riċiklat/irkuprat, il-piż niexef tal-materjal użat riċiklat/irkuprat għal kull piż niexef totali tal-materjali użati, u l-orijini, għal kull materjal użat riċiklat/irkuprat.

#### **Il-kriterju 5 — Il-limitazzjoni tas-sustanzi perikolużi**

##### **Il-kriterju 5.1 — Limiti tal-metalli tqal**

Dan il-kriterju japplika għall-materjal tat-tkabbir, għas-sustanzi li jtejbu l-ħamrija u għall-ħuxlief.

- (a) Sustanzi li jtejbu l-ħamrija, ħuxlief u kostitwenti organiċi tal-materjal tat-tkabbir

Għas-sustanzi li jtejbu l-ħamrija, il-ħuxlief u l-kostitwenti organiċi tal-materjal tat-tkabbir, il-kontenut ta' dawn l-elementi fil-prodott finali jew fil-kostitwenti m'għandux jaqbeż il-valuri fit-Tabella 3, imkejla f'termini ta' piż niexef (DW) tal-prodott.

Tabella 3

#### **Il-limiti tal-metalli tqal għas-sustanzi li jtejbu l-ħamrija, il-ħuxlief u l-kostitwenti organiċi tal-materjal tat-tkabbir**

Metall tqil	Il-kontenut massimu fil-prodott (mg/kg DW)
Il-kadmju (Cd)	1
Il-kromju totali (Cr)	100
Ir-ram (Cu)	100

Metall tqil	Il-kontenut massimu fil-prodott (mg/kg DW)
Il-merkurju (Hg)	1
In-nikil (Ni)	50
Iċ-ċomb (Pb)	100
Iż-żingu (Zn)	300

## (b) Materjal tat-tkabbir

Għall-materjal tat-tkabbir, li jinkludi l-materjal minerali tat-tkabbir, il-kontenut ta' dawn l-elementi fil-prodott finali m'għandux jaqbeż il-valuri fit-Tabella 4, imkejla f'termini ta' piż niexef tal-prodott.

Tabella 4

**Il-limiti tal-metalli tqal għall-materjal tat-tkabbir, li jinkludi l-materjal minerali tat-tkabbir**

Metall tqil	Il-kontenut massimu fil-prodott (mg/kg DW)
Il-kadmju (Cd)	3
Il-kromju totali (Cr)	150
Ir-ram (Cu)	100
Il-merkurju (Hg)	1
In-nikil (Ni)	90
Iċ-ċomb (Pb)	150
Iż-żingu (Zn)	300

## Valutazzjoni u verifika:

Lill-Korp Kompetenti, l-applikant għandu jipprovdi r-rapporti tat-testijiet li saru skont il-proċedura tat-testijiet indikata fl-istandards EN rispettivi ppreżentati fit-Tabella 5. Fil-każ tal-kostitwenti organiċi tal-materjal tat-tkabbir, ir-rapporti tat-testijiet jistgħu jipprovduhom il-fornituri.

Tabella 5

**Il-metodi standard għall-estrazzjoni u għall-kejl tal-metalli tqal**

Metalli tqal	Metodu tal-kejl	Metodu tal-estrazzjoni
Il-kadmju (Cd)	EN 13650	Għas-sustanzi li jtejbju l-ħamrija, il-ħuxlief u l-kostitwenti organiċi tal-materjal tat-tkabbir, u l-materjal tat-tkabbir ħliet il-materjal minerali tat-tkabbir:
Il-kromju totali (Cr)	EN 13650	
Ir-ram (Cu)	EN 13650	EN 13650 Sustanzi li jtejbju l-ħamrija u materjal tat-tkabbir — Estrazzjoni ta' elementi solubbli aqua regia
Il-merkurju (Hg)	EN 16175 <sup>(1)</sup>	Għall-materjal minerali tat-tkabbir:
In-nikil (Ni)	EN 13650	EN 13651 Sustanzi li jtejbju l-ħamrija u materjal tat-tkabbir — Estrazzjoni ta' nutrijenti u elementi solubbli tal-klorur tal-kalċju/DTPA (CAT)
Iċ-ċomb (Pb)	EN 13650	
Iż-żingu (Zn)	EN 13650	

<sup>(1)</sup> EN 16175 Hama, bijoskart trattat u ħamrija — Determinazzjoni tal-merkurju. Parti 1: Spettrometrija tal-assorbiment atomiku tal-fwar kiesaħ (CV-AAS) u Parti 2: Spettrometrija tal-fluorexxenza atomika tal-fwar kiesaħ (CV-AFS).



**Il-kriterju 5.2 — Limiti għall-Idrokarburi aromatiċi polikiċliċi**

Dan il-kriterju japplika għall-materjal tat-tkabbir, għas-sustanzi li jtejbu l-ħamrija u għall-ħuxlief, ħlief għall-materjali minerali tat-tkabbir.

Il-kontenut ta' dawn l-idrokarburi aromatiċi polikiċliċi fil-prodott finali m'għandux jaqbeż il-valuri fit-Tabella 6, imkejla f'termini ta' piż niexef tal-prodott.

Tabella 6

**Limitu għall-PAH**

Sustanza li tniġġes	Il-kontenut massimu fil-prodott (mg/kg DW)
PAH <sub>16</sub>	6

PAH<sub>16</sub> = l-għadd totali ta' nafthalen, aċenaftilen, aċenaften, fluworen, fenantren, antraċen, fluworanten, piren, benzo[a]antraċen, krisen, benzo[b]fluworanten, benzo[k]fluworanten, benzo[a]piren, indeno[1,2,3-cd]piren, dibenzo[a,h]antraċen u benzo[ghi]perilen

Valutazzjoni u verifika:

Lill-Korp Kompetenti, l-applikant għandu jipprovdi r-rapporti tat-testijiet li saru skont il-proċedura tat-testijiet indikata fl-istandard CEN/TS 16181 — Hama, bijoskart trattat u ħamrija — Determinazzjoni tal-idrokarburi aromatiċi polikiċliċi (PAH) permezz ta' kromatografija tal-gass (GC) u kromatografija likwida ta' prestazzjoni għolja (HPLC) jew ekwivalenti

**Il-kriterju 5.3 — Sustanzi u taħlitiet perikolużi**

Dan il-kriterju japplika għall-materjal tat-tkabbir, għas-sustanzi li jtejbu l-ħamrija u għall-ħuxlief.

Il-prodott finali m'għandux jiġi klassifikat u tikkettat bħala tossiku akut, bħala sustanza tossika speċifika għal organi ta' mira, bħala sensitizzatur respiratorju jew tal-ġilda jew bħala prodott karċinoġenu, mutaġenu jew tossiku għar-riproduzzjoni jew bħala prodott perikoluż għall-ambjent skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>.

Il-prodott m'għandux ikun fih sustanzi jew taħlitiet klassifikati bħala tossiċi, perikolużi għall-ambjent, sensitizzaturi respiratorji jew tal-ġilda, jew karċinoġeni, mutaġeni jew tossiċi għar-riproduzzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u kif interpretat skont id-dikjarazzjonijiet ta' periklu elenkati fit-Tabella 7. Kull ingredjent miżjud bi ħsieb u li jkun preżenti fil-prodott f'konċentrazzjoni aktar minn 0,010 % w/w (f'termini ta' piż imxarrab) għandu jissodisfa dan ir-rekwiżit. Meta jkunu aktar stretti, il-limiti ġeneriċi jew speċifiċi tal-konċentrazzjoni ddeterminati skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 għandhom jieħdu prevalenza fuq il-limitu msemmi hawn fuq ta' 0,010 % w/w (f'termini ta' piż imxarrab).

Tabella 7

**Il-klassifikazzjonijiet ristretti tal-periklu u t-tqassim tagħhom f'kategoriji**

Tossiċità akuta

Il-Kategoriji 1 u 2	Il-Kategorija 3
H300 Fatali jekk jinbela'	H301 Tossiku jekk jinbela'
H310 Fatali jekk imiss mal-ġilda	H311 Tossiku jekk imiss mal-ġilda

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (G.U.L. 353, 31.12.2008, p. 1).

H330 Fatali jekk jinġibed man-nifs	H331 Tossiku jekk jinġibed man-nifs
H304 Jaf ikun fatali jekk jinbela' u jidħol fil-pajp tan-nifs	EUH070 Tossiku jekk imiss mal-għajnejn
Tossiċità speċifika għal organi ta' mira	
<b>Il-Kategorija 1</b>	<b>Il-Kategorija 2</b>
H370 Jagħmel ħsara lill-organi	H371 Jaf jagħmel ħsara lill-organi
H372 Jagħmel ħsara lill-organi jekk ikunu esposti għalih fit-tul jew ripetutament	H373 Jaf jagħmel ħsara lill-organi jekk ikunu esposti għalih fit-tul jew ripetutament
Sensitizzazzjoni respiratorja u tal-ġilda	
<b>Il-Kategorija 1 A</b>	<b>Il-Kategorija 1B</b>
H317 Jaf jikkawża reazzjoni allerġika tal-ġilda	H317 Jaf jikkawża reazzjoni allerġika tal-ġilda
H334 Jekk jinxtamm jaf jikkawża sintomi tal-allerġija jew tal-ażma jew diffikultajiet biex wieħed jieħu n-nifs	H334 Jekk jinxtamm jaf jikkawża sintomi tal-allerġija jew tal-ażma jew diffikultajiet biex wieħed jieħu n-nifs
Karċinoġenu, mutaġenu jew tossiku għar-riproduzzjoni	
<b>Il-Kategoriji 1 A u 1B</b>	<b>Il-Kategorija 2</b>
H340 Jaf jikkawża difetti ġenetiċi	H341 Suspettat li jikkawża difetti ġenetiċi
H350 Jaf iġib il-kanċer	H351 Suspettat li jgħib il-kanċer
H350i Jaf iġib il-kanċer jekk jinġibed man-nifs	
H360F Jaf jagħmel ħsara lill-fertilità	H361f Suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità
H360D Jaf jagħmel ħsara lit-tarbija fil-ġuf	H361d Suspettat li jagħmel ħsara lit-tarbija fil-ġuf
H360FD Jaf jagħmel ħsara lill-fertilità. Jaf jagħmel ħsara lit-tarbija fil-ġuf	H361fd Suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità. Suspettat li jagħmel ħsara lit-tarbija fil-ġuf
H360Fd Jaf jagħmel ħsara lill-fertilità. Suspettat li jagħmel ħsara lit-tarbija fil-ġuf	H362 Jaf jagħmel ħsara lit-tfal imreddgħa
H360Df Jaf jagħmel ħsara lit-tarbija fil-ġuf. Suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità	

Perikoluż għall-ambjent tal-baħar

<b>Il-Kategoriji 1 u 2</b>	<b>Il-Kategoriji 3 u 4</b>
H400 Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi	H412 Jagħmel ħsara lill-organiżmi akkwatiċi u jħalli effetti dejjiema
H410 Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi u jħalli effetti dejjiema	H413 Jaf iħalli effetti dejjiema lill-organiżmi akkwatiċi
H411 Tossiku għall-organiżmi akkwatiċi u jħalli effetti dejjiema	
Perikolużi għas-saff tal-ożonu	
H420 Perikoluż għas-saff tal-ożonu	

L-aktar regoli tal-klassifikazzjoni riċenti li adottat l-Unjoni għandhom jieħdu preċedenza fuq il-klassifikazzjonijiet tal-periklu elenkati. Għalhekk, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, l-applikanti għandhom jiżguraw li l-klassifikazzjonijiet jissejso fuq l-aktar regoli riċenti dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet.

Ġeneralment, id-dikjarazzjonijiet tal-periklu jkunu jirreferu għal sustanzi. Iżda meta ma tkunx tista' tinkiseb informazzjoni fuq is-sustanzi, għandhom japplikaw ir-regoli tal-klassifikazzjoni għat-taħlitiet.

Is-sustanzi jew it-taħlitiet li jibdlu l-proprjetajiet tagħhom bl-ipproċessar u allura ma jibqgħux aktar bijodisponibbli, jew jinbidlu kimikament b'tali mod li jitneħħa l-periklu identifikat qabel, huma eżentati mill-Kriterju 5.3.

Dan il-kriterju ma japplikax għal daww prodotti finali magħmula minn:

- Materjali li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 skont l-Artikolu 2(2) tiegħu.
- Sustanzi li jkopri l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jstabbilixxi kriterji għall-eżenzjoni ta' sustanzi li hemm l-Anness V ta' dan ir-Regolament mir-reġistrazzjoni, mill-obbligi tal-utent downstream u mir-rekwiżiti tal-evalwazzjoni.

Sabiex isib jekk din l-esklużjoni tkunx tapplika, l-applikant għandu jgħarrex għal kull sustanza miżjuda bi ħsieb li tkun preżenti f'konċentrazzjoni aktar minn 0,010 % w/w (f'termini ta' piż imxarrab).

*Valutazzjoni u verifika:*

L-applikant għandu jgħarrex għall-preżenza ta' sustanzi u taħlitiet li jaf ikunu ġew ikklassifikati bid-dikjarazzjonijiet tal-periklu f'dan il-kriterju. Lill-Korp Kompetenti, l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità tal-prodott ma' dan il-kriterju.

Id-dikjarazzjoni għandu jkun fiha dokumentazzjoni relatata, bħal ngħidu aħna dikjarazzjonijiet ta' konformità bil-firma tal-fornituri, dwar in-nuqqas ta' klassifikazzjoni ta' sustanzi, taħlitiet jew materjali b'xi waħda mill-klassijiet tal-periklu assoċjata mad-dikjarazzjonijiet tal-periklu fit-Tabella 7 skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, diment li dan ikun jista' jiġi stabbilit, mill-anqas, mill-informazzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fl-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

L-informazzjoni mogħtija għandu jkollha x'taqsam mal-forom jew il-qagħdijiet fiżiċi tas-sustanzi jew tat-taħlitiet kif jintużaw fil-prodott finali.

Għal kull sustanza u taħlita għandha tingħata din l-informazzjoni teknika biex issostni d-dikjarazzjoni tal-klassifikazzjoni jew in-nuqqas ta' klassifikazzjoni:

- i. għal sustanzi li ma ġewx reġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u/jew li għad ma għandhom klassifikazzjoni CLP armonizzata: informazzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti elenkati fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament;
- ii. għal sustanzi li ġew reġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti għall-klassifikazzjoni CLP: informazzjoni bbażata fuq id-dossier tar-reġistrazzjoni tar-REACH li tkun tikkonferma l-istatus mhux klassifikat tas-sustanza;

- iii. għal sustanzi li għandhom klassifikazzjoni armonizzata jew li huma awtoklassifikati: għandhom jingħataw l-iskedi tad-dejta dwar is-sikurezza meta dawn ikunu disponibbli. Jekk dawn ma jkunux disponibbli jew is-sustanza tkun awtoklassifikata, allura għandha tingħata informazzjoni rilevanti għall-klassifikazzjoni tal-periklu tas-sustanzi skont l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;
- iv. fil-każ ta' taħlitiet: għandhom jingħataw l-iskedi tad-dejta dwar is-sikurezza meta dawn ikunu disponibbli. Jekk dawn ma jkunux disponibbli allura għandu jingħata kalkolu tal-klassifikazzjoni tat-taħlita skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 flimkien ma' informazzjoni rilevanti għall-klassifikazzjoni tal-perikolu tat-taħlitiet skont l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

L-iskedi tad-dejta dwar is-sikurezza għandhom jingħataw għall-materjali li jsawru l-prodott finali u għas-sustanzi u t-taħlitiet li ntużaw fit-tiswir u fit-trattament tal-materjali li jifdal fil-prodott finali f'konċentrazzjoni li tkun taqbeż il-limitu ta' 0,010 % w/w (f'termini ta' piż imxarrab), sakemm ma jkunx japplika limitu ġeneriku jew speċifiku tal-konċentrazzjoni skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008

L-iskedi tad-Dejta dwar is-Sikurezza għandhom jimtlew skont il-gwida stabbilita fit-Taqsimiet 10, 11 u 12 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ir-reqwiżiti għall-kumpilazzjoni tal-iskedi tad-dejta dwar is-sikurezza). L-iskedi tad-Dejta dwar is-Sikurezza li ma jkunux kompluti jeħtiġilhom jiġu supplimentati b'informazzjoni minn dikjarazzjonijiet mingħand il-fornituri tal-kimika.

L-informazzjoni dwar il-proprjetajiet intrinġiċi tas-sustanzi mhux bilfors trid tinkiseb b'test, iżda b'mezzi oħrajn bħal pereżempju b'metodi alternattivi fosthom il-metodi in vitro, mudelli kwantitattivi ta' struttura-attività jew bir-raggruppar jew b'read-across skont l-Anness XI tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

L-użu kondiviż tad-dejta rilevanti fil-katina tal-provvista hu mħeġġeġ bil-qawwa.

Fil-każ tas-suf minerali, l-applikant għandu jipprovdi wkoll:

- (a) Ċertifikat mogħti għad-dritt tal-użu tal-marka kummerċjali tal-Bord taċ-Ċertifikazzjoni Ewropea għall-Prodotti tas-Suf Minerali biex tintwera konformità man-Nota Q fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008.
- (b) Rapport tat-test skont l-ISO 14184-1 Tessuti — Determinazzjoni tal-formaldeid — Parti 1: Formaldeid idrolizzat u liberu

#### **Il-kriterju 5.4 — Sustanzi elenkati skont l-Artikolu 59(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006**

Il-prodott finali ma għandux ikun fih sustanzi miżjuda bi ħsieb u li jkunu ta' tħassib serju ħafna minn dawk li jissemew fil-lista prevista fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, meta jkunu preżenti fil-prodott finali f'konċentrazzjonijiet > 0,010 % f'termini ta' piż imxarrab.

*Valutazzjoni u verifika:*

Fid-data tal-applikazzjoni għandha ssir referenza għall-aħħar aġġornament tal-lista tas-sustanzi identifikati bħala sustanzi ta' tħassib serju ħafna. L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mal-kriterju 5.4, u dokumentazzjoni relatata, fosthom dikjarazzjonijiet ta' konformità bil-firma tal-fornituri tal-materjali u kopji tal-iskedi tad-dejta dwar is-sikurezza għas-sustanzi jew it-taħlitiet skont l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għas-sustanzi jew it-taħlitiet. Il-limiti tal-konċentrazzjoni għandhom jiġu speċifikati fl-iskedi tad-Dejta dwar is-Sikurezza skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għas-sustanzi u t-taħlitiet.

#### **Il-kriterju 5.5 — Limiti għall-E. coli u għas-Salmonella spp**

Dan il-kriterju japplika għall-materjal tat-tkabbir, għas-sustanzi li jtejbu l-ħamrija u għall-ħuxlief, ħlief għall-materjali minerali tat-tkabbir.

Il-kontenut tal-patoġeni primarji fil-prodott finali ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fit-Tabella 8.

Tabella 8

#### **Il-Limiti għall-E. coli u għas-Salmonella spp**

Patoġenu	Limitu
<i>E. coli</i>	1 000 CFU/g ta' piż frisk
<i>Salmonella</i> spp	assenti f'25 g ta' piż frisk

CFU = colony-forming units (unitajiet tal-formazzjoni tal-kolonja).

Valutazzjoni u verifika:

Lill-Korp Kompetenti, l-applikant għandu jipprovdi r-rapporti tat-testijiet li saru skont il-proċedura tat-testijiet indikata fit-Tabella 9.

Tabella 9

**Il-metodu standard tat-test għall-E. coli u għas-Salmonella spp**

Parametru	Metodu tat-test
<i>E. coli</i>	CEN/TR 16193 Hama, bijoskart trattat u ħamrija. Is-sejbien u l-enumerazzjoni tal-Escherichia Coli jew ekwivalenti
Salmonella spp	ISO 6579 Mikrobijoloġija tal-ikel u tal-ġalf tal-annimali — Metodu orizzontali għas-sejbien tas-Salmonella spp

**Il-kriterju 6 — L-istabbiltà**

Dan il-kriterju japplika għall-materjal tat-*tkabbir*, għas-sustanzi li jtejbu l-*ħamrija* u għall-*ħuxlief*, *ħliet* għall-*ħuxlief* li hu magħmul kollu minn kostitwenti linjoċellulożiċi u għall-materjali minerali tat-*tkabbir*.

Is-sustanzi li jtejbu l-*ħamrija* u l-*ħuxlief* għall-applikazzjonijiet mhux professjonali u l-materjal tat-*tkabbir* għall-applikazzjonijiet kollha għandhom jissodisfaw wieħed mir-rekwiżiti preżentati fit-Tabella 10.

Tabella 10

**Ir-rekwiżiti tal-istabbiltà tas-sustanzi li jtejbu l-*ħamrija* u tal-*ħuxlief* għall-applikazzjonijiet mhux professjonali u tal-materjal tat-*tkabbir* għall-applikazzjonijiet kollha**

Parametru tal-istabbiltà	Rekwiżit
Indiċi respirometrik massimu	15 mmol O <sub>2</sub> /kg materja organika/h
Rottegrad minimu, meta applikabbli	IV (it-temperatura tat-test self-heating togħla b'mhux aktar minn 20 °C iżjed mit-temperatura ambjentali)

Is-sustanzi li jtejbu l-*ħamrija* u l-*ħuxlief* għall-applikazzjonijiet mhux professjonali għandhom jissodisfaw wieħed mir-rekwiżiti preżentati fit-Tabella 11.

Tabella 11

**Ir-rekwiżiti tal-istabbiltà tas-sustanzi li jtejbu l-*ħamrija* u l-*ħuxlief* għall-applikazzjonijiet mhux professjonali**

Parametru tal-istabbiltà	Rekwiżit
Indiċi respirometrik massimu	25 mmol O <sub>2</sub> /kg materja organika/h
Rottegrad minimu, meta applikabbli	IV (it-temperatura tat-test self-heating togħla b'mhux aktar minn 30 °C iżjed mit-temperatura ambjentali)

Valutazzjoni u verifika:

Lill-Korp Kompetenti, l-applikant għandu jipprovdi r-rapporti tat-testijiet li saru skont il-proċedura tat-testijiet indikata fit-Tabella 12.

Tabella 12

**Il-metodu standard tat-test għall-istabbiltà**

Parametru	Metodu tat-test
Indiċi respirometriku	EN 16087-1 Sustanzi li jtejbju l-ħamrija u materjal tat-tkabbir — Determinazzjoni tal-attività bijoloġika aerobika. Ir-rata ta' assorbiment tal-os-siġnu (OUR)
Rottegrad	EN 16087-2 Sustanzi li jtejbju l-ħamrija u materjal tat-tkabbir. Determinazzjoni tal-attività bijoloġika aerobika. Test self-heating għall-kompost

**Il-kriterju 7 — Il-kontaminanti fiżiċi**

Dan il-kriterju japplika għall-materjal tat-tkabbir, għas-sustanzi li jtejbju l-ħamrija u għall-ħuxlief, ħliet għall-materjali minerali tat-tkabbir.

Il-kontenut ta' ħġieġ, metall u plastik b'malji ta' daqs > 2 mm fil-prodott finali ma għandux jaqbeż iż-0,5 %, imkejla f'termini ta' piż niexef.

*Valutazzjoni u verifika:*

Lill-Korp Kompetenti, l-applikant għandu jipprovdi r-rapporti tat-testijiet li saru skont il-proċedura tat-testijiet indikata fl-Ispeċifikazzjoni Teknika CEN/TS 16202 (Fama, bijoskart trattat u ħamrija — Determinazzjoni ta' impuritajiet u ġebel), jew proċedura tat-testijiet oħra ekwivalenti awtorizzata mill-Korp Kompetenti.

**Il-kriterju 8 — Il-materja organika u l-materja niexfa**

Dan il-kriterju japplika għas-sustanzi li jtejbju l-ħamrija u għall-ħuxlief.

Il-materja organika, bħala telf fit-tqabbid tal-prodott finali, għandha tkun mill-inqas 15 % tal-piż niexef (% DW).

Il-kontenut ta' materja niexfa fil-prodott finali għandu jkun mill-inqas 25 % tal-piż frisk (% FW).

*Valutazzjoni u verifika:*

Lill-Korp Kompetenti, l-applikant għandu jipprovdi r-rapporti tat-testijiet li saru skont il-proċedura tat-testijiet preżentata fit-Tabella 13.

Tabella 13

**Il-metodi standard tat-test għall-Materja niexfa u l-Materja organika**

Parametru	Metodu tat-test
Materja niexfa (% FW)	EN 13040 Sustanzi li jtejbju l-ħamrija u materjal tat-tkabbir. It-tnejn tal-kampjuni għat-testijiet kimiċi u fiżiċi, id-determinazzjoni tal-kontenut ta' materja niexfa, il-kontenut ta' umdità u d-densità tal-massa kompatta tal-laboratorju
Materja organika bħala telf tat-tqabbid (% DM)	EN 13039 Sustanzi li jtejbju l-ħamrija u materjal tat-tkabbir. Determinazzjoni tal-kontenut ta' materjal organiku u rmid

**Il-kriterju 9 — Żerriegħa tal-ħaxix ħażin u materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti li jkunu vijabbli**

Dan il-kriterju japplika għall-materjal tat-tkabbir u għas-sustanzi li jtejbju l-ħamrija, ħliet għall-materjali minerali tat-tkabbir.

Għal kull litru, il-prodotti finali ma għandux ikun fihom aktar minn żewġ unitajiet ta' żerriegħa tal-ħaxix ħażin u materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti li jkunu vijabbli.

*Valutazzjoni u verifika:*

Lill-Korp Kompetenti, l-applikant għandu jipprovdi r-rapport tat-testijiet li sar skont il-proċedura tat-testijiet indikata fl-Ispesifikazzjoni Teknika CEN/TS 16201 (Hama, bijoskart trattat u ħamrija — Determinazzjoni ta' ħaxix ħażin u materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti), jew proċedura tat-testijiet oħra ekwivalenti awtorizzata mill-Korp Kompetenti.

**Il-kriterju 10 — Ir-rispons tal-pjanti**

Dan il-kriterju japplika biss għall-materjal tat-tkabbir u għas-sustanzi li jtejbju l-ħamrija.

Il-prodotti finali ma għandomx jaffettwaw ħażin il-ħruġ jew it-tkabbir sussegwenti tal-pjanta.

*Valutazzjoni u verifika:*

Lill-Korp Kompetenti, l-applikant għandu jipprovdi test validu li sar skont il-proċedura tat-testijiet indikata f'EN 16086-1 (Sustanzi li jtejbju l-ħamrija u materjali tat-tkabbir — Determinazzjoni tar-rispons tal-pjanti — Parti 1: Test tat-tkabbir fil-qasrija permezz ta' kaboċċa Ċiniża).

**Il-kriterju 11 — Il-karatteristiċi tal-materjal tat-tkabbir**

Dan il-kriterju japplika biss għall-materjal tat-tkabbir.

**Il-kriterju 11.1 — Il-konduttività elettrika**

Il-konduttività elettrika tal-prodott finali għandha tkun inqas minn 100 mS/m.

*Valutazzjoni u verifika:*

Lill-Korp Kompetenti, l-applikant għandu jipprovdi test validu li sar skont il-proċedura tat-testijiet indikata f'EN 13038 (Sustanzi li jtejbju l-ħamrija u materjali tat-tkabbir — Determinazzjoni tal-konduttività elettrika).

**Il-kriterju 11.2 — Il-pH**

Il-pH tal-prodott finali għandu jkun bejn 4 u 7.

*Valutazzjoni u verifika:*

Lill-Korp Kompetenti, l-applikant għandu jipprovdi test validu li sar skont il-proċedura tat-testijiet indikata f'EN 13037 (Sustanzi li jtejbju l-ħamrija u materjali tat-tkabbir — Determinazzjoni tal-pH).

**Il-kriterju 11.3 — Il-kontenut tas-sodju**

Il-kontenut tas-sodju fl-estratti tal-ilma tal-prodott finali ma għandux jaqbeż il-150 mg/l tal-prodott frisk.

*Valutazzjoni u verifika:*

Lill-Korp Kompetenti, l-applikant għandu jipprovdi test validu li sar skont il-proċedura tat-testijiet indikata f'EN 13652 (Sustanzi li jtejbju l-ħamrija u materjali tat-tkabbir — Determinazzjoni ta' nutrijenti u elementi solubbli fl-ilma).

**Il-kriterju 11.4 — Il-kontenut tal-klorur**

Il-kontenut tal-klorur fl-estratti tal-ilma tal-prodott finali ma għandux jaqbeż il-500 mg/l tal-prodott frisk.

*Valutazzjoni u verifika:*

Lill-Korp Kompetenti, l-applikant għandu jipprovdi test validu li sar skont il-proċedura tat-testijiet indikata f'EN 13652 (Sustanzi li jtejbju l-ħamrija u materjali tat-tkabbir — Determinazzjoni ta' nutrijenti u elementi solubbli fl-ilma).

**Il-kriterju 12 — L-għoti tal-informazzjoni**

Dan il-kriterju japplika għall-materjal tat-tkabbir, għas-sustanzi li jtejbu l-ħamrija u għall-ħuxlief.

Din l-informazzjoni għandha tingħata titniżżel fuq l-imballaġġ tal-prodott inkella fl-iskedi informattivi li jakkompanjawh.

**Il-kriterju 12.1 — Is-sustanzi li jtejbu l-ħamrija**

- (a) L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-kummerċjalizzazzjoni;
- (b) Deskrizzjoni li tidentifika t-tip tal-prodott li jkollha l-kliem “SUSTANZA LI TTEJJB IL-ĦAMRIJA”;
- (c) Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-lott;
- (d) Il-kwantità (skont il-piż);
- (e) Il-firxa ta' kontenut ta' umdità;
- (f) Il-materjali ewlenin (dawk li jaqbżu l-5 % skont il-piż) li bihom ġie magħmul il-prodott;
- (g) Il-kundizzjonijiet rakkomandati għall-ħażna u d-data “uża sa” rakkomandata;
- (h) Linji gwida għal maniġġ u użu sikur;
- (i) Deskrizzjoni tal-iskop li għalih hu maħsub il-prodott u kull limitazzjonijiet fuq l-użu, inkluża dikjarazzjoni dwar l-adeqwatezza tal-prodott għal gruppi ta' pjanti partikolari (bħall-kalċifugi jew il-kalċikoli);
- (j) Il-pH (referenza għall-metodu tat-test użat);
- (k) Il-kontenut tal-karbonju organiku (%), il-kontenut totali tan-nitroġenu (%) u l-kontenut tan-nitroġenu inorganiku (%) (referenza għall-metodu tat-test użat);
- (l) Il-proporzjon ta' karbonju u nitroġenu;
- (m) Il-kontenut totali ta' fosforu (%) u ta' potassju (%) (referenza għall-metodu tat-test użat);
- (n) Għall-prodotti għal użu mhux professjonali, dikjarazzjoni dwar l-istabbiltà tal-materja organika (stabbli jew stabbli ħafna);
- (o) Dikjarazzjoni dwar il-metodi tal-użu rakkomandati;
- (p) F'applikazzjonijiet mhux professjonali: ir-rata ta' applikazzjoni rakkomandata espressa f'kilogrammi tal-prodott għal kull unità tal-erja tas-superfiċe (m<sup>2</sup>) fis-sena.

**Il-kriterju 12.2 — Il-materjal tat-tkabbir**

- (a) L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-kummerċjalizzazzjoni;
- (b) Deskrizzjoni li tidentifika t-tip tal-prodott li jkollha l-kliem “MATERJAL TAT-TKABBIR”;
- (c) Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-lott;
- (d) Il-kwantità (f'volum jew f'għadd ta' biċċiet, u fil-każ tas-suf minerali jridu jingħataw il-qisien ta' kull biċċa);
- (e) Il-firxa ta' kontenut ta' umdità;
- (f) Il-materjali ewlenin (dawk li jaqbżu l-5 % skont il-volum) li bihom ġie magħmul il-prodott;
- (g) Il-kundizzjonijiet rakkomandati għall-ħażna u d-data “uża sa” rakkomandata;
- (h) Linji gwida għal maniġġ u użu sikur;
- (i) Deskrizzjoni tal-iskop li għalih hu maħsub il-prodott u kull limitazzjonijiet fuq l-użu, inkluża dikjarazzjoni dwar l-adeqwatezza tal-prodott għal gruppi ta' pjanti partikolari (bħall-kalċifugi jew il-kalċikoli);
- (j) Il-pH (EN 13037);



- (k) Il-konduttività elettrika (estrazzjoni 1:5);
- (l) L-inibizzjoni tal-ġerminazzjoni (EN 16086-1);
- (m) L-inibizzjoni tat-tkabbir (EN 16086-1);
- (n) Dikjarazzjoni dwar l-istabbiltà tal-materja organika (stabbli jew stabbli ħafna);
- (o) Dikjarazzjoni dwar il-metodi tal-użu rakkomandati;
- (p) Għall-materjal minerali tat-tkabbir, dikjarazzjoni dwar l-applikazzjoni ortikulturali professjonali.

### **Il-kriterju 12.3 — Il-ħuxlief**

- (a) L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-kummerċjalizzazzjoni;
- (b) Deskrizzjoni li tidentifika t-tip tal-prodott li jkollha l-kliem "ĦUXLIEF";
- (c) Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-lott;
- (d) Il-kwantità (skont il-volum);
- (e) Il-firxa ta' kontenut ta' umdità;
- (f) Il-materjali ewlenin (dawk li jaqbu 1-5 % skont il-volum) li bihom ġie magħmul il-prodott;
- (g) Linji gwida għal maniġġ u użu sikur;
- (h) Deskrizzjoni tal-iskop li għalih hu maħsub il-prodott u kull limitazzjonijiet fuq l-użu, inkluża dikjarazzjoni dwar l-adeqgatezza tal-prodott għal gruppi ta' pjanti partikolari (bħall-kalċifugi jew il-kalċikoli);
- (i) Il-pH (referenza għall-metodu tat-test użat);
- (j) Għall-prodotti għal użu mhux professjonali, meta jkun japplika, għandha tingħata dikjarazzjoni dwar l-istabbiltà tal-materja organika (stabbli jew stabbli ħafna);
- (k) Dikjarazzjoni dwar il-metodi tal-użu rakkomandati;
- (l) F'applikazzjonijiet mhux professjonali: ir-rata ta' applikazzjoni rakkomandata espressa f'mm.

#### *Valutazzjoni u verifika:*

L-applikant għandu jiddikjara li l-prodott hu konformi ma' dan il-kriterju u lill-Korp Kompetenti għandu jipprovdi kampjun tal-imballaġġ jew tal-iskedi informattivi jew it-test tal-informazzjoni għall-utent miktuba fuq l-imballaġġ jew fuq l-iskedi informattivi li jakkumpanjaw lill-prodott.

### **Il-kriterju 13 — L-informazzjoni li tidher fuq l-Ekotikketta tal-UE**

It-tikketta fakultattiva b'kaxxa għall-kitba għandha tinkludi dan it-test:

- dan il-prodott jipromwovi r-riċiklaġġ tal-materjali
- dan il-prodott jipromwovi l-użu ta' materjali rinnovabbli u riċiklati

Għas-sustanzi li jtejbu l-ħamrija u għall-ħuxlief, għandha tiżdied din l-informazzjoni addizzjonali:

- dan il-prodott inaqqas it-tniġġis tal-ħamrija u tal-ilma għax jillimita l-konċentrazzjonijiet tal-metalli tqal

Il-linji gwida għall-użu tat-tikketta fakultattiva bil-kaxxa testwali jinsabu fil-"Linji gwida għall-użu tal-logo tal-Ekotikketta tal-UE" fuq is-sit elettroniku:

[http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/documents/logo\\_guidelines.pdf](http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/documents/logo_guidelines.pdf)

*Valutazzjoni u verifika:*

Lill-Korp Kompetenti, l-applikant għandu jipprovdilu kampjun tal-imballaġġ tal-prodott fejn tidher it-tikketta flimkien ma' dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju.

---

Appendiċi 1

**Il-frekwenza tat-teħid tal-kampjuni u tal-ittestjar għas-sena tal-applikazzjoni**

Tip ta' impjant	Kriterju	Kontribut/produzzjoni annwali	Frekwenza tat-test	
It-tip 1: Impjanti għat-trattament tal-iskart jew ta' prodotti sekondarji tal-annimali	5.1 — Limiti għall-metalli tqal	Kontribut (t) ≤ 3 000	1 għal kull 1 000 tunnellata ta' materjal użat aġġustat għan-numru sħiħ ta' wara	
	5.5 — Limiti għall-E. coli u għas-Salmonella spp			
	6 — L-istabbiltà	3 000 < kontribut (t) ≤ 20 000	4 (kampjun wieħed kull staġun)	
	7 — Il-kontaminanti fiżiċi	Kontribut (t) > 20 000	L-għadd ta' analiżijiet fis-sena = l-għadd ta' materjal użat fis-sena (f'tunnellati)/10 000 tunnellata + 1 Minimu 4 u massimu 12	
	8 — Il-materja organika u l-materja niexfa			
	9 — Żerriegħa tal-ħaxix ħażin u materjal ta' propa-gazzjoni tal-pjanti li jkunu vijabbli			
	10 — Ir-rispons tal-pjanti			
	11 — Il-karatteristiċi tal-materjal tat-tkabbir			
	5.2 — Il-PAH		Kontribut (t) ≤ 3 000	1
			3 000 < kontribut (t) ≤ 10 000	2
			10 000 < kontribut (t) ≤ 20 000	3
			20 000 < kontribut (t) ≤ 40 000	4
			40 000 < kontribut (t) ≤ 60 000	5
		60 000 < kontribut (t) ≤ 80 000	6	
		80 000 < kontribut (t) ≤ 100 000	7	
		100 000 < kontribut (t) ≤ 120 000	8	
		120 000 < kontribut (t) ≤ 140 000	9	
		140 000 < kontribut (t) ≤ 160 000	10	
	160 000 < kontribut (t) ≤ 180 000	11		
	Kontribut (t) > 180 000	12		

Tip ta' impjant	Kriterju	Kontribut/produzzjoni annwali	Frekwenza tat-test
It-tip 2: Impjanti għall-manifattura ta' prodotti li jużaw materjali minn impjanti tat-Tip 1.	5.1 — Limiti għall-metalli tqal	Produzzjoni (m <sup>3</sup> ) ≤ 5 000	Kampjuni mħallta rappreżentattivi minn 2 lottijiet skont EN 12579 <sup>(1)</sup>
	5.5 — Limiti għall-E. coli u għas-Salmonella spp		
	6 — L-istabbiltà	Produzzjoni (m <sup>3</sup> ) > 5 000	Kampjuni mħallta rappreżentattivi minn 4 lottijiet skont EN 12579
	7 — Il-kontaminanti fiżiċi		
	8 — Il-materja organika u l-materja niexfa		
	9 — Żerriegħa tal-ħaxix ħażin u materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti li jkunu vijabbli		
10 — Ir-rispons tal-pjanti	Produzzjoni (m <sup>3</sup> ) ≤ 5 000	Kampjuni mħallta rappreżentattivi minn lott (1) skont EN 12579	
11 — Il-karatteristiċi tal-materjal tat-tkabbir			
5.2 — Il-PAH	Produzzjoni (m <sup>3</sup> ) > 5 000	Kampjuni mħallta rappreżentattivi minn 2 lottijiet skont EN 12579	
It-tip 3: Impjanti għall-manifattura ta' prodotti li MA JU-ŻAWX materjali dderivati minn skart jew minn prodotti sekondarji tal-annimali	5.1 — Limiti għall-metalli tqal	Produzzjoni (m <sup>3</sup> ) ≤ 5 000	Kampjuni mħallta rappreżentattivi minn lott (1) skont EN 12579
	5.5 — Limiti għall-E. coli u għas-Salmonella spp		
	6 — L-istabbiltà	Produzzjoni (m <sup>3</sup> ) > 5 000	Kampjuni mħallta rappreżentattivi minn 2 lottijiet skont EN 12579
	7 — Il-kontaminanti fiżiċi		
	8 — Il-materja organika u l-materja niexfa		
	9 — Żerriegħa tal-ħaxix ħażin u materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti li jkunu vijabbli		
Il-kriterju 10 — Ir-rispons tal-pjanti	Irrispettivament mill-kontribut/produzzjoni	Kampjuni mħallta rappreżentattivi minn lott (1) skont EN 12579	
Il-kriterju 11 — Il-karatteristiċi tal-materjal tat-tkabbir			
5.2 — Il-PAH			

<sup>(1)</sup> EN 12579 Sustanzi li jtejbju l-ħamrija u materjal tat-tkabbir. Teħid tal-kampjuni

Appendiċi 2

**Il-frekwenza tat-teħid tal-kampjuni u tal-ittestjar għas-snin ta' wara**

Tip ta' impjant	Kriterji	Kontribut/produzzjoni annwali	Frekwenza tat-test
It-tip 1: Impjanti għat-trattament tal-iskart jew ta' prodotti sekondarji tal-annimali	5.1 — Limiti għall-metalli tqal	Kontribut (t) ≤ 1 000	1
	5.5 — Limiti għall-E. coli u għas-Salmonella spp	Kontribut (t) > 1 000	L-għadd ta' analiżijiet fis-sena = l-għadd ta' materjal użat fis-sena (ftunnellati)/10 000 tunnellata + 1 Minimu 2 u massimu 12
	6 — L-istabbiltà		
	7 — Il-kontaminanti fiżiċi		
	8 — Il-materja organika u l-materja niexfa		
	9 — Żerriegħa tal-ħaxix ħażin u materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti li jkunu vijabbli		
	10 — Ir-rispons tal-pjanti		
	11 — Il-karatteristiċi tal-materjal tat-tkabbir		
	Il-kriterju 5.2 — Il-PAH		
		10 000 < kontribut (t) ≤ 25 000	0,5 (darba kull sentejn (2))
		25 000 < kontribut (t) ≤ 50 000	1
		50 000 < kontribut (t) ≤ 100 000	2
		100 000 < kontribut (t) ≤ 150 000	3
		150 000 < kontribut (t) ≤ 200 000	4
		200 000 < kontribut (t) ≤ 250 000	5
250 000 < kontribut (t) ≤ 300 000		6	
300 000 < kontribut (t) ≤ 350 000		7	
350 000 < kontribut (t) ≤ 400 000		8	
400 000 < kontribut (t) ≤ 450 000		9	
450 000 < kontribut (t) ≤ 500 000		10	
500 000 < kontribut (t) ≤ 550 000	11		
Kontribut (t) > 550 000	12		

Tip ta' impjant	Kriterji	Kontribut/produzzjoni annwali	Frekwenza tat-test
It-tip 2: Impjanti għall-manifattura ta' prodotti li jużaw materjali minn impjanti tat-Tip 1.	5.1 — Limiti għall-metalli tqal 5.5 — Limiti għall-E. coli u għas-Salmonella spp	Produzzjoni (m <sup>3</sup> ) ≤ 5 000	Kampjuni mħallta rappreżentattivi minn lott (1) skont EN 12579
	6 — L-istabbiltà 7 — Il-kontaminanti fiżiċi 8 — Il-materja organika u l-materja niexfa 9 — Żerriegħa tal-ħaxix ħażin u materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti li jkunu vijabbli 10 — Ir-rispons tal-pjanti 11 — Il-karatteristiċi tal-materjal tat-tkabbir	Produzzjoni (m <sup>3</sup> ) > 5 000	Kampjuni mħallta rappreżentattivi minn 2 lottijiet skont EN 12579
	Il-kriterju 5.2 — Il-PAH	Produzzjoni (m <sup>3</sup> ) ≤ 15 000	Kampjuni mħallta rappreżentattivi minn lott (1) skont EN 12579, darba kull erba' snin
		15 000 < Produzzjoni (m <sup>3</sup> ) ≤ 40 000	Kampjuni mħallta rappreżentattivi minn lott (1) skont EN 12579, darba kull sentejn
		Produzzjoni (m <sup>3</sup> ) > 40 000	Kampjuni mħallta rappreżentattivi minn lott (1) skont EN 12579, darba kull sena
	It-tip 3: Impjanti għall-manifattura ta' prodotti li MA JU-ŻAWX materjali dderivati minn skart jew minn prodotti sekondarji tal-annimali	5.1 — Limiti għall-metalli tqal 5.5 — Limiti għall-E. coli u għas-Salmonella spp 6 — L-istabbiltà 7 — Il-kontaminanti fiżiċi 8 — Il-materja organika u l-materja niexfa 9 — Żerriegħa tal-ħaxix ħażin u materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti li jkunu vijabbli 10 — Ir-rispons tal-pjanti 11 — Il-karatteristiċi tal-materjal tat-tkabbir	Irrispettivament mill-kontribut/produzzjoni
Il-kriterju 5.2 — Il-PAH		Irrispettivament mill-kontribut/produzzjoni	Kampjuni mħallta rappreżentattivi minn lott (1) skont EN 12579, darba kull 4 snin

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2100****tat-18 ta' Novembru 2015****li tawtorizza metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal fil-Latvja u li tħassar id-Deċiżjoni 2005/307/KE***(notifikata bid-dokument C(2015) 7986)***(It-test bil-Latvjan biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(p) u (t) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Punt 1 tat-Taqsima B.IV tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fih previst li, għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal, il-kontenut tal-laħam dgħif irid jiġi vvalutat permezz ta' metodi ta' klassifikazzjoni awtorizzati mill-Kummissjoni u jistgħu jiġu awtorizzati biss metodi ta' valutazzjoni ppruvati statistikament ibbażati fuq il-kejl fiżiku ta' parti anatomika waħda jew aktar tal-karkassa tal-majjal. L-awtorizzazzjoni tal-metodi ta' klassifikazzjoni għandha tkun soġġetta għall-konformità b'tolleranza massima għal żball statistiku fil-valutazzjoni. Dik it-tolleranza hija definita fl-Artikolu 23(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/2008 <sup>(2)</sup>.
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/307/KE <sup>(3)</sup>, ġie awtorizzat l-użu ta' tliet metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal fil-Latvja.
- (3) Il-Latvja talbet lill-Kummissjoni tawtorizza s-sostituzzjoni tal-formula użata fl-"Intrascop (Optical Probe)", il-"Metodu Manwali (ZP)" u l-"Pork Grader (PG 200)", kif ukoll tawtorizza metodu ġdid wieħed, "OptiGrade-MCP", għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fit-territorju tagħha. Il-Latvja ppreżentat deskrizzjoni dettaljata tal-prova tad-dissezzjoni, bl-indikazzjoni tal-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-formula l-għdida, ir-riżultat tal-prova tad-dissezzjoni tagħha u l-ekwazzjonijiet użati għall-valutazzjoni tal-perċentwal tal-laħam dgħif fil-protokoll previst fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/2008.
- (4) Eżami ta' dik it-talba wera li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' dik il-formula u l-metodi tal-klassifikazzjoni ġodda huma ssodisfati. Għalhekk dik il-formula u l-metodi għandhom jiġu awtorizzati fil-Latvja.
- (5) Il-Latvja talbet ukoll lill-Kummissjoni biex tkun awtorizzata tistipula preżentazzjoni ta' karkassi tal-majjali differenti mill-preżentazzjoni standard definita fil-punt B.III tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.
- (6) Skont l-Artikolu 20(t)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-Istati Membri jistgħu jiġu awtorizzati jipprevedu preżentazzjoni ta' karkassi tal-majjali differenti mill-preżentazzjoni standard definita fil-punt B.III tal-Anness IV, meta l-prassi kummerċjali normali fit-territorju tagħhom tkun differenti mill-preżentazzjoni standard. Fit-talba tagħha, il-Latvja speċifikat li fit-territorju tagħha l-prassi kummerċjali tista' teħtieġ li r-ras, id-denb, is-saqajn ta' quddiem u ta' wara jitneħħew mill-karkassi tal-majjal. Din il-preżentazzjoni li hija differenti mill-preżentazzjoni standard għandha għalhekk tiġi awtorizzata fil-Latvja.
- (7) Sabiex ikunu stabbiliti l-kwotazzjonijiet għall-karkassi tal-majjali fuq bażi komparabbli, din il-preżentazzjoni differenti għandha titqies billi f'dawn il-każijiet il-piż irreġistrat jiġi aġġustat b'relazzjoni għall-piż tal-preżentazzjoni standard.
- (8) Il-modifiki tal-apparat jew tal-metodi ta' klassifikazzjoni ma għandhomx ikunu permessi, sakemm ma jkunux awtorizzati espliċitament permezz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/2008 tal-10 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-iskali tal-Komunità għall-klassifikazzjoni ta' karkassi taċ-ċanga, tal-majjal, u tal-laħam tan-nagħaġ u r-rapportar tal-prezzijiet tagħhom (ĠUL 337, 16.12.2008, p. 3).<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/307/KE tat-12 ta' April 2005 tawtorizza metodu għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal fil-Latvja (ĠUL 98, 16.4.2005, p. 42).

- (9) Għal raġunijiet ta' ċarezza u ċertezza legali, għandha tiġi adottata Deċiżjoni ġdida. Għalhekk id-Deċiżjoni 2005/307/KE għandha titħassar.
- (10) Fid-dawl ta' ċirkostanzi tekniċi, u filwaqt li jiddaħħlu metodi u formula ġodda, il-metodi tal-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali awtorizzati skont din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2016.
- (11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

L-użu tal-metodi li ġejjin huwa awtorizzat għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal skont il-punt 1 tat-Taqsima B.IV tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fil-Latvja:

- (a) l-apparat "Intra-scope (Optical Probe)" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti I tal-Anness;
- (b) l-apparat "Manual method (ZP)" u l-metodi ta' valutazzjoni relatati miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti II tal-Anness;
- (c) l-apparat "Pork Grader (PG200)" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti III tal-Anness;
- (d) l-apparat "OptiGrade-MCP" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tiegħu jinsabu fil-Parti IV tal-Anness.

Il-metodu manwali ZP msemmi f'punt (b) tal-ewwel paragrafu, għandu jiġi awtorizzat biss għall-biċċeriji

- (a) bl-użu ta' metodu tal-input tad-dejta elettronika mal-limitu ta' qatliet ta' mhux aktar minn 500 majjal fil-ġimgħa,
- (b) li l-limitu ta' qatliet ta' mhux aktar minn 200 majjal fil-ġimgħa.

#### Artikolu 2

Minkejja l-preżentazzjoni standard stabbilita fl-ewwel paragrafu tal-punt B.III tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-karkassi tal-majjali fil-Latvja jistgħu jiġu ppreżentati mingħajr ma jitnehew ir-ras, id-denb, is-saqajn ta' quddiem u ta' wara, qabel ma jintiżnu u jiġu kklassifikati.

Sabiex ikunu stabbiliti l-kwotazzjonijiet għall-karkassi tal-majjali fuq bażi komparabbli, għandhom jiġu applikati l-koeffiċjenti fissi li ġejjin fil-każijiet kollha jekk ikunu nieqsa xi partijiet tal-karkassa li ġejjin:

- jekk tonqos ir-ras: 8,345
- jekk jonqos id-denb: 0,072
- jekk jonqsu is-saqajn ta' quddiem: 0,764
- jekk jonqsu is-saqajn ta' wara: 1,558

Il-preżentazzjoni standard tal-piż tal-karkassa għandu jiġi kkalkulat skont il-formula:

Standard ta' preżentazzjoni tal-piż tal-karkassa =  $100 \times \text{il-piż tal-karkassa (mingħajr il-parti(jiet) neqsin)} / (100 - \text{il-koeffiċjent(i) għal parti(jiet) neqsin})$

#### Artikolu 3

Il-modifiki tal-apparat jew tal-metodi ta' klassifikazzjoni awtorizzati ma għandhomx ikunu permessi, sakemm dawk il-modifiki ma jkunux awtorizzati espliċitament permezz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni.



*Artikolu 4*

Id-Deċiżjoni 2005/307/KE hija mħassra.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2016.

*Artikolu 6*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Latvja.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kummissjoni*  
Phil HOGAN  
*Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX

## METODI GĦALL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-KARKASSI TAL-MAJJALI FIL-LATVJA

## Parti I

## INTRASCOPE (OPTICAL PROBE)

1. Ir-regoli previsti f'din il-Parti għandhom japplikaw meta l-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal issir permezz ta' apparat imsejjaħ "Intrascop (Optical Probe)".
2. L-apparat għandu jkun mgħammar b'sonda ta' forma skorfini essagonali b'wisa' massima ta' 12-il millimetru (u ta' 19-il millimetru fix-xafra fuq in-naħa fuq tas-sonda) li jkun fiha apertura biex tħares minnha u sors ta' dawl, tubu ċilindriku li jiżżerżaq, u li jkollha distanza operattiva ta' bejn 8 u 50 millimetru.
3. Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassa għandu jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

$$\hat{y} = 66,6708 - 0,3493 \times F \text{ meta:}$$

$\hat{y}$  = il-perċentwal tal-laħam dgħif smat fil-karkassa,

F = il-ħxuna tax-xaħam tad-dahar (bil-ġilda ta' barra), imkejla fuq in-naħa tax-xellug tal-karkassa wara l-aħħar kustilja 6 cm mil-linja tan-nofs tal-karkassa (f'millimetri).

Il-formola għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 60 u 110 kilogrammi.

## Parti II

## METODU MANWALI (ZP)

1. Ir-regoli previsti f'din il-Parti għandhom japplikaw meta l-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali ssir permezz tal-metodu manwali (ZP).
2. Il-metodu jista' jiġi implimentat permezz ta' riga, meta l-klassifika tiġi ddeterminata abbażi ta' ekwazzjoni ta' tbassir. Huwa bbażat fuq il-kejl manwali tal-linja tan-nofs tal-karkassa maqsuma tal-ħxuna tax-xaħam tad-dahar u l-ħxuna tal-muskolu.
3. Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassa għandu jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

$$\hat{y} = 60,5214 - 0,2579 \times G + 0,0525 \times M$$

meta:

$\hat{y}$  = il-perċentwal tal-laħam dgħif smat fil-karkassa,

G = il-ħxuna tal-muskolu fuq il-linja tan-nofs tal-karkassa maqsuma, imkejla fuq l-iqsar distanza bejn it-tarf tal-kranju tal-m. gluteus medius u t-tarf tal-canalīs vertebralis (f'millimetri).

M = il-ħxuna tax-xaħam tad-dahar (inkluża l-ġilda ta' barra) fil-linja tan-nofs tal-karkassa maqsuma, imkejla fuq l-iqas post fuq il-muskolu tal-m. gluteus medius (f'millimetri).

Il-formola għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 60 u 110 kilogrammi.

## Parti III

## PORK GRADER (PG200)

1. Ir-regoli previsti f'din il-Parti għandhom japplikaw meta l-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal ssir permezz tal-apparat imsejjaħ "Pork Grader (PG200)".

2. L-apparat għandu jkun mgħammar b'sonda tal-kejl imwahnha fuq kejsing b'forma ta' pistola, stampatur tal-karti tad-data u blokkja tal-provi għal verifika tal-kalibrazzjoni, kif ukoll b'xafra wiesgħa ta' 8-9 mm u dawl LED b'riċevitur tad-dawl (fotoditekteur).

3. Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassa għandu jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

$$\hat{y} = 64,4502 - 0,4364 \times F + 0,0381 \times M \text{ meta:}$$

$\hat{y}$  = il-perċentwal tal-laħam dgħif stmat fil-karkassa,

F = il-ħxuna tax-xaħam tad-dahaar (bil-ġilda ta' barra), imkejla wara l-aħħar kustilja 7 cm mil-linja tan-nofs tal-karkassa (f'millimetri).

M = il-ħxuna tal-muskolu, imkejla wara l-aħħar kustilja, 7 cm 'l barra mil-linja tan-nofs tal-karkassa (f'millimetri).

Il-formola għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 60 u 110 kilogrammi.

#### Parti IV

##### OPTIGRADE-MCP

1. Ir-regoli stipulati f'din il-Parti għandhom japplikaw meta l-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali ssir permezz tal-apparat magħruf bħala "OptiGrade-MCP".

2. L-apparat għandu jkun mgħammar bi prob ottika b'dijametru ta' 6 mm, fotodajowd infrared wieħed u fototranżister. Ir-riżultati tal-kejl jiġu kkonvertiti f'kontenut ta' laħam dgħif stmat permezz ta' kompjuter.

3. Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassa għandu jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

$$\hat{y} = 66,7787 - 0,4464 \times F + 0,0018 \times M$$

meta:

$\hat{y}$  = il-perċentwal tal-laħam dgħif stmat fil-karkassa,

F = il-ħxuna tax-xaħam tad-dahaar (bil-ġilda ta' barra), imkejla fuq bejn l-aħħar kustilja u l-kustilja ta' qabel tal-aħħar 7 cm mil-linja tan-nofs tal-karkassa (f'millimetri).

M = il-ħxuna tal-muskolu, imkejla bejn l-aħħar kustilja u l-kustilja ta' qabel tal-aħħar 7 cm mil-linja tan-nofs tal-karkassa (f'millimetri).

Il-formola għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 60 u 110 kilogrammi.

**DEĊIŻJONI (UE) 2015/2101 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW****tal-5 ta' Novembru 2015****li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/774 dwar programm ta' xiri ta' assi ta' swieq sekondarji mis-settur pubbliku (BĊE/2015/33)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12.1 flimkien mal-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1, u l-Artikolu 18.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-4 ta' Marzu 2015, il-Kunsill Governattiv adotta d-Deċiżjoni (UE) 2015/774 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2015/10) <sup>(1)</sup> li stabbilixxiet programm ta' xiri ta' assi tas-settur pubbliku minn swieq sekondarji (iktar 'il quddiem il-“PSPP”). L-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/774 (BĊE/2015/10) jipprovdi li xirjiet ta' titoli ta' dejn negozjabbli eliġibbli taħt il-PSPP huma soġġetti għal limitu inizjali ta' ħruġ ta' ishma ta' 25 % għal kull numru internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli (ISIN). Dan il-limitu inizjali kellu jiġi rrevedut mill-Kunsill Governattiv wara l-ewwel sitt xhur tal-implimentazzjoni tal-PSPP.
- (2) Fit-3 ta' Settembru 2015, il-Kunsill Governattiv iddeċieda fil-prinċipju li jżid il-limitu ta' ħruġ ta' ishma tal-PSPP minn 25 % għal 33 % għal kull ISIN, soġġett għal verifika fuq bażi ta' każ b'każ li parteċipazzjoni ta' 33 % għal kull ISIN mhux ser twassal lill-banek ċentrali tal-Eurosistema biex jilħqu parteċipazzjonijiet minoritarji li jistgħu jimblukkaw ristrutturar ordnat ta' dejn.
- (3) Iż-żieda prevista tal-limitu ta' ħruġ ta' ishma tal-PSPP hija mmirata li tippromwovi l-implimentazzjoni sħiħa u bla xkiel tal-PSPP, waqt li fl-istess ħin tippermetti l-operat bla xkiel tas-swieq f'titoli ta' dejn negozjabbli eliġibbli u tevita t-tfixkil ta' ristrutturar ordnat ta' dejn.
- (4) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni (UE) 2015/774 (BĊE/2015/10) għandha tiġi emendata f'dan is-sens,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Emenda**

L-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/774 (BĊE/2015/10) huwa mibdul b'li ġej:

“1. Bla ħsara għall-Artikolu 3, limitu ta' ħruġ ta' ishma skont in-numru tal-identifikazzjoni ta' titoli internazzjonali (ISIN) għandu japplika taħt il-PSPP għal titoli ta' dejn negozjabbli li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3, wara li jiġu kkonsolidati l-investimenti fil-portafolli tal-banek ċentrali tal-Eurosistema.

Sa mill-10 ta' Novembru 2015, il-limitu ta' ħruġ ta' ishma huwa ffissat għal 33 % għal kull ISIN. Bħala eċċezzjoni, il-limitu ta' ħruġ ta' ishma huwa ffissat għal 25 % għal kull ISIN għal titoli ta' dejn negozjabbli eliġibbli li jkun fihom klawnsola ta' azzjoni kollettiva (collective action clause — CAC) li tvarja mill-mudell għaż-żona tal-euro CAC elaborat mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u implimentat mill-Istati Membri skont l-Artikolu 12(3) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Mekkaniżmu ta' Stabbiltà Ewropew, iżda ser jiżdied għal 33 %, soġġett għal verifika fuq il-bażi ta' każ b'każ li parteċipazzjoni ta' 33 % għal kull ISIN mhux ser twassal lill-banek ċentrali tal-Eurosistema biex jilħqu parteċipazzjonijiet minoritarji li jistgħu jimblukkaw ristrutturar ordnat ta' dejn.”

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni (UE) 2015/774 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Marzu 2015 dwar programm ta' xiri ta' assi ta' swieq sekondarji mis-settur pubbliku (BĊE/2015/10) (ĠU L 121, 14.5.2015, p. 20).

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-10 ta' Novembru 2015.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-5 ta' Novembru 2015.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

---

**RETTIFIKA****Rettifika tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/848/PESK tas-16 ta' Diċembru 2011 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 335 tas-17 ta' Diċembru 2011)

Fpaġna 83, firma:

*flok:* "Għall-Kunsill  
Il-President  
T. NALEWAJK";  
*aqra:* "Għall-Kunsill  
Il-President  
M. SAWICKI".

---

**Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 683/2011 tas-17 ta' Ġunju 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 57/2011 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 187 tas-16 ta' Lulju 2011)

Fit-titolu fil-paġna tal-kontenut u t-titolu fpaġna 1:

*flok:* "Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 683/2011 tas-17 ta' Ġunju 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 57/2011...";  
*aqra:* "Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 683/2011 tal-20 ta' Ġunju 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 57/2011...".

---



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**